L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# ĊES 22 Sillabu

## Il-Malti

**2025**

Aġġornat – 29 ta' Settembru 2021

# Il-Werrej

L-Introduzzjoni ..... 2
Il-Lista ta’ Kisbiet mit-Tagħlim..... 3
Il-Komponenti tas-Suġġett ..... 4
Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm ..... 4
Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar ..... 7
L-Iskema tal-Assessjar ..... 24
Il-Kandidati tal-Iskola ..... 24
Il-Kandidati Privati ..... 25
Tipi ta’ Coursework ..... 27
Karta Mudell: Karta Controlled QMK 1-2 ..... 96
Karta Mudell: Karta Controlled QMK 2-3 ..... 114
Karta Mudell: Karta Controlled QMK 1-2 Kandidati Privati ..... 132
Karta Mudell: Karta Controlled QMK 2-3 Kandidati Privati ..... 152
L-Appendiċi ..... 173

# L-Introduzzjoni

Dan is-sillabu huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-kurrikulu msemmija fil-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF), li ssarraf f'liġi fl-2012. Is-sillabu huwa mfassal bl-użu tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, li jidentifika l-istudenti x'għandhom ikunu jafu u x'jistgħu jilħqu sat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja.

Bħala sillabu li huwa bbażat fuq il-kisbiet mit-tagħlim, jindirizza l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti kollha u jirrakkomanda edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti minn strateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja. Dan jassigura li t-tfal kollha jkunu jistgħu jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex 'il quddiem isiru ċittadini attivi u jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż u l-orjentazzjoni sesswali. Dan is-sillabu jipprovdi opportunitajiet ġusti għall-istudenti kollha sabiex jilħqu kisbiet edukattivi sa tmiem il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dan jippermettilhom li jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja, inaqqsu r-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola u jassiguraw li l-istudenti kollha jiksbu l-kompetenzi ewlenin tas-seklu wieħed u għoxrin.

Dan il-programm jinkludi wkoll kisbiet ta' tagħlim relatati ma' temi kurrikulari wiesgħa, jiġifieri l-litteriżmu diġitali; id-diversità; il-kreattività u l-innovazzjoni tal-intraprenditorija; l-iżvilupp sostenibbli u t-tagħlim u l-litteriżmu kooperattiv. B'dan il-metodu, l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu b'mod sħiħ il-ħiliet, l-għarfien, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex javvanzaw fit-tagħlim, fix-xogħol, fil-ħajja u fiċ-ċittadinanza.

**X'inhu s-suġġett u kif huwa relatat ma' ħajjet il-kandidati, ma' Malta, u/jew mad-dinja?**

Il-Malti, il-lingwa nazzjonali tagħna, huwa suġġett ewlieni u essenzjali fis-sistema edukattiva tagħna. Il-Malti huwa mezz komunikattiv u interattiv li jħaddan fih komunità waħda b'realtajiet diversi, u jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar skont il-milja taż-żmien. Permezz tal-Malti, l-istudenti se jkomplu jwessgħu l-esperjenza skolastika tagħhom fl-iżvilupp personali, kemm bħala individwi kif ukoll bħala ċittadini Maltin u Ewropej. Bil-Malti se jkomplu jwessgħu u jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u b'hekk ikunu aktar imħejjija li jaqbdu opportunitajiet differenti ta' impjiegi. Il-metodoloġija li għandha titħaddem fit-tagħlim tal-kisbiet mit-tagħlim ta' dan is-sillabu hija li jien nitgħallem billi nagħmel u nipparteċipa b'mod attiv.

Dan is-sillabu jibni fuq żvilupp ta' għarfien, ħiliet, oqsma, kompetenzi u attitudnijiet li kull student, fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja tiegħu, għandu jkun mogħni bihom. Il-kisbiet ewlenin tas-sillabu jorbtu mal-qasam tal-iżvilupp tal-lingwi.

**Fiex jikkonsisti l-istudju ta' dan is-suġġett?**

Il-qafas jikkonsisti fi ħmistax-il kisba mit-tagħlim mifruxa taħt l-erba' ħiliet u żewġ oqsma tal-lingwa. Taħt kull kisba hemm kriterji tal-assessjar li fuqhom jinbena l-materjal għall-Coursework u l-Controlled, li se jinfirxu tul it-tliet snin tal-programm edukattiv.

L-għanijiet ta' dan il-programm ta' kisbiet mit-tagħlim għal dan is-suġġett huma:

1. It-tħaddim tal-lingwa f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni u l-interazzjoni.
2. Il-ħila komunikattiva skont ir-reġistru u l-forma li tkun titlob is-sitwazzjoni.
3. It-tħaddim u l-analiżi tal-lingwa b'mod preċiż.

4. L-għarfien u l-apprezzament ta' testi letterarji.

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

1. Nikkomunika tajjeb bil-Malti f'kuntesti varji u udjenzi differenti li nista' niltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum;
2. Inħaddem l-erba' ħiliet u żewġ oqsma tal-lingwa b'mod effettiv, tajjeb u li jagħmilni membru attiv fis-soċjetà li ngħix fiha;
3. Naħdem u nipparteċipa fiċ-ċrieki differenti li ngħix fihom fis-soċjetà tal-lum;
4. Inkompli nistudja aktar 'il quddiem billi nkun ksibt l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet meħtieġa biex nibqa' nitgħallem tul ħajti kollha;
5. Napprezza aspetti kulturali, letterarji, politiċi u soċjali, fost l-oħrajn, u niżviluppa ġudizzji personali għalihom, u hekk inkun ċittadin attiv fl-oqsma kollha tal-ħajja ta' madwari.

# Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

Kisba 1. Nuża l-lingwa biex inwassal l-informazzjoni.

Kisba 2. Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni skont il-kuntest u l-udjenza.

Kisba 3. Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.

Kisba 4. Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri.

Kisba 5. Nagħraf l-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-tekniki differenti li jħaddmu l-kittieba biex isawru ġeneru ta' kitba.

Kisba 6. Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb.

Kisba 7. Infassal il-kitba tiegħi skont l-istadji ewlenin tal-proċess tal-kitba.

Kisba 8. Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji.

Kisba 9. Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti.

Kisba 10. Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba.

Kisba 11. Nidentifika ġeneri differenti letterarji.

Kisba 12. Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

Kisba 13. Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

Kisba 14. Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji.

Kisba 15. Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila.

# Il-Komponenti tas-Suġġett

1. It-Taħdit
2. Is-Smigħ
3. Il-Qari
4. Il-Kitba
5. Il-Metalingwa
6. Il-Letteratura

# Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm

Dan is-sillabu jistabbilixxi l-kontenut u l-metodu tal-assessjar għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-**Malti** f'QMK Livell 1, 2 jew 3. Il-livell 3 huwa l-ogħla livell li jista' jinkiseb għal din il-kwalifika.

It-Tabella numru 1 fuq il-paġna li jmiss tirreferi għal-livelli ta' kwalifika tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK), b'emendi żgħar sabiex jirriflettu d-deskritturi tal-**Malti**. Dawn huma fatti ġeneriċi li jiddeskrivu t-toqol u l-kumplessità ta' kull livell QMK u jiddeskrivu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa sabiex l-istudenti jiksbu ċertifikat fil-Livell 1, 2 jew 3 fil-**Malti**.

L-għarfien jinvolvi li student jakkwista informazzjoni bażika, fattwali u teoretika. Il-ħiliet jinkludu l-applikazzjoni tal-għarfien miksub u l-fehim ta' kuntesti differenti. Il-kompetenzi jindikaw il-livell meħtieġ ta' għarfien u ħiliet li jippermettu lil student jaġixxi f'firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet, bħal jekk student ikunx kompetenti li jħarreġ il-ħiliet b'superviżjoni, b'awtonomija, b'responsabbiltà, jew mingħajr.

| QMK Livell 1 | QMK Livell 2 | QMK Livell 3 |
|---|---|---|
| **Għarfien** ġenerali bażiku. | **Għarfien** fattwali bażiku fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwa. | **Għarfien** ta' fatti, prinċipji, proċessi u kunċetti ġenerali fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwa. |
| 1. Jikseb għarfien ġenerali bażiku tal-lingwa marbut mal-ambjent immedjat u mfisser permezz ta' varjetà ta' għodod u kuntesti sempliċi bħala bidu għat-tagħlim tul il-ħajja;<br>2. Jaf u jifhem il-passi meħtieġa biex iwettaq attivitajiet u ħidmiet sempliċi lingwistiċi f'ambjenti midħla tagħhom;<br>3. Jagħraf u jifhem istruzzjonijiet u ħidmiet bażiċi fil-lingwa;<br>4. Jifhem textbooks bażiċi. | 1. Għandu għarfien tajjeb tal-qasam tal-lingwa;<br>2. Jifhem u jinterpreta tipi differenti ta' ideat u informazzjoni;<br>3. Jifhem fatti u proċeduri fl-applikazzjoni u ħidmiet bażiċi fil-lingwa;<br>4. Jagħżel u jużа għarfien lingwistiku relevanti biex iwettaq azzjonijiet speċifiċi għalih u għall-oħrajn. | 1. Fehim tar-relevanza tal-għarfien teoretiku u informazzjoni relatata mat-tagħlim tal-lingwa;<br>2. Jassessja, jevalwa u jinterpreta fatti li jistabbilixxu prinċipji u kunċetti bażiċi f'qasam partikolari tal-lingwa;<br>3. Jifhem fatti u proċeduri fl-applikazzjoni ta' istruzzjonijiet u ħidmiet lingwistiċi aktar kumplessi;<br>4. Jagħżel u jużа għarfien lingwistiku relevanti miksub fuq inizjattiva personali biex iwettaq azzjonijiet speċifiċi għalih u għall-oħrajn. |

| QMK Livell 1 | QMK Livell 2 | QMK Livell 3 |
|---|---|---|
| Ħiliet bażiċi meħtieġa biex naħdem eżerċizzji lingwistiċi sempliċi.<br><br>1. Għandu l-abbiltà biex japplika għarfien lingwistiku bażiku biex jaħdem firxa limitata ta' eżerċizzji lingwistiċi sempliċi;<br>2. Għandu ħiliet komunikattivi li jħaddem b'ripetizzjoni sabiex jikkomunika;<br>3. Isegwi istruzzjonijiet lingwistiċi u jkun konxju tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet bażiċi għalih u għall-oħrajn. | Ħiliet bażiċi prattiċi u konjittivi meħtieġa biex tintuża informazzjoni relevanti biex jitwettqu ħidmiet u jissolvew problemi ta' rutina bl-użu ta' għodod u regoli lingwistiċi sempliċi.<br><br>1. Għandu l-ħila li juri firxa ta' ħiliet billi jwettaq għadd ta' ħidmiet kumplessi f'qasam lingwistiku speċifiku marbut max-xogħol jew studju;<br>2. Jikkomunika informazzjoni bażika bil-lingwa;<br>3. Jassigura li l-ħidmiet jitwettqu b'mod effettiv. | Firxa ta' ħiliet prattiċi u konjittivi meħtieġa biex jitwettqu ħidmiet u jissolvew problemi billi jingħażlu u jiġu applikati metodi, għodod, materjali u informazzjoni bażiċi.<br><br>1. Juri firxa ta' ħiliet żviluppati biex jitwettqu aktar minn ħidma waħda kumplessa b'mod effettiv u f'kuntesti li mhux midħla tagħhom u mhux mistennija;<br>2. Jikkomunika informazzjoni aktar kumplessa;<br>3. Isolvi problemi bażiċi billi juża metodi, għodod, materjali u informazzjoni bażika mogħtija f'ambjent ta' tagħlim ristrett. |
| Jaħdem jew jistudja taħt superviżjoni diretta f'kuntest lingwistiku strutturat.<br><br>1. Japplika għarfien u ħiliet bażiċi biex jagħmel ħidmiet ripetittivi u li hu midħla tagħhom;<br>2. Jipparteċipa u jieħu responsabbiltà bażika għat-twettiq ta' ħidmiet sempliċi;<br>3. L-attivitajiet jitwettqu bi gwida u fi żmien stipulat;<br>4. Jakkwista u japplika kompetenzi ewlenin bażiċi f'dan il-livell. | Jaħdem u jistudja taħt superviżjoni u bi ftit awtonomija.<br><br>1. Japplika għarfien fattwali u ħiliet prattiċi biex iwettaq xi ħidmiet strutturati;<br>2. Jassigura li wieħed jaġixxi b'mod proattiv;<br>3. Iwettaq attivitajiet taħt superviżjoni limitata fejn ikollu responsabbiltà limitata fejn il-kwalità tkun kontrollata;<br>4. Jakkwista u japplika kompetenzi ewlenin bażiċi f'dan il-livell. | Jerfa' r-responsabbiltà li jtemm ħidmiet relatati ma' xogħol jew studju, jaddatta l-imġiba tiegħu skont iċ-ċirkustanzi waqt li jsolvi l-problemi.<br><br>1. Japplika għarfien u ħiliet biex iwettaq ħidmiet b'mod sistematiku;<br>2. Jaddatta l-imġiba tiegħu skont iċ-ċirkustanzi biex isolvi l-problemi billi jipparteċipa b'mod proattiv f'ambjenti ta' tagħlim tal-lingwa strutturata;<br>3. Jieħu inizjattiva b'responsabbiltà u awtonomija imma taħt superviżjoni, f'ambjent ta' tagħlim kontrollat;<br>4. Jakkwista l-kompetenzi ewlenin f'dan il-livell bħala bażi għat-tagħlim tul il-ħajja. |

# Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar

| L-Aspett tas-Suġġett: | It-Taħdit |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 1: (Karta Controlled) | Nuża l-lingwa biex inwassal l-informazzjoni. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 1.1a Nagħmel xi talbiet jew mistoqsijiet ħfief biex nikseb it-tagħrif meħtieġ f'kuntesti varji tal-ħajja ta' kuljum billi nuża reġistri ta' taħdit formali, edukat u pulit.<br><br>*Eż. biex nikseb informazzjoni storika fuq post prominenti fir-raħal/belt tiegħi jew tagħrif bijografiku għal xi intervista.* | 1.2a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet biex nikseb it-tagħrif li neħtieġ billi naddatta l-livell ta' formalità fit-taħdit tiegħi skont is-sitwazzjoni, il-kuntest u l-udjenza.<br><br>*Eż. nitlob informazzjoni fuq id-drittijiet tiegħi bħala konsumatur, u l-bqija.* | 1.3a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet b'reqqa biex nikseb tagħrif iddettaljat, bħal meta nitlob informazzjoni fuq suġġetti u proċessi ġodda li jkunu jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' dettalji.<br><br>*Eż. indaħħal applikazzjoni għal xogħol u d-dokumenti/il-formoli li nibgħat.* |
| 1.1b Nitkellem fuqi nnifsi, fuq il-familja tiegħi u l-ambjent li ngħix fih. | 1.2b Nitkellem fuq għadd ta' ġrajjiet kurrenti li nkun qrajt jew smajt fil-ġurnali jew fl-aħbarijiet ta' kuljum. | 1.3b Nitkellem fuq okkażjonijiet formali/informali u soċjali. |
| 1.1ċ Nagħmel preżentazzjoni orali qasira, wara li naqra test fattwali, biex nuri li fhimtu. | 1.2ċ Nagħmel preżentazzjoni orali li tista' tkun bl-għajnuna ta' mezzi teknoloġiċi, drama, kant jew arti espressiva, fuq suġġett speċifiku mhux tal-għażla tiegħi wara li nkun fittixt u rriċerkajt fuqu. | 1.3ċ Nagħmel preżentazzjoni orali fejn nippreżenta t-tagħrif, ir-riċerka u l-ideat tiegħi f'ambjent li fih is-semmiegħa jkunu mistiedna u jħossuhom komdi li jistaqsuni biex niċċaralhom xi punti u hekk jifhmu aħjar. |
| 1.1d Nippreżenta diversi punti għal taħdita. | 1.2d Nagħti taħdita ppjanata b'mod individwali. | 1.3d Nagħti taħdita ddettaljata. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 1.1e Nitkellem quddiem udjenza, waħdi jew m'oħrajn, fuq xi avvenimenti/elementi ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija.<br><br>*Eż. l-ikel, il-festi, ix-xogħlijiet u s-snajja' ta' lbieraħ u tal-lum, l-ambjent, l-istorja u l-leġġendi.* | 1.2e Nesponi minn angoli u pożizzjonijiet differenti temi ta' interess ġenerali.<br><br>*Eż. id-divertiment, l-ivvjaġġar, iż-żgħożija, id-dinja tax-xogħol, l-ambjent, il-politika, u nispjega l-impatt li dawn għandhom fuqi bħala individwu kif ukoll fuq is-soċjetà ta' madwari.* | 1.3e Nitkellem wara li nkun irriċerkajt fuq il-kultura Maltija fil-kuntest ta' kulturi Mediterranji u Ewropej oħra.<br><br>*Eż. il-lingwa, il-migrazzjoni, l-ikel, l-istorja, drawwiet u tradizzjonijiet.* |
| 1.1f Nitkellem mill-perspettiva tiegħi dwar topik partikolari. | 1.2f Ngħid jekk naqbel jew ma naqbilx ma' perspettiva/i ppreżentata/i minn kelliema oħra f'diskussjoni. | 1.3f Ngħid fi kliemi l-perspettivi differenti li tqajmu waqt id-diskussjoni. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | It-Taħdit |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 2:<br><br>(Karta Controlled ) | Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni skont il-kuntest u l-udjenza. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 2.1a Nitkellem ċar u ninftiehem tajjeb bi pronunzja tajba, vuċi ċara, ton, ġesti u bi ftit espressjonijiet, b'mod li s-semmiegħ jifhem. | 2.2a Nitkellem b'mod mexxej u espressjoni idjomatika tajba, ħeffa naturali f'kull kuntest li fih nitkellem. | 2.3a Nitkellem b'kunfidenza, b'addattament xieraq fi kliemi, b'artikulazzjoni u tlissin sewwa tal-kliem skont il-kuntest u l-għan tal-komunikazzjoni. |
| 2.1b Nuża kliem sempliċi u dirett marbut mal-ħajja u l-esperjenzi tiegħi. | 2.2b Nuża kliem ċar u preċiż billi nagħraf inqabbel il-kontenut li ngħid mal-kuntest. | 2.3b Nuża kliem preċiż u varjat skont kif jitlob il-kuntest, bi stil/i u reġistru/i differenti, b'mod kunfidenti f'okkażjonijiet formali/informali. |
| 2.1ċ Nagħżel kliem xieraq biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni. | 2.2ċ Nagħżel kliem, espressjonijiet u ġesti xierqa biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni; b'hekk inwassal il-punt tiegħi b'aktar qawwa biex nikkonvinċi lill-udjenza. | 2.3ċ Nuża l-frażijiet it-tajba u kliem muftieħ b'intervent fid-diskussjoni, kif ukoll nagħti l-fehma tiegħi fil-mument opportun u skont il-kuntest, b'rabta ma' dak li jkun qed jiġi diskuss. |
| 2.1d Inwassal diskors sempliċi u nsemmi xi dettalji marbutin mas-suġġett mogħti. | 2.2d Nagħti bil-fomm il-livell meħtieġ ta' dettall f'dak li ngħid u nżomm dejjem mas-suġġett, wara li nagħraf u ngħarbel il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza. | 2.3d Nuża firxa wiesgħa ta' lessiku u strutturi sintattiċi kumplessi biex nikkomunika kunċetti varji, filwaqt li naddatta l-livell ta' formalità tal-lingwa u l-istil tat-taħdit skont l-udjenza u l-kuntest. |
| 2.1e Nesprimi l-fehma tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba. | 2.2e Nesprimi xi fehmiet bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. | 2.3e Nesprimi għadd ta' fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Is-Smigħ |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 3:** **(Coursework u Karta Controlled )** | Nisma’ test/i għall-fehim fuq suġġetti, f’kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Insegwi diskursata qasira u sempliċi. | 3.2a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku kumpless. | 3.3a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku tekniku. |
| 3.1b Insegwi test waqt li nikteb fil-qosor xi dettalji li nkun smajt. | 3.2b Insegwi test waqt li ninterpreta fil-qosor il-kontenut li nkun smajt.<br><br>*Eż. avviż, istruzzjoni, direzzjoni, bijografija, ġrajja, rakkont, rapport, aħbar, reklam, dokumentarju, ċifra, statistika, kanzunetta.* | 3.3b Insegwi test waqt li nevalwa l-kontenut li nkun smajt billi nagħti wkoll il-ġudizzju tiegħi. |
| 3.1ċ Nagħżel it-tifsira ta’ lessiku bażiku skont kif użat fil-kuntest. | 3.2ċ Nagħti t-tifsira ta’ għażla wiesgħa ta’ lessiku użat f’test. | 3.3ċ Nanalizza l-użu ta’ varjetà wiesgħa ta’ lessiku użat f’test. |
| 3.1d Nagħraf ideat jew punti ġenerali f’test dwar tema familjari. | 3.2d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi f’test dwar temi familjari u mhux. | 3.3d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi kif ukoll espressjonijiet idjomatiċi/figurattivi f’test dwar varjetà ta’ temi. |
| 3.1e Nidentifika t-ton, il-vuċi u l-ġesti mħaddmin fil-ħajja ta’ kuljum. | 3.2e Niddistingwi t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti differenti mħaddmin f’diskorsi formali u informali.<br><br>*Eż. ton ironiku u sarkastiku.* | 3.3e Nanalizza l-effett li jħallu t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti ta’ firxa wiesgħa ta’ diskorsi bil-kitba. |
| 3.1f Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali. | 3.2f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta’ suġġetti. | 3.3f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta’ suġġetti, f’kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 3.1ġ Nisma’ fehma waħda waqt li nqabbilha ma’ tiegħi. | 3.2ġ Nisma’ għadd ta’ fehmiet waqt li nifhem kif jirrelataw ma’ xulxin. | 3.3ġ Nifhem fehmiet differenti waqt li nifhem kif jirrelataw flimkien, u nesprimi l-fehma tiegħi. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Qari |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 4:** (Coursework u Karta Controlled ) | Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f’test moqri. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 4.1a Nersaq viċin it-tifsira ta’ kliem sempliċi misjub f’test/i dwar suġġetti fil-ħajja ta’ kuljum. | 4.2a Nagħti t-tifsira ta’ kliem u frażijiet misjuba f’testi dwar suġġetti ta’ interess ġenerali. | 4.3a Nagħti t-tifsira ta’ kliem u frażijiet skont il-kuntest f’testi speċjalizzati. |
| 4.1b Nasal għal tifsira ta’ kliem u espressjonijiet skont il-kuntest. | 4.2b Nispjega reġistru mislut mill-ħajja ta’ kuljum. | 4.3b Nispjega reġistru tekniku/akkademiku. |
| 4.1ċ Nabbina t-tifsira ta’ dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba qabel. | 4.2ċ Nislet it-tifsira ta’ dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba qabel u wara. | 4.3ċ Nispjega t-tifsira ta’ dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba lil hinn mit-test. |
| 4.1d Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq lessiku misjub f’test. | 4.2d Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq lessiku misjub f’test. | 4.3d Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq lessiku misjub f’test. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Qari** |
| **Kisba mit-Tagħlim 5:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Nagħraf l-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-tekniki differenti li jħaddmu l-kittieba biex isawru ġeneru ta' kitba. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 5.1a Naqra test b'lingwa sempliċi. | 5.2a Naqra test b'lingwa użata ta' spiss u ta' kuljum. | 5.3a Naqra test twil u kumpless. |
| 5.1b Nagħmel lista bil-punti ewlenin f'test sempliċi. | 5.2b Nifred il-punti ewlenin minn dawk sekondarji f'test kumpless biex insawwar taqsira bihom. | 5.3b Insawwar taqsira bil-punti ewlenin misjuba f'test twil u aktar kumpless. |
| 5.1ċ Nagħraf ir-relazzjoni bejn it-test u xi stampa/i b'rabta miegħu. | 5.2ċ Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn it-test u l-viżwal b'rabta miegħu. | 5.3ċ Nispjega r-relazzjoni bejn partijiet mit-test u xi informazzjoni rappreżentata b'mod grafiku dwaru. |
| 5.1d Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test sempliċi. | 5.2d Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test twil. | 5.3d Nislet evidenza minn test twil u kumpless, id-distinzjoni bejn fatt u opinjoni, u dak li hu implikat bejn il-linji. |
| 5.1e Nidentifika l-preġudizzju tal-kittieb/a. | 5.2e Nislet evidenza dwar il-preġudizzju li ssaħħaħ il-konklużjoni tiegħi. | 5.3e Nagħraf l-istrateġiji li jħaddem il-kittieb/a biex jaffettwa lill-qarrejja. |
| 5.1f Nidentifika xi tekniki bażiċi li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' test sempliċi. | 5.2f Nidentifika xi tekniki f'test li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' test twil. | 5.3f Nikkummenta fuq l-effett li għandhom għadd ta' tekniki li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni f'test twil u kumpless. |
| 5.1ġ Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq test. | 5.2ġ Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq test. | 5.3ġ Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq test. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Qari |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 6:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 6.1a Insib silta fuq suġġett li nixtieq naqra dwaru. | 6.2a Nidentifika silta b'rabta ma' tema f'sorsi differenti *bħal siti elettroniċi, kotba, u enċiklopediji*. | 6.3a Nevalwa r-relevanza ta' silta dwar tema li nixtieq naqra dwarha. |
| 6.1b Naqra kitba b'leħen ċar skont il-punteġġjatura bażika fiha. | 6.2b Naqra kitba bis-sens u b'mod espressiv skont l-għeliem tal-punteġġjatura. | 6.3b Naqra b'intonazzjoni tajba skont karatteristiċi differenti tal-kitba. |
| 6.1ċ Nidentifika l-udjenza ta' test sempliċi. | 6.2ċ Nidentifika l-udjenza ta' test kumpless. | 6.3ċ Nispjega għal min hu miktub test twil u kumpless billi nislet karatteristiċi minnu. |
| 6.1d Nidentifika l-funzjoni ewlenija ta' test sempliċi. | 6.2d Nagħraf il-funzjoni u l-iskop ta' test kumpless. | 6.3d Nispjega l-funzjonijiet u l-iskopijiet ta' test aktar kumpless billi nislet eżempji minnu. |
| 6.1e Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq test. | 6.2e Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq test. | 6.3e Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq test. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Kitba |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 7:<br><br>(Coursework u Karta Controlled) | Infassal il-kitba tiegħi skont l-istadji ewlenin tal-proċess tal-kitba. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 7.1a Infassal pjan bażiku skont it-tema mogħtija.<br><br>*Eż. għanqbuta, tpinġija, lista, mappa kunċettwali, u l-bqija.* | 7.2a Infassal pjan skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3a Infassal pjan mirqum skont il-ġeneru u t-tema mogħtija li jgħinni fil-kitba tiegħi. |
| 7.1b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont il-pjan bażiku. | 7.2b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont it-tema mogħtija u li tersaq lejn il-ġeneru magħżul. |
| 7.1ċ Nidentifika t-tibdil lessikali li nixtieq nagħmel fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2ċ Nagħmel il-bidliet sintattiċi b'risq titjib tal-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3ċ Nagħmel il-bidliet fl-organizzazzjoni tal-paragrafi li għamilt fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. |
| 7.1d Nidentifika, bl-għajnuna, il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2d Nagħmel il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3d Nagħmel il-bidliet neċessarji biex il-kitba tiegħi tkun koerenti. |
| 7.1e Nikteb il-verżjoni finali billi nsegwi forma. | 7.2e Nikteb il-verżjoni finali bi gwida. | 7.3e Nikteb il-verżjoni finali waħdi. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Kitba |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 8: (Coursework u Karta Controlled ) | Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 8.1a Nikteb sentenzi f'paragrafi ta' qisien differenti billi norganizzahom skont il-mixja tal-ideat. | 8.2a Norganizza l-informazzjoni u l-ideat minn dak li ktibt b'mod ċar, skont it-tifsila mitluba mill-ġeneru, u li jkollhom kontinwità. | 8.3a Nirranġa dak li ktibt skont is-sekwenza, l-informazzjoni u l-ideat b'mod loġiku u koerenti minn paragrafu għal ieħor, u f'relazzjoni mal-kitba sħiħa. |
| 8.1b Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba narrattiva.<br><br>*Eż. nota, taqbila* | 8.2b Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba narrattiva.<br><br>*Eż. rakkont fattwali, djalogu, djarju* | 8.3b Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba narrattiva.<br><br>*Eż. rakkont fittizju* |
| 8.1ċ Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba deskrittiva.<br><br>*Eż. stedina, riċetta, menù, kepxin, slowgan* | 8.2ċ Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva.<br><br>*Eż. avviż, reklam, inventarju, djarju, ittra, struzzjonijiet, spjega ta' proċess* | 8.3ċ Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva.<br><br>*Eż. reċensjoni ta' film, dramm jew ktieb, bijografija, rapport* |
| 8.1d Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba argumentattiva.<br><br>*Eż. lista b'vantaġġi u żvantaġġi* | 8.2d Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba argumentattiva.<br><br>*Eż. avviż, ittra ta' lment, artiklu t'opinjoni* | 8.3d Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba argumentattiva.<br><br>*Eż. artiklu argumentattiv, editorjal* |
| 8.1e Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba espożitorja.<br><br>*Eż. djalogu, nota, formola* | 8.2e Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba espożitorja.<br><br>*Eż. avviż, intervista, CV, applikazzjoni* | 8.3e Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba espożitorja.<br><br>*Eż. taħdita biex tinqara f'okkażjoni, awtobijografija, rapport* |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Kitba** |
| **Kisba mit-Tagħlim 9:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 9.1a Nikteb, billi nsegwi forma, it-tqassim li jitlob il-ġeneru. | 9.2a Nikteb skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru, bi gwida. | 9.3a Nikteb waħdi skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru. |
| 9.1b Nikteb ftit ideat u b'rabta mat-tema. | 9.2b Nikteb għadd ta' ideat u b'rabta mat-tema. | 9.3b Nikteb ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti. |
| 9.1ċ Nikteb bi ftit rabta bejn il-paragrafi. | 9.2ċ Nikteb b'rabta bejn il-paragrafi, li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta, imma b'sekwenza tajba. | 9.3ċ Nikteb kitba li ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba. |
| 9.1d Nikteb bi stil sempliċi. | 9.2d Nikteb bi stil mexxej u ftit elaborat skont il-ġeneru. | 9.3d Nikteb kitba bi stil mexxej, mirqum u jsegwi tajjeb tul il-ġeneru kollu. |
| 9.1e Nikteb bi ftit espressjonijiet u lessiku. | 9.2e Nikteb għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat skont il-kuntest. | 9.3e Nikteb ħafna espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' skont il-kuntest. |
| 9.1f Nikteb kitba li tersaq lejn kwalità tajba. | 9.2f Nikteb kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità. | 9.3f Nikteb kitba ta' kwalità u oriġinali ħafna. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 9.1ġ Nikteb b'sinjali bażiċi tal-punteġġjatura. | 9.2ġ Nikteb għadd ta' sinjali tal-punteġġjatura. | 9.3ġ Nikteb is-sinjali kollha tal-punteġġjatura fil-post it-tajjeb. |
| 9.1g Nikteb sentenzi bażiċi u sempliċi. | 9.2g Nikteb sentenzi komposti. | 9.3g Nikteb varjetà ta' sentenzi kumplessi bla żbalji sintattiċi. |
| 9.1għ Nikteb strutturi grammatikali sempliċi. | 9.2għ Nikteb strutturi grammatikali differenti. | 9.3għ Nikteb strutturi grammatikali kumplessi. |
| 9.1h Nikteb bi strutturi ortografiċi sempliċi. | 9.2h Nikteb bi strutturi ortografiċi differenti. | 9.3h Nikteb bi strutturi ortografiċi kumplessi. |
| 9.1ħ Nikteb b'ton xieraq u tajjeb. | 9.2ħ Nikteb kliem li joħloq burdata partikolari jew emozzjoni. | 9.3ħ Nikteb strutturi kumplessi jew frażijiet idjomatiċi li joħolqu burdata partikolari jew emozzjoni. |
| 9.1i Nikteb b'reġistru informali fil-kitba tiegħi. | 9.2i Nikteb b'mod ġenerali b'reġistru formali fil-kitba tiegħi skont il-ġeneru. | 9.3i Nikteb b'mod konsistenti b'reġistru formali fil-kitba tiegħi skont il-ġeneru. |
| 9.1ie B'għajnuna**,** nistabbilixxi għan meta nikteb. | 9.2ie Nikteb b'għan ċar, bi stil xieraq. | 9.3ie Nikteb b'għanijiet ċari bi stil xieraq matul il-kitba kollha. |
| 9.1j B'għajnuna, nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza ġenerali. | 9.2j Nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza partikolari. | 9.3j Nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza speċifika jew ristretta. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Metalingwa** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 10:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba. |

| **Kriterju tal-Assessjar (QMK 1)** | **Kriterju tal-Assessjar (QMK 2)** | **Kriterju tal-Assessjar (QMK 3)** |
|---|---|---|
| 10.1a Nidentifika aspetti morfoloġiċi tal-Malti. | 10.2a Ninterpreta aspetti morfoloġiċi tal-Malti. | 10.3a Inħaddem aspetti morfoloġiċi tal-Malti. |
| 10.1b Insawwar strutturi sintattiċi sempliċi. | 10.2b Ngħaqqad strutturi sintattiċi sempliċi biex nagħmilhom komposti. | 10.3b Nuża varjetà ta' strutturi sintattiċi kumplessi. |
| 10.1ċ Nidentifika aspetti semantiċi f'silta. | 10.2ċ Infisser aspetti semantiċi f'silta. | 10.3ċ Inħaddem aspetti semantiċi f'kitba. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Letteratura** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 11:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Nidentifika ġeneri differenti letterarji. |

| **Kriterju tal-Assessjar (QMK 1)** | **Kriterju tal-Assessjar (QMK 2)** | **Kriterju tal-Assessjar (QMK 3)** |
|---|---|---|
| 11.1a Nidentifika karatteristiċi f'ġeneri letterarji li naqra. | 11.2a Niddeskrivi l-effett ta' karatteristiċi differenti f'ġeneri li naqra. | 11.3a Nevalwa l-effett ta' karatteristiċi varji f'ġeneri li naqra. |
| 11.1b Nidentifika l-għażla tal-kelma bħala kwalità ewlenija f'test letterarju. | 11.2b Niddeskrivi l-mod kif qed jintuża l-kliem bħala kwalità ewlenija f'test letterarju. | 11.3b Nevalwa kif l-għażla tal-kliem u t-tħaddim tiegħu f'test letterarju jikkontribwixxu għal effett unitarju. |
| 11.1ċ Nidentifika test letterarju skont il-perjodu (Romantiku u Modern) li nkiteb fih minn xi kwalità stilistika distintiva li jkollu. | 11.2ċ Nabbina kwalitajiet stilistiċi ma' perjodi speċifiċi fil-letteratura Maltija (Romantiku u Modern). | 11.3ċ Nevalwa kif kwalitajiet ta' perjodu storiku jipproduċu karatteristiċi stilistiċi partikolari. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Letteratura** |
| **Kisba mit-Tagħlim 12:**<br><br>**(Coursework u Karta Controlled )** | Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 12.1a Nidentifika l-mod kif in-narratur/narratriċi iħares/tħares lejn suġġett f'test letterarju. | 12.2a Nispjega kif in-narratur/narratriċi j/tħaddem perspettiva (punt di vista) partikolari f'test letterarju. | 12.3a Nanalizza kif in-narratur/narratriċi j/tiżvolġi punti di vista partikolari f'test letterarju. |
| 12.1b Nidentifika t-tema/i ewlenija f'test letterarju. | 12.2b Nidentifika s-sottotema/i f'test letterarju. | 12.3b Nispjega kif tema/i u sottotema/i jiżviluppaw u jinteraġixxu flimkien biex joħolqu effett wieħed u kumpless fil-qarrejja. |
| 12.1ċ Nislet il-vokabularju li jidentifika tema. | 12.2ċ Nikkummenta fuq kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti kundizzjoni/jiet soċjali partikolari. | 12.3ċ Nevalwa kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari. |
| 12.1d Nidentifika t-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jgħixu l-karattri. | 12.2d Nispjega t-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fiha l-karattri. | 12.3d Nistħarreġ it-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri. |
| 12.1e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn tema/i ewlenija u t-titlu magħżul f'test letterarju. | 12.2e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn is-sottotema/i u t-titlu magħżul għal test letterarju. | 12.3e Nikkummenta b'mod kritiku fuq ir-relazzjoni bejn it-temi/ u s-sottotema/i u r-relazzjoni mat-titlu magħżul biex jinħoloq effett wieħed u kumpless fil-qarrejja. |
| 12.1f Nidentifika l-mod kif il-kittieb/a jħares/tħares lejn suġġett f'test letterarju. | 12.2f Nispjega kif il-kittieb/a j/tħaddem perspettiva (punt di vista) partikolari f'test letterarju. | 12.3f Nanalizza kif il-kittieb/a j/tiżvolġi punti di vista partikolari f'test letterarju. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Letteratura |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 13:<br><br>(Coursework u Karta Controlled ) | Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 13.1a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju. | 13.2a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nislet evidenza minnu. | 13.3a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu. |
| 13.1b Nitkellem jew nikteb dwar xi xebh (punti ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | 13.2b Nitkellem jew nikteb dwar xi differenzi (punti ta' nuqqas ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | 13.3b Nitkellem jew nikteb dwar kif l-awturi jiksbu effetti differenti skont it-tħaddim ta' teknikalitajiet varji misjuba f'żewġ testi letterarji. |
| 13.1ċ Niddeskrivi xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.2ċ Niddeskrivi b'lingwa teknika xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.3ċ Nevalwa l-effett tal-kwalitajiet ta' test letterarju b'lingwa teknika preċiża. |
| 13.1d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju.<br><br>*Eż. poeżija, proża, dramm jew rumanz.* | 13.2d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nislet evidenza minnu. | 13.3d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu. |
| 13.1e Niddeskrivi kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. | 13.2e Niddiskuti kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. | 13.3e Nanalizza modi kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Letteratura |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 14:** **(Coursework u Karta Controlled )** | Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 14.1a Nidentifika l-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.2a Nispjega t-tħaddim tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.3a Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. |
| 14.1b Nidentifika l-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.2b Nispjega t-tħaddim tal-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.3b Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tal-elementi figurattivi f'test letterarju. |
| 14.1ċ Nidentifika l-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.2ċ Nispjega t-tħaddim tal-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.3ċ Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi strutturali f'test letterarju. |
| 14.1d Nidentifika l-elementi retoriċi f'test letterarju. | 14.2d Nispjega t-tħaddim tal-elementi retoriċi f'test letterarju. | 14.3d Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi retoriċi f'test letterarju. |
| 14.1e Nidentifika kwalitajiet stilistiċi simili u differenti f'żewġ testi letterarji. | 14.2e Inqabbel żewġ testi letterarji flimkien b'referenza għall-elementi stilistiċi tagħhom. | 14.3e Nanalizza kif l-elementi stilistiċi varji jaħdmu u jħallu effett f'żewġ testi letterarji mqabblin flimkien. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Letteratura |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 15:<br><br>(Coursework) | Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila. |

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 15.1a Nidentifika karatteristiċi b'rabta mal-kitba tal-poeta nazzjonali, Dun Karm. (2-3 poeżiji). | 15.2a Nispjega l-karatteristiċi f'kitbiet varji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm. (4-6 poeżiji). | 15.3a Nevalwa l-istil personali ta' Dun Karm kif jidher f'damma ta' kitbiet. (6-9 poeżiji). |
| 15.1b Nidentifika t-tema/i f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.2b Nispjega t-tema/i f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.3b Nevalwa t-tema/i f'poeżiji ta' Dun Karm. |
| 15.1ċ Nidentifika aspett bijografiku f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.2ċ Nispjega aspetti bijografiċi f'poeżiji ta' Dun Karm. | 15.3ċ Nevalwa l-effetti li joħolqu l-aspetti bijografiċi ta' Dun Karm fil-poeżiji tiegħu. |

# L-Iskema tal-Assessjar

## Il-Kandidati tal-Iskola

L-assessjar jikkonsisti:

**Il-Coursework:** 30% tal-marki totali, maqsumin f'5 xogħlijiet ta' 6% kull wieħed u mifruxin matul il-programm ta' tliet snin.

**Il-Karta Controlled:** 70% tal-marki totali, magħmula minn eżami bil-kitba ta' sagħtejn, imħejjija fl-aħħar tal-programm u varjata bejn żewġ livelli:

a. QMK livell 1 sa 2;
b. QMK livell 2 sa 3.

Il-kandidati jistgħu jiksbu livell ogħla mil-Livell 1 jekk jissodisfaw lill-eżaminaturi kemm fil-Coursework kif ukoll fil-Karta Controlled, irrispettivament mill-marki totali miksubin.

**Il-Coursework** se jkun ibbażat:

| | | |
|---|---|---|
| Cor. 1 (6%) | Smigħ (3%) | K3 |
| | Letteratura (3%) | K13 |
| Cor. 2 (6%) | Smigħ (3%) | K3 |
| | Kitba (3%) | K8 |

| | | |
|---|---|---|
| **Cor. 3* (6%)** | **Kitba (3%)** | **K7** |
| | **Qari (3%)** | **K5** |
| Cor. 4 (6%) | Metalingwa (3%) | K10 |
| | Qari (3%) | K6 |

| | | |
|---|---|---|
| **Cor. 5* (6%)** | **Letteratura (3%)** | **K15** |
| | **Metalingwa (3%)** | **K10** |

***Iż-żewġ Courseworks huma dawk obbligatorji u jridu jsiru skont kif indika l-bord fil-karta mudell.**

**Karta Controlled (70%)**

(Kemm għall-kandidati tal-iskola kif ukoll għall-kandidati privati)

- It-Taħdit (8.4%) - 12-il marka
- Il-Kitba (15.4%) - 22 marka
- Il-Qari (15.4%) - 22 marka
- Il-Metalingwa u l-Ortografija (15.4%) - 22 marka
- Il-Letteratura - Unseen u Preskrittiv* (15.4%) - 22 marka

***Ix-xogħlijiet preskritti huma misjubin fl-antoloġija letterarja; il-lista ta' testi tinsab fit-tielet appendiċi.**

## Il-Kandidati Privati

Il-Kandidati privati se jiġu eżaminati permezz ta' żewġ karti Controlled.

L-ewwel Karta Controlled se tiffoka fuq il-kisbiet mit-tagħlim identifikati bħala Coursework għall-istudenti tal-iskola. Il-kisbiet mit-tagħlim bi kriterji tal-assessjar tal-Coursework jistgħu jiġu eżaminati billi ssir karta b'mistoqsijiet li jinvolvu tweġibiet bil-kitba u li tfittex il-fehim dwar attività partikolari.

It-tieni Karta Controlled hija komuni ma' dik tal-kandidati tal-iskola.

In-noti dwar il-Karti Controlled jistgħu jsiru permezz ta' tabella, kif muri hawnhekk:

**Karta Controlled (30%)**

(Għall-kandidati privati)

- Is-Smigħ (6%) - 20 marka
- Il-Kitba (6%) - 20 marka
- Il-Qari (6%) - 20 marka
- Il-Metalingwa (6%) - 20 marka
- Il-Letteratura - Preskrittiv* - Dun Karm (6%) - 20 marka

*** Ix-xogħlijiet preskritti huma misjubin fl-antoloġija letterarja; il-lista ta' testi tinsab fit-tielet appendiċi.**

| Il-Ħila/Il-Qasam | Il-Coursework u l-KP | Il-Controlled | It-Total |
|---|---|---|---|
| **It-Taħdit** | - | 8.4% | 8.4% |
| **Is-Smigħ** | 6% | - | 6% |
| **Il-Qari** | 6% | 15.4% | 21.4% |
| **Il-Kitba** | 6% | 15.4% | 21.4% |
| **Il-Metalingwa** | 6% | 15.4% | 21.4% |
| **Il-Letteratura** | 6% | 15.4% | 21.4% |
| **-** | **30%** | **70%** | **100%** |

# Tipi ta' Coursework

**Coursework Numru 1**

**L-Ewwel Parti - Is-Smigħ**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

F'din il-parti tal-Coursework, il-kandidati jridu jaħdmu sett ta' eżerċizzji marbuta ma' test mismugħ. L-eżerċizzji huma varjati u jistħarrġu l-livell tal-kisba indikata. Il-kandidati jisimgħu s-siltiet, li jistgħu jinqraw dak il-ħin mill-għalliem/a jew ikunu rrekordjati minn qabel. Fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju l-għalliema għandhom isegwu dawn il-proċeduri biex din il-parti tal-assenjament tkun valida kemm jista' jkun.

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**It-Titlu: Is-Smigħ tas-silta "Il-Prinċep u l-Ħuttafu".**

**Il-Proċedura għall-Amministrazzjoni tal-Assessjar tas-Smigħ:**

Il-Ħin: 30 minuta

It-total ta' marki li jistgħu jinkisbu huwa ta' 50, li jammonta għal 3% tal-assessjar kontinwu għal dan il-Coursework.

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 3: Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.

**Il-Proċedura:**

1. Il-kandidati jiġu mistednin jaraw l-eżerċizzji li huma mistennijin jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba li jieħu madwar 5 minuti. Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej, imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa. Waqt dan il-qari l-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 10 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u jingħataw 5 minuti oħra biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. L-aħħar 5 minuti jingħataw biex l-istudenti jtemmu l-eżerċizzji.

**Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki:**

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-għalliema biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

**It-Test għas-Smigħ:**

Ħuttafu: Ġej il-lejl.
Nieqaf hawn.
Naħseb taħt din l-istatwa
post mill-aqwa
biex wieħed jgħaddi l-lejl.
Kemm hu sabiħ! Xi prinċep naħseb dan.
Tajjeb,
mela llejla se norqod mas-slaten!
Dan x'inhu?
Mela x-xita?
Imma sħaba m'hawnx fis-sema!
Biċċa stramba tabilħaqq!
Is-sema jidher ċar,
il-qamar u l-kwiekeb ileqqu
u nieżla x-xita!
Taqtira oħra!
Aħjar insib xi post ieħor għall-kenn.
Aħjar immur u nsib ventilatur!
Ara, wiċċ l-istatwa mimli dmugħ!
L-istatwa qed tibki!
Statwa sbejħa, int min int?

Prinċep: Jiena l-Prinċep Wiċċ id-Dawl.

Ħuttafu: Wiċċ id-Dawl? Mela ngħid jien,
il-għala qed tibki?

Prinċep: Meta kont ħaj u kelli qalb tal-laħam,
ma kontx naf x'jiġifieri xxerred id-dmugħ.
Kont ngħix f'palazz mill-isbaħ.

Hemm ġew il-kelma niket qatt ma nstemgħet,
u ħajti ma daqet xejn ħlief ferħ.
Matul il-jum ma' sħabi
kont nitliegħeb fil-ġonna, u kull filgħaxija
kont niddandan
u niftaħ il-ballu
ġos-sala mżejna tal-Palazz il-Kbir.
Ħajt għoli miksi liedna kien idawwar
il-ġonna jfewħu tal-palazz. Biss, qatt
ma ħsibt li nsaqsi x'hemm lil hinn mill-ħajt.
Il-paġġi u l-qaddejja tawni l-isem
ta' Prinċep Wiċċ id-Dawl għax kont ferħan.
Hekk għext u hekk mitt.
U issa li mitt, poġġewni f'nofs il-pjazza
fuq pedestall fil-għoli biex nosserva
l-kruha tal-miżerja li hawn fil-belt ...
Il-belt għażiża tiegħi.
U għad li din qalbi
hi biss qalb taċ-ċomb, ma tistax ma tibkix.
'Il bogħod 'il bogħod ġo rokna f'tarf il-belt
hemm dwejra fqajra. U fid-dawl inemnem
ta' lampa ċkejkna nilmaħ mara fqira.
Qiegħda milwija ħdejn iċ-ċkejken binha
mixħut marid bid-deni.
Hi tħares lejh u ġewwa qalbha tibki.
Tixtieq tagħtih imqar laringa x'jixrob
biex forsi jtaffi ftit mit-tbatija.
Ċkejken Ħuttafu, agħmilli pjaċir.

Ħuttafu: Għidli.

Prinċep: Aqla' r-rubin li għandi f'nofs ix-xabla
u mur agħtih lil dik l-imsejkna omm.
Riġlejja marbutin mal-pedestall
u ma nistax niċċaqlaq bl-ebda mod.

Ħuttafu: Jien irrid immur l-Eġittu.
Sħabi kollha hemm qegħdin
u bħalissa qed jittajru
fuq ix-xtut tax-xmara Nil.
Qed jiġġerrew qalb in-nemus imdaqqas,
u jiċċaċċraw mal-fjuri lewn il-qamħ,
dalwaqt se jaħsbu biex imorru jorqdu.

Prinċep: Ħuttafu ċkejken,
Ma tibqax lejl wieħed hawn,
u tiegħi tkun qaddej?
Lejl wieħed biss.
Mejjet bil-għatx it-tifel.

Ħuttafu: Ma nafx, ma nafx ħabib. Biex ngħid is-sew
it-tfal iż-żgħar kultant ma tantx jogħġbuni.
Is-sajf li għadda meta kont fil-wied
kien hemm żewġ subien kattivi wisq.
Lejja sparaw bil-vleġeġ frak tal-ġebel.
Insomma,
daż-żewġt itfal ma wrewx rispett għalija
u ħadt fastidju. It-tfal ma nafdahomx!

Prinċep: Lejl wieħed biss ...

Ħuttafu: Għaliex se tibqa' tibki Prinċep sbejjaħ?
Ara, ma jimpurtax. Naċċetta iva.
Veru li l-ksieħ qed jagħfas
u x-xitwa għoddha magħna,
imm' għal lejl ieħor nieqaf hawn.
U mmur naqdik.

Prinċep: Grazzi Ħuttafu. Grazzi.

Narratur: Ħa l-Ħuttafu r-rubin minn max-xabla
u tar bih fuq is-soqfa tad-djar;
Qasam toroq u pjazez imbiegħda,
għadda qrib il-palazz imperjali,
sema' l-ilħna tan-nies daħkanin,

dwiet il-mużika f'widnejh ferriħija,
sema' l-passi qabbieża taż-żfin.
Wasal fl-aħħar ġo dwejra mwarrba;
lemaħ tieqa b'dawl jixgħel bil-mod;
ħares ġewwa u ra 'l-omm imnikkta
maġenb binha fis-sodda jirtogħod.
U bir-rubin ileqq mal-ħġieġa tektek
u reġa' tektek ... u tektek ...

*(Addattata mid-dramm 'Żerniq' ta' Carmel Azzopardi, 2015)*

**L-Eżerċizzji:**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a. Din is-silta mid-dramm tittratta:

i) il-fortuna li jkollu l-għani.
ii) l-imħabba lejn il-fqir u l-batut.
iii) il-ħarsien tal-għasafar. (2 marki)

2. Qabbel it-tifsira f'Kolonna B mal-kelma li tinsab f'Kolonna A skont dak li smajt fis-silta:

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | xxerred id-dmugħ | | iħobb jidher. |
| 2. | norqod mas-slaten | | meta jibki ħafna. |
| 3. | niddandan | | ikun komdu. |

(6 marki)

3. Għaliex il-Prinċep ingħata l-isem ta' Wiċċ id-Dawl mill-qaddejja tal-Palazz? (3 marki)

4. Ikteb **żewġ** affarijiet li jsemmi l-Prinċep fuq il-mara fqira li kien qed jara minn fuq il-pedestall. (4 marki)

5. Għaliex taħseb li l-Prinċep spiss isejjaħ lill-Ħuttafu bħala 'ċkejken'? (3 marki)

6. X'tip ta' ħajja kien qed jistenna li jsib il-Ħuttafu ladarba jkun l-Eġittu? (2 marki)

7a. Liema ton juża l-Prinċep biex jitlob lill-Ħuttafu jibqa' lejl ieħor u jmur jaqdih? (3 marki)

7b. Għaliex taħseb li l-Prinċep uża dan it-ton? (3 marki)

8. Minn dak li smajt fid-diskors bejn il-Prinċep u l-Ħuttafu, qabbel il-fehmiet tagħhom fuq kif iħarsu lejn it-tfal. (4 marki)

9. Minn dak li jgħid il-Ħuttafu, x'riskju kien qed jidħol għalih meta ddeċieda li jibqa' jgħin lill-Prinċep? (4 marki)

10. Fl-aħħar tas-silta jidħol in-narratur li jagħti deskrizzjoni ħajja tal-vjaġġ tal-Ħuttafu fuq il-belt sakemm wasal id-dwejra tal-mara. X'kuntrast joħroġ bejn il-ħajja fil-belt u dik fid-dwejra tal-mara? (4 marki)

11. X'messaġġ partikolari ried iwassal Azzopardi meta l-Prinċep jistqarr li mill-palazz lussuż qatt ma basar "il-kruha u l-miżerja li hawn fil-belt"? (6 marki)

12. Minn din is-silta, x'tikkonkludi fuq il-karattru tal-Prinċep u tal-Ħuttafu? (6 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **QMK 1 30%** | | **15** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk indikati imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu marbuta mat-test mistħarreġ. |
| **1** | ii) l-imħabba lejn il-fqir u l-batut. | 2 | |
| **2** | 3,1,2 | 2x3 | |
| **3** | Għax dejjem kien ikun ferħan. | 3 | |
| **4** | **Tnejn minn:**<br>• dwejra fqajra<br>• lampa ċkejkna<br>• it-tifel marid bid-deni<br>• l-omm tibki għax m'għandhiex flus biex tixtri x'tagħtih | 4 | |
| **QMK 2 30%** | | **15** | |
| **5** | Għax l-għasfur kien żgħir ħdejn l-istatwa kbira tal-prinċep/għax kien jarah ħelu u dħuli ... | 3 | |
| **6** | Fl-Eġittu kien qed jistenna li jkun kuntent u ma jonqsu xejn, bħalma kienu sħabu. | 2 | |
| **7a** | Ħniena. | 3 | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk indikati imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu marbuta mat-test mistħarreġ. |
| **7b** | Biex jikkonvinċi lill-Ħuttafu jibqa' hemm u jgħinu. | 3 | |
| **8** | Filwaqt li l-Prinċep jidher li jħobb it-tfal għax irid jgħin lil dak marid fid-dwejra fqajra, Ħuttafu ma tantx jafdahom minħabba li kellu esperjenza kerha meta xi wħud riedu joqtluh bil-vleġeġ. | 4 | |
| **QMK 3 40%** | | **20** | |
| **9** | Kien qed jissogra ħajtu billi x-xitwa kienet dieħla u seta' jaqa' l-ksieħ u l-Ħuttafu ma jkunx jista' jitlaq l-Eġittu. | 4 | |
| **10** | Meta kien għaddej fuq il-belt, il-Ħuttafu sema' u ra xeni ta' ferħ u mużika sabiħa, iżda meta wasal fid-dwejra sab xeni ta' dwejjaq u mard. | 4 | |
| **11** | Li bosta drabi l-mexxejja jkunu qed jgħixu fil-lussu u ma jkunux jafu u jagħtu kas tal-faqar u | 6 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | t-tbatijiet tan-nies li jkun hemm fil-pajjiż tagħhom stess. | | |
| **12** | Varji bħal:<br>Il-Prinċep kien qalbu tajba u kien iħobb lill-poplu tiegħu.<br>Il-Ħuttafu kien moħħu biex jitlaq minn hemm imma ried jgħin lill-Prinċep u kien jipprova jagħmel il-ġid. | 6 | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Insegwi diskursata qasira u sempliċi. | 3.2a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku kumpless. | |
| 3.1b Insegwi test qasir waqt li nikteb fil-qosor xi dettalji li nkun smajt. | 3.2b Insegwi test kumpless waqt li ninterpreta fil-qosor il-kontenut li nkun smajt.<br>*Eż. avviż, istruzzjoni, direzzjoni, bijografija, ġrajja, rakkont, rapport, aħbar, reklam, dokumentarju, ċifra, statistika, kanzunetta.* | 3.3b Insegwi test aktar kumpless waqt li nevalwa l-kontenut li nkun smajt billi nagħti wkoll il-ġudizzju tiegħi. |
| 3.1ċ Nagħżel it-tifsira ta' lessiku bażiku skont kif użat fil-kuntest. | 3.2ċ Nagħti t-tifsira ta' għażla wiesgħa ta' lessiku użat f'test. | 3.3ċ Nanalizza l-użu ta' varjetà wiesgħa ta' lessiku użat f'test. |
| 3.1d Nagħraf ideat jew punti ġenerali f'test dwar tema familjari. | 3.2d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi f'test dwar temi familjari u mhux. | 3.3d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi kif ukoll espressjonijiet idjomatiċi/figurattivi f'test dwar varjetà ta' temi. |
| 3.1e Nidentifika t-ton, il-vuċi u l-ġesti mħaddmin fil-ħajja ta' kuljum. | 3.2e Niddistingwi t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti differenti mħaddmin f'diskorsi formali u informali.<br>*Eż. ton ironiku u sarkastiku.* | 3.3e Nanalizza l-effett li jħallu t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti ta' firxa wiesgħa ta' diskorsi bil-kitba. |
| 3.1f Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali. | 3.2f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti. | 3.3f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |

**IL-KARTA TAL-ISTUDENT**

**L-Eżerċizzji:**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a. Din is-silta mid-dramm tittratta:

i) il-fortuna li jkollu l-għani.

ii) l-imħabba lejn il-fqir u l-batut.

iii) il-ħarsien tal-għasafar. (2 marki)

2. Qabbel it-tifsira f'Kolonna B mal-kelma li tinsab f'Kolonna A skont dak li smajt fis-silta:

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | xxerred id-dmugħ | | iħobb jidher. |
| 2. | norqod mas-slaten | | meta jibki ħafna. |
| 3. | niddandan | | ikun komdu. |

(6 marki)

3. Għaliex il-Prinċep ingħata l-isem ta' Wiċċ id-Dawl mill-qaddejja tal-Palazz?

____________________________________________(3 marki)

4. Ikteb **żewġ** affarijiet li jsemmi l-Prinċep fuq il-mara fqira li kien qed jara minn fuq il-pedestall.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________(4 marki)

5. Għaliex taħseb li l-Prinċep spiss isejjaħ lill-Ħuttafu bħala 'ċkejken'?

____________________________________________

____________________________________________(3 marki)

6. X'tip ta' ħajja kien qed jistenna li jsib il-Ħuttafu ladarba jkun l-Eġittu?

____________________________________________

____________________________________________(2 marki)

7a. Liema ton juża l-Prinċep biex jitlob lill-Ħuttafu jibqa' lejl ieħor u jmur jaqdih?

____________________________________________

____________________________________________(3 marki)

7b. Għaliex taħseb li l-Prinċep uża dan it-ton?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(3 marki)

8. Minn dak li smajt fid-diskors bejn il-Prinċep u l-Ħuttafu, qabbel il-fehmiet tagħhom fuq kif iħarsu lejn it-tfal.

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(4 marki)

9. Minn dak li jgħid il-Ħuttafu, x'riskju kien qed jidħol għalih meta ddeċieda li jibqa' jgħin lill-Prinċep?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(4 marki)

10. Fl-aħħar tas-silta jidħol in-narratur li jagħti deskrizzjoni ħajja tal-vjaġġ tal-Ħuttafu fuq il-belt sakemm wasal id-dwejra tal-mara. X'kuntrast joħroġ bejn il-ħajja fil-belt u dik fid-dwejra tal-mara?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(4 marki)

11. X'messaġġ partikolari ried iwassal Azzopardi meta l-Prinċep jistqarr li mill-palazz lussuż qatt ma basar "il-kruha u l-miżerja li hawn fil-belt"?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(6 marki)

12. Minn din is-silta, x'tikkonkludi fuq il-karattru tal-Prinċep u tal-Ħuttafu?

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________(6 marki)

**It-Tieni Parti - Il-Letteratura**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

Il-letteratura hija qasam fit-tagħlim tal-Malti li għandha tittieħed bħala esperjenza interattiva ma' test letterarju. F'dan il-Coursework, l-istudenti-qarrejja se jħaddmu l-ħila fl-analiżi kritika li trawmu fiha matul is-snin tas-sekondarja, billi janalizzaw testi letterarji li ma jkunux tħejjew għaliha. F'dal-proċess, l-istudenti se jużaw l-esperjenza personali tagħhom, l-immaġinazzjoni u l-ħila assoċjattiva tagħhom. L-istudenti jaqrawh u jħarsu lejh bħala prodott artistiku, iżda bl-analiżi li jagħmlu joħorġu l-potenzjal estetiku tiegħu bl-effetti li jħalli fuqhom. Permezz tal-ħila analitika, l-istudenti jidentifikaw, josservaw u janalizzaw elementi tematiċi u stilistiċi fit-test letterarju. F'dan il-Coursework, l-istudenti jagħtu ħajja lit-test billi jesploraw il-perspettivi li joffrilhom u bl-apprezzament li jagħmlu jiżvolġu l-karattru dinamiku u r-rilevanza tiegħu.

**It-Titlu: Il-Letteratura: Analiżi ta' Test Letterarju**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 13: Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

**L-Assenjament:** **(Total: 50 marka)**

Aqra l-poeżija t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

**Ħbiebi s-Siġar** *ta' Dun Frans Camilleri*

Kull meta qalbi tħoss id-dmugħ tal-weġgħa
minn dawk li minni ma raw qatt ħlief ġid,
niftakar fikom
u nifraħ bikom,
ja siġar, ħbieb kennija,
u nibqa' ħdejkom biss inkun irrid.

Kemm drabi sibt il-kenn fil-ħniena tagħkom
meta lqajtuni taħt dirgħajn ħelwin
u serraħtuni
u farraġtuni
fil-jiem sajfin, qalila
bid-dell ħanin ta' mriewaħ ħadranin.

B'dirgħajkom miftuħin titolbu s-sema
li jraxxax fuq gżiritna l-ilma bnin
u lil kull sħaba,
qiskom tallaba,
issejħu biex tisqina
u tbierek l-uċuħ tagħna xewqanin.

Imbagħad jixrob kulħadd bis-saħħa tagħkom:
il-ħdura tfeġġ titbissem minn ġuf l-art;
fl-għelieqi mejta
u f'qalb kull bejta
tħaddar ukoll it-tama
ta' ħajja ġdida bl-isbaħ frott u ward.

Imbierka l-art li żżommkom dejjem wieqfa,
ja siġar qalbenin, biex fit-taqbid
mar-rjieħ qalila
tax-xitwa twila
ma tninu qatt u tibqgħu
b'dirgħajkom miftuħin ixxerrdu l-ġid!

Wieġeb:

1. **Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

   It-tema ewlenija f'din il-poeżija hi:

   a. Is-sbuħija tal-ħbiberija.
   b. L-importanza tas-siġar.
   ċ. L-effetti tal-istaġuni. (marka)

2. Ikkwota żewġ versi li jirriflettu t-tema li għażilt f'mistoqsija numru 1.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

3. Taħseb li t-titlu jixraq lill-poeżija? Għaliex?

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

4. Agħti żewġ raġunijiet għaliex din il-poeżija hi Romantika.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

5. Ikteb versi b'eżempju ta' rima mbewsa.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

6. a. Għid jekk il-poeta hux qiegħed i) jirrakkonta ii) jargumenta jew iii) jindirizza?

______________________________________________________________________________________

b. X'jissejjaħ dan il-mekkaniżmu letterarju? ____________________________________________________

ċ. Ikkwota vers mill-poeżija li juri dan: _________________________________________________(3 marki)

7. a. Sib onomatopea u iktibha.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(marka)

b. X'inhu l-effett li jinħoloq permezz tagħha?

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

8. Ikkummenta kif il-frażijiet "dell ħanin" u "mriewaħ ħadranin" fit-tieni strofa joħolqu effett ta' serħan.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(4 marki)

9. Sib personifikazzjoni mit-tieni strofa u spjega kif qed titħaddem.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(4 marki)

10. a. Xi jsejħilhom lis-siġar fit-tielet strofa? ____________________________________________________(marka)

b. X'figura tad-diskors qed tintuża?____________________________________________________(marka)

ċ. Spjega kif titħaddem: ____________________________________________________

____________________________________________________ (marka)

11. Semmi żewġ benefiċċji kbar li jagħtuna s-siġar, kif jidhru f'din il-poeżija.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________(6 marki)

12. Iddeskrivi l-metrika ta' strofa li tixtieq int fil-poeżija u evalwa l-effett ta' versi b'tulijiet differenti.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________(6 marki)

13. Uri kif titħaddem il-metafora tal-omm fir-raba' strofa, u agħti żewġ effetti li din toħloq.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________(6 marki)

14. Analizza l-mod kif tħossok tirrelata, jew ma tirrelatax mal-poeżija, billi tirreferi għall-effetti li tħalli fuqek.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________(6 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tip ta' mistoqsija u tweġibiet | QMK 1 30% marki | QMK 2 30% marki | QMK 3 40% marki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | *Identifikazzjoni tat-tema.*<br>- b. L-importanza tas-siġar. | 1 | | |
| 2 | *Identifikazzjoni ta' vokabularju li juri t-tema.*<br>- "ja siġar, ħbieb kennija,"<br>- "b'dirgħajkom miftuħin ixxerrdu l-ġid!" | 2 | | |
| 3 | *Ir-rabta tat-titlu mal-poeżija.*<br>- Iva, għax il-kelma "ħbiebi" turi kemm is-siġar huma parti minn ħajjet il-poeta u għandu bżonnhom. Iqishom bħala l-ħbieb tiegħu u għalih huma r-refuġju tiegħu. | 2 | | |
| 4 | *It-tip ta' poeżija u għaliex.*<br>- Karatteristika tal-poeżija Romantika hija r-referenza għan-natura b'ħarsa idillika, u f'din il-poeżija l-poeta jinħass Romantiku, tant li s-siġar jinterċedu għall-bniedem u jitolbu lil Alla għax-xita. Ir-rima mbewsa toħloq mużikalità u tikkumplimenta l-burdata Romantika. | 2 | | |
| 5 | *Identifikazzjoni ta' element strutturali.*<br>- "fl-għelieqi mejta<br>u f'qalb kull bejta" | 2 | | |
| 6 | *Identifikazzjoni ta' mudell retoriku.*<br>a. jindirizza (marka)<br>b. apostrofi (marka)<br>ċ. "u nibqa' ħdejkom biss inkun irrid." (marka) | 3 | | |
| 7 | *Identifikazzjoni ta' element tal-ħoss u effett.*<br>a. jraxxax<br>b. L-onomatopea tevoka l-memorja tas-smigħ tax-xita traxxax u jinħoloq effett sensorju. | 1 | | 2 |
| 8 | *Il-vokabularju f'rabta mal-immaġni.*<br>*Kumment dwar "dell ħanin" – 2 marki*<br>*Kumment dwar "mriewaħ ħadranin" – 2 marki* | | 4 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | - Iż-żewġ nomi, dell u mriewaħ, huma deskritti bl-aġġettivi ħanin u ħadranin. In-nom dell jagħti effett ta' kenn mix-xemx qalila tas-sajf u l-aġġettiv ħanin jenfasizzah. L-imriewaħ nużawhom fis-sħana. L-imriewaħ ħadranin huma referenza għall-weraq tas-siġar, jiġifieri jaħju lill-poeta mis-sħana biċ-ċaqliq tagħhom. Iż-żewġ frażijiet fl-istess vers huma kumplimentari u jaċċentwaw l-effett ta' kenn u mistrieħ bid-dell u ż-żiffa li joffri l-weraq. | | | |
| 9 | *Identifikazzjoni ta' element figurattiv u spjegazzjoni.*<br><br>*Identifikazzjoni tal-personifikazzjoni – 2 marki*<br><br>*Spjegazzjoni kif titħaddem – 2 marki*<br><br>- "meta lqajtuni taħt dirgħajn ħelwin" – f'dan il-vers is-siġar qed jingħataw karatteristiċi ta' persuna għax iz-zkuk qed jiġu deskritti bħala dirgħajn ħelwin. Bħalma l-bniedem għandu d-dirgħajn, is-siġra għandha z-zkuk li joħorġu 'l barra miz-zokk ewlieni bħal dirgħajn il-bniedem. | | 4 | |
| 10 | *Identifikazzjoni ta' element figurattiv.*<br><br>a. tallaba<br><br>b. similitudni<br><br>ċ. Is-siġar qed jitqabblu ma' tallaba, jitolbu lil Alla biex tagħmel ix-xita. | 2 | 1 | |
| 11 | *Sottotema.*<br><br>*Żewġ marki għal kull benefiċċju msemmi.*<br><br>- Is-siġar joffru kenn, tama u mistrieħ. Huma preżenza importanti għax jagħmlulna l-ġid, kif indikat fl-aħħar strofa. Fil-poeżija jidhru li jitolbu għax-xita u bis-saħħa tagħhom in-natura tkompli tiġġenera. | | 6 | |
| 12 | *Analiżi tal-effetti tal-metrika.*<br><br>*Deskrizzjoni tal-istrofa, rima u verb – 3 marki.*<br><br>*Kitba dwar l-effett – 3 marki.*<br><br>- L-istrofi kollha għandhom l-istess binja. Eżempju fl-aħħar strofa l-ewwel, it-tieni u l-aħħar vers huma endekasillabi, bit-tielet u r-raba' vers ftit iqsar bl-użu tal-vers kwinarju u l-vers ta' qabel tal-aħħar settenarju. Fil-qalba tal-istrofa nsibu r-rima mbewsa li | | | 6 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | tagħti mużikalità lill-poeżija u t-tieni u l-aħħar vers jirrimaw ukoll.<br>- Din il-varjetà fi ħdan l-istess strofa tħalli effett tad-diversità li teżisti fis-siġar, jekk tħares lejhom, kollha huma uniċi fil-forma tagħhom, fil-mod kif jikbru. Fl-istess ħin il-preżenza tagħhom tħalli effett armonjuż. Wieħed jista' jgħid li din l-armonija tinħass fil-binja tal-istrofa wkoll. | | | |
| 13 | *Analiżi tal-figura tad-diskors u l-effetti.*<br>*Deskrizzjoni tal-metafora tal-omm – 4 marki*<br>*L-effetti – 2 marki*<br>- Fir-raba' strofa l-art hi mxebbha ma' omm li tnissel ħajja ġdida. Il-produzzjoni tal-frott u l-ward ġej mill-ġuf tagħha. Il-ġuf ifakkarna fil-fertilità, lok importanti fejn tibda ħajja ġdida. Mingħajru l-ħajja ma tiġġeddidx. Din il-ħajja hi mistennija tant li l-ħdura li tinbet "tfeġġ titbissem". Għalhekk jinħoloq effett ta' riġenerazzjoni u pożittività. | | | 6 |
| 14 | *Analiżi tal-mod kif it-test letterarju jirrelata jew ma jirrelatax mal-esperjenza personali.*<br>- Tweġibiet varji. | | | 6 |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1<br><br>30% | QMK 2<br><br>30% | QMK 3<br><br>40% |
|---|---|---|
| 12.1b Nidentifika t-tema/i ewlenija f'test letterarju. | | |
| 12.1ċ Nislet il-vokabularju li jidentifika tema. | 12.2ċ Nikkummenta fuq kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti kundizzjoni/jiet soċjali partikolari. | |
| 12.1e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn tema/i ewlenija u t-titlu magħżul f'test letterarju. | 12.2e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn is-sottotema/i u t-titlu magħżul għal test letterarju. | |
| 11.1ċ Nidentifika test letterarju skont il-perjodu (Romantiku u Modern) li nkiteb fih minn xi | | |

| | | |
|---|---|---|
| kwalità stilistika distintiva li jkollu. | | |
| 14.1ċ Nidentifika l-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.2ċ Nispjega t-tħaddim tal-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.3ċ Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi strutturali f'test letterarju. |
| 14.1d Nidentifika l-elementi retoriċi f'test letterarju. | | |
| 14.1a Nidentifika l-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.2a Nispjega t-tħaddim tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.3a Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. |
| 14.1b Nidentifika l-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.2b Nispjega t-tħaddim tal-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.3b Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tal-elementi figurattivi f'test letterarju. |
| | | 13.3e Nanalizza modi kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. |

**Coursework Numru 2**

**L-Ewwel Parti – Is-Smigħ**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

F'din il-parti tal-Coursework, il-kandidati jridu jaħdmu sett ta' eżerċizzji marbuta ma' test mismugħ. L-eżerċizzji huma varjati u jistħarrġu l-livell tal-kisba indikata. Il-kandidati jisimgħu s-siltiet, li jistgħu jinqraw dak il-ħin mill-għalliem/a jew ikunu rrekordjati minn qabel. Fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju, l-għalliema għandhom isegwu dawn il-proċeduri biex din il-parti tal-assenjament tkun valida kemm jista' jkun.

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**It-Titlu: Is-Smigħ tas-silta "Il-Gremxula Maltija".**

**Il-Proċedura għall-Amministrazzjoni tal-Assessjar tas-Smigħ:**

Il-Ħin: 30 minuta

It-total ta' marki li jistgħu jinkisbu huwa ta' 50, li jammonta għal 3% tal-assessjar kontinwu għal dan il-Coursework.

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 3: Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.

**Il-Proċedura:**

1. Il-kandidati jiġu mistiedna jaraw l-eżerċizzji li huma mistennija li jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba, li jieħu madwar 5 minuti. Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej, imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa. Waqt dan il-qari, il-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 10 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u jingħataw 5 minuti oħra biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. L-aħħar 5 minuti jingħataw biex l-istudenti jtemmu l-eżerċizzji.

**Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki**

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-għalliema biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

**Il-Gremxula Maltija**

Matul il-medda taż-żmien, il-poplu Malti ġabar diversi għajdut u qlajjiet dwar ir-rettili kollha li jeżistu fil-gżejjer Maltin. Dan forsi minħabba d-dehra tagħhom, u l-mod ta' kif dawn jiċċaqalqu u jikkomunikaw ma' xulxin. Ħafna minn dawn il-qlajjiet huma ta' xeħta negattiva u ftit li xejn għenu biex dawn il-ħlejjaq ikomplu joktru fis-selvaġġ.

Il-gremxula hi waħda mid-disa' speċi ta' rettili tal-art li għandna fil-gżejjer Maltin. Fil-gżejjer Maltin insibu erba' razez differenti ta' gremxul li jistgħu jikbru sa 28 ċentimetru. Huma jgħixu billi jieklu insetti u ħxejjex. Il-gremxula hija l-unika speċi endemika għal Malta, jiġifieri li oħra bħalha eżatt ma tinstab imkien fid-dinja. U meta nħarsu lejn l-għajdut li ntqal fuqha matul is-snin, jidher li hi l-favorita mal-Maltin fost ir-rettili ta' pajjiżna. Dan minħabba li l-bixra ta' ġisimha hija pulita u misluta meta tqabbilha ma' rettili oħra, ngħidu aħna l-wiżgħa.

Il-kuluri tal-gremxul huma importanti ħafna fil-ħajja sesswali tiegħu. Meta l-gremxula jkollha l-kuluri jgħajtu, din turi li qiegħda fi żmien in-namur u f'daż-żmien tipproteġi iżjed mis-soltu t-territorju tagħha. B'dawn il-kuluri jgħajtu, il-gremxul jara u jagħraf iżjed lil xulxin mill-bogħod, u jevita ħafna konflitti speċjalment bejn l-irġiel. Meta l-kulur tad-dahar, li jkun ġeneralment aħdar jgħajjat bi speċi ta' xibka sewda fuqu, ma jħallix l-effett mixtieq fuq gremxul ieħor, il-gremxul, speċjalment l-irgiel, jgħolli għonqu biex jidher il-kulur tiegħu.  Il-kulur tal-għonq jiddependi mil-lokalità fejn tgħix il-gremxula. B'dan il-mod, il-gremxul jagħti sinjali differenti skont xi jkun irid jikkomunika. L-iżjed sinjal komuni huwa li jgħollu u jniżżlu rashom, u jekk dawn is-sinjali kollha ma jaħdmux, issir ġlieda aggressiva li tikkonsisti fi gdim u ġiri wara xulxin. Parti kbira mill-ġlieda hi pożi biex ibeżżgħu lil xulxin u rari tikkawża xi forma ta' ġrieħi.

Il-gremxula, bħal annimali oħra, għandha sehem importanti fis-superstizzjonijiet. Filwaqt li l-baħrija ta' ras il-mewt iġġib is-saħta, il-gremxula f'ħafna lokalitajiet hija meqjusa li ġġib ir-risq, speċjalment f'postijiet fejn mhijiex daqshekk abbundanti. Għal xi raġunijiet mhux  magħrufa, il-gremxul ma ssibux kullimkien. Skont studji tiegħi, min-naħa tal-irdum taż-Żurrieq tibqa' tiela' saċ-Ċirkewwa, jiġifieri l-irdum tal-Majjistral ta' Malta, ma ssibx gremxul. Skont ma qaluli ħafna Melliħin, sas-snin sebgħin kont tara ftit gremxul fil-lokalità u din kienu jqisuha bħala risq.

L-iżjed parti ta' ġisem il-gremxula li fuqha nsibu superstizzjonijiet hija d-denb. Dawn ir-rettili, biex jiddefendu ruħhom, kapaċi jwaqqgħu biċċa minn denbhom. Id-denb jaqa', imma jibqa' jferfer, biex l-għadu jintilef iħares lejh u l-gremxula tilħaq taħrab. Dan id-denb jagħmel xi erba' minuti jferfer, sakemm is-sistema tintefa' weħidha u ma jiċċaqlaqx iżjed. Il-gremxula imbagħad, wara ftit xhur, terġa' ttella' ieħor.

Għal xi raġuni mhux daqshekk ċara, ħafna tismagħhom jgħidu li d-denb ikun qed "jidgħi" u jitlob saħta fuq il-persuna jew l-annimal li kkawża l-gerħa.

Il-gremxul, bħar-rettili l-oħra kollha, ilu mill-1992 protett bil-liġi u ħadd ma jista' jaqbdu, jfixklu jew joqtlu. Aħna ffurtunati biżżejjed li għandna din l-ispeċi u jekk nitilfu din il-ġawhra naturali tagħna nkunu komplejna nitilfu l-identità ta' pajjiżna.

*(Kitba ta' Arnold Sciberras li dehret f''L-Imnara' Vol 08, numru 30, 2006.)*

**Wieġeb skont kif mitlub.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a. L-għajdut u l-qlajjiet tal-Maltin fuq ir-rettili:

i) għenu biex dawn ġew apprezzati aktar min-nies tal-lum.

ii) affettwaw ħażin il-mod kif il-Maltin bdew iħarsu lejhom.

iii) taw bidu għal studju xjentifiku fuq fejn dawn jinsabu mferrxin fostna. (2 marki)

b. Il-frażi "speċi endemika" tfisser:

i) speċi li qed tinqered.

ii) speċi li m'għadhiex teżisti.

iii) speċi li teżisti biss f'Malta. (2 marki)

2. Skont l-awtur, agħti raġuni **waħda** għaliex donnu li l-Maltin jippreferu aktar il-gremxula mill-wiżgħa. (3 marki)

3. Ikteb raġuni **waħda** mogħtija fis-silta għaliex il-gremxul ikollu kuluri sbieħ. (3 marki)

4. Meta l-gremxul jiġġieled, jikkawża feriti kbar lil xulxin. Għid jekk dan hux Veru jew Falz, u għaliex taħseb hekk? (5 marki)

5. Kompli imla din it-tabella bl-informazzjoni mis-silta. (6 marki)

| | |
|---|---|
| 1. It-tifsira tal-kuluri jgħajtu fuq dahar il-gremxul. | 1.____________________________________________ |
| 2. It-tifsira tal-kulur ta' għonq il-gremxul. | 2. ___________________________________________ |

6. Għaliex il-gremxul fl-inħawi tal-Majjistral ta' Malta hu meqjus bħala sinjal ta' risq? (3 marki)

7. Agħti t-tifsira tal-kelma "superstizzjonijiet", skont kif użata fil-kuntest tas-silta li smajt. (3 marki)

8. X'tattika tuża l-gremxula biex taħrab mill-għedewwa tagħha? (3 marki)

9. X'importanza jagħti l-awtur lis-sena 1992 fis-silta? (3 marki)

10. Is-silta tibda bil-frażi "Matul il-medda taż-żmien". Fisser din l-espressjoni fid-dawl tal-ewwel sentenza tas-silta. (5 marki)

11. Din is-silta hija marbuta max-xjenza naturali. Sostni dan billi tislet **eżempju** minn dak li smajt biex tipprova dan. (6 marki)

12. X'taħseb li hija l-intenzjoni tal-awtur għal din il-kitba? Għaliex taħseb hekk? (6 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **QMK 1 30%** | | **15** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| **1a** | ii) wasslu biex ħafna minnhom bdew jonqsu maż-żmien. | 2 | |
| **1b** | iii) speċi li teżisti biss f'Malta. | 2 | |
| **2** | **Waħda minn:**<br>Minħabba li l-gremxula hija misluta/pulita aktar mill-wiżgħa. | 3 | |
| **3** | **Waħda minn:**<br>Ikun fi żmien in-namra/ jingħaraf aktar minn xulxin/ jevita konflitti bejn l-irġiel. | 3 | |
| **4** | Falz; għax meta l-gremxul jiġġieled, ħafna jkunu pożi biex ibeżżgħu. | 5 | |
| **QMK 2 30%** | | **15** | |
| **5** | 1. Ifissru li l-gremxula qiegħda fi żmien in-namur.<br>2. Juri l-post minn fejn ikun. | 2x3 | |
| **6** | Għax hu rari ħafna f'dawk l-inħawi. | 3 | |
| **7** | Fil-kuntest tas-silta, din tfisser twemmin u ħmerijiet li jivvintaw in-nies bla bażi xjentifika. | 3 | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| **8** | Twaqqa' denbha, li jibqa' jferfer, biex l-għadu jaljena rasu sakemm il-gremxula taħrab xi mkien għall-kenn. | 3 | |
| **QMK 3 40%** | | **20** | |
| **9** | Hija s-sena li fih saret il-liġi li tħares lir-rettili f'Malta. | 3 | |
| **10** | Li l-qlajjiet ilhom jinqalgħu mill-antik u baqgħu sal-lum dejjem b'xi ħaġa ġdida fuq il-gremxul. | 5 | |
| **11** | Fiha għadd ta' kliem xjentifiku/tittratta fuq il-gremxul u d-drawwiet u kif dan jgħix u x'jagħmel. | 6 | |
| **12** | Varji bħal<br>1. biex iqajjem kuxjenza.<br>2. biex jinforma lin-nies.<br>3. biex jibdel il-mentalità. | 6 | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| Kriterju tal-Assessjar (QMK 1) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 2) | Kriterju tal-Assessjar (QMK 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Insegwi diskursata qasira u sempliċi. | 3.2a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku kumpless. | 3.3a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku tekniku. |
| 3.1b Insegwi test waqt li nikteb fil-qosor xi dettalji li nkun smajt. | 3.2b Insegwi test waqt li ninterpreta fil-qosor il-kontenut li nkun smajt.<br><br>*Eż. avviż, istruzzjoni, direzzjoni, bijografija, ġrajja, rakkont, rapport, aħbar, reklam, dokumentarju, ċifra, statistika, kanzunetta.* | 3.3b Insegwi test waqt li nevalwa l-kontenut li nkun smajt billi nagħti wkoll il-ġudizzju tiegħi. |
| 3.1ċ Nagħżel it-tifsira ta' lessiku bażiku skont kif użat fil-kuntest. | 3.2ċ Nagħti t-tifsira ta' għażla wiesgħa ta' lessiku użat f'test. | 3.3ċ Nanalizza l-użu ta' varjetà wiesgħa ta' lessiku użat f'test. |
| 3.1d Nagħraf ideat jew punti ġenerali f'test dwar tema familjari. | 3.2d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi f'test dwar temi familjari u mhux. | 3.3d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi kif ukoll espressjonijiet idjomatiċi/figurattivi f'test dwar varjetà ta' temi. |
| 3.1e Nidentifika t-ton, il-vuċi u l-ġesti mħaddmin fil-ħajja ta' kuljum. | 3.2e Niddistingwi t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti differenti mħaddmin f'diskorsi formali u informali.<br><br>*Eż. ton ironiku u sarkastiku.* | 3.3e Nanalizza l-effett li jħallu t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti ta' firxa wiesgħa ta' diskorsi bil-kitba. |
| 3.1f Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali. | 3.2f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti. | 3.3f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |
| 3.1ġ Nisma' fehma waħda waqt li nqabbilha ma' tiegħi. | 3.2ġ Nisma' għadd ta' fehmiet waqt li nifhem kif jirrelataw ma' xulxin. | 3.3ġ Nifhem fehmiet differenti waqt li nifhem kif jirrelataw flimkien, u nesprimi l-fehma tiegħi. |

**IL-KARTA TAL-ISTUDENT**

**Wieġeb skont kif mitlub.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

a. L-għajdut u l-qlajjiet tal-Maltin fuq ir-rettili:

i) għenu biex dawn ġew apprezzati aktar min-nies tal-lum.

ii) affettwaw ħażin il-mod kif il-Maltin bdew iħarsu lejhom.

iii) taw bidu għal studju xjentifiku fuq fejn dawn jinsabu mferrxin fostna. (2 marki)

b. Il-frażi "speċi endemika" tfisser:

i) speċi li qed tinqered.

ii) speċi li m'għadhiex teżisti.

iii) speċi li teżisti biss f'Malta. (2 marki)

2. Skont l-awtur, agħti raġuni **waħda** għaliex donnu li l-Maltin jippreferu aktar il-gremxula mill-wiżgħa.

____________________________________________________________

__________________________________________________________(3 marki)

3. Ikteb raġuni **waħda** mogħtija fis-silta għaliex il-gremxul ikollu kuluri sbieħ.

____________________________________________________________

__________________________________________________________(3 marki)

4. Meta l-gremxul jiġġieled, jikkawża feriti kbar lil xulxin. Għid jekk dan hux Veru jew Falz, u għaliex taħseb hekk?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

__________________________________________________________(5 marki)

5. Kompli imla din it-tabella bl-informazzjoni mis-silta. (6 marki)

| | |
|---|---|
| 1. It-tifsira tal-kuluri jgħajtu fuq dahar il-gremxul. | 1.________________________________ |
| 2. It-tifsira tal-kulur ta' għonq il-gremxul. | 2. ________________________________ |

6. Għaliex il-gremxul fl-inħawi tal-Majjistral ta' Malta hu meqjus bħala sinjal ta' risq?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(3 marki)

7. Agħti t-tifsira tal-kelma "superstizzjonijiet", skont kif użata fil-kuntest tas-silta li smajt.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(3 marki)

8. X'tattika tuża l-gremxula biex taħrab mill-għedewwa tagħha?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(3 marki)

9. X'importanza jagħti l-awtur lis-sena 1992 fis-silta?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(3 marki)

10. Is-silta tibda bil-frażi "Matul il-medda taż-żmien". Fisser din l-espressjoni fid-dawl tal-ewwel sentenza tas-silta.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(5 marki)

11. Din is-silta hija marbuta max-xjenza naturali. Sostni dan billi tislet **eżempju** minn dak li smajt biex tipprova dan.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(6 marki)

12. X'taħseb li hija l-intenzjoni tal-awtur għal din il-kitba? Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________(6 marki)

**It-Tieni Parti – Il-Kitba**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

F’komunità litterata, il-ħila tal-kitba hi essenzjali biex il-membri tagħha jikkomunikaw bejniethom b’mod mirqum u effettiv. Kwalitajiet essenzjali f’dan il-proċess huma l-għarfien tal-karatteristiċi ta’ ġeneri varji relevanti fil-ħajja ta’ kuljum. B’rabta ma’ dan, l-għarfien tal-udjenza u l-konsapevolezza tal-iskop tal-kitba, se jagħġnu u jorqmu l-messaġġ miktub. F’dan l-assenjament, l-istudenti mistennija juru għarfien tal-kwalitajiet ta’ ġeneru mħaddem b’mod frekwenti, u kif l-udjenza u l-iskop se jiddeterminaw l-effettività tal-messaġġ tiegħu.

**It-Titlu: Nikteb riċetta.**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f’dan l-assenjament:**

Kisba 9: Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti.

**L-Assenjament:**

**QMK 1-2-3**

F’mhux aktar minn 300 kelma, ikteb riċetta tradizzjonali Maltija li titħejja, tissajjar u tittiekel f’xi żmien jew f’xi okkażjoni ta’ festa.

**L-Iskema tal-Marki:**

| Il-kriterji | QMK 1<br>30% | QMK 2<br>30% | QMK 3<br>40% | Il-marka miksuba mill-kandidat/a |
|---|---|---|---|---|
| **Marki kull kriterju** | **0-3 marki** | **4-6 marki** | **7-10 marki** | |
| **L-imitazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-forma.** | Il-kitba timita xi karatteristiċi tal-ġeneru. | Il-kitba tinkludi bosta mill-karatteristiċi tal-ġeneru. | Il-kitba tirrifletti l-karatteristiċi ewlenin tal-ġeneru b'mod mirqum. | |
| **L-iżvilupp u ċ-ċarezza tal-ideat.** | Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | Il-kitba tiżviluppa l-ideat b'mod ċar. | L-ideat huma ċari u jiżviluppaw b'mod konsistenti. | |
| **Is-sekwenza/ koerenza u r-rabta bejn il-partijiet.** | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ineżistenti. | Ftit rabta bejn il-partijiet, li mhux dejjem tkun ċara jew diretta u mhux dejjem skont is-sekwenza mistennija. | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod mexxej u skont il-loġika mistennija. | |
| **L-espressjoni, il-lessiku u r-reġistru.** | Kitba li ma fihiex espressjonijiet idjomatiċi u l-lessiku hu wieħed limitat. | Kitba li fiha għadd ta' espressjonijiet idjomatiċi u firxa ta' lessiku marbut mat-tema. | Kitba mimlija espressjonijiet idjomatiċi u b'lessiku wiesa'. | |
| **L-ilsien Malti mħaddem b'reqqa.** | Il-kitba fiha għadd ta' żbalji tal-Malti:<br>- nuqqas ta' punteġġjatura xierqa;<br>- sentenzi sempliċi u repetittivi;<br>- mhux dejjem tirrispetta l-grammatika Maltija. | Il-kitba kważi ħielsa minn żbalji tal-Malti:<br>- xi punteġġjatura nieqsa jew użata b'mod ħażin;<br>- sentenzi mħalltin bi ftit nuqqasijiet tas-sintassi;<br>- kitba li tirrispetta l-grammatika Maltija. | Il-kitba bla żbalji tal-Malti:<br>- il-punteġġjatura mħaddma b'mod preċiż;<br>- sintassi li tpaxxi;<br>- kitba li tixhed ħakma soda u preċiża tal-grammatika Maltija. | |
| **L-għadd** | 15-il marka | 15-il marka | 20 marka | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1 30% | QMK 2 30% | QMK 3 40% |
|---|---|---|
| 9.1a Nikteb, billi nsegwi forma, it-tqassim li jitlob il-ġeneru. | 9.2a Nikteb skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru, bi gwida. | 9.3a Nikteb waħdi skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru. |
| 9.1b Nikteb ftit ideat b'rabta mat-tema. | 9.2b Nikteb għadd ta' ideat u b'rabta mat-tema. | 9.3b Nikteb għadd ta' ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti. |
| 9.1ġ Nikteb b'sinjali bażiċi tal-punteġġjatura. | 9.2ġ Nikteb għadd ta' sinjali tal-punteġġjatura. | 9.3ġ Nikteb fil-post it-tajjeb is-sinjali kollha tal-punteġġjatura. |
| 9.1g Nikteb sentenzi bażiċi u sempliċi. | 9.2g Nikteb sentenzi komposti. | 9.3g Nikteb bla żbalji sintattiċi varjetà ta' sentenzi kumplessi. |

**Coursework Numru 3**

**L-Ewwel Parti - Il-Kitba**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

Il-proċess tal-kitba jinsab fil-qofol tat-tagħlim ta' din il-ħila. Maqsum fi stadji differenti, dan il-proċess jimita dak li jgħaddu minnu kittieba varji. Għalhekk, mill-idea sal-preżentazzjoni, kull stadju se jgħin biex tinkiseb konsapevolezza tal-vjaġġ li jgħaddu minnu l-kittieba. F'dan l-assenjament, l-istudenti mistennija juru l-għarfien tagħhom ta' x'jinvolvi kull stadju u kif jistgħu, b'mod awtoriflessiv, itejbu xogħolhom sal-verżjoni finali. Dan se jsir u jintwera billi l-kandidati jżommu kopji tal-verżjonijiet tal-kitba tagħhom, qabel jimxu għall-istadju ta' wara:

i. Il-pjan tal-kitba billi jsir użu ta' xi organizzatur grafiku;
ii. L-ewwel abbozz;
iii. Verżjoni/jiet differenti tal-abbozz rivedut/i u editjat/i kif u kemm-il darba jkun hemm bżonn; u
iv. Il-verżjoni finali, il-verżjoni pulita u aħħarija tax-xogħol.

**It-Titlu: Artiklu argumentattiv f'gazzetta.**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 7: Infassal il-kitba tiegħi skont l-istadji ewlenin tal-proċess tal-kitba.

**Il-Proċedura:**

1. Fuq medda ta' lezzjonijiet, l-istudenti se jgħaddu stadju stadju mill-proċess tal-kitba kollu.
2. L-istudenti mistennija jżommu evidenza ta' x'għamlu f'kull stadju. Din l-evidenza tista' tinkludi l-kitba fi stadji differenti ta' tfassil jew ta' tlestija, kif ukoll, il-feedback, ir-reviżjoni/jiet u l-editjar miżjudin.
3. Fl-aħħar, l-istudenti jkollhom dokument li jixhed il-vjaġġ u t-titjib li jkun sar, mill-idea bikrija sal-verżjoni finali.

**L-Assenjament:**

**QMK 1-2-3**

Billi turi kif għaddejt mill-istadji kollha tal-proċess tal-kitba, ikteb artiklu argumentattiv ta' mhux aktar minn 300 kelma, li se jidher fil-gazzetta tal-iskola tiegħek fuq wieħed minn dawn it-titli:

(i) Il-koedukazzjoni jew (ii) L-uniformijiet tal-iskola jew (iii) Skola b'kulturi differenti.

**L-Iskema tal-Marki:**

| **Il-kriterji** | **QMK 1 30%** | **QMK 2 30%** | **QMK 3 40%** | **Il-marka miksuba mill-kandidat/a** |
|---|---|---|---|---|
| **Il-marki kull kriterju** | **0-3** | **4-6** | **7-10** | |
| Il-kwalità tal-evidenza miġbura f'kull stadju tal-proċess tal-kitba. | Hemm evidenza bażika f'xi stadji tal-proċess tal-kitba. | Hemm xi evidenza fl-istadji kollha tal-proċess tal-kitba. | Hemm evidenza artikulata f'kull stadju tal-proċess tal-kitba. | |
| It-titjib kumulattiv li sar tul il-proċess tal-kitba; ir-riflessjonijiet tal-istudent/a li saru b'risq it-titjib. | Hemm sforz bażiku biex ix-xogħol jitjieb b'xi mod minn stadju għal ieħor. | Hemm sforz ċar u sostnut biex ix-xogħol jitjieb minn stadju għal ieħor. | Hemm sforz biex ix-xogħol jitjieb b'xi mod minn stadju għal ieħor. Dan jinkludi evidenza ta' riflessjoni/jiet tal-istudent/a stess. | |
| Il-lingwa mħaddma b'reqqa f'aspetti varji tagħha. | Ix-xogħol ippreżentat fih xi żbalji tal-Malti. | Ix-xogħol ippreżentat kważi bla żbalji tal-Malti. | Ix-xogħol ippreżentat hu bla żbalji tal-Malti. | |
| Il-kwalità tal-kitba ppreżentata b'mod aħħari. | Il-kitba finali kważi tilħaq xi skop/ijiet kif deskritt/i fit-titlu. | Il-kitba finali kważi tilħaq l-iskop/ijiet kif deskritt/i fit-titlu. | Il-kitba finali tilħaq l-iskop/ijiet kollha kif deskritt/i fit-titlu. | |
| Il-preżentazzjoni tad-dokument aħħari li jirrifletti b'mod organizzat, loġiku, pulit u ċar kemm jista' jkun l-istadji tal-proċess tal-kitba kollha. | Id-dokument aħħari jagħti idea bażika ta' organizzazzjoni pulita. | Id-dokument aħħari jagħti idea tajba ta' organizzazzjoni pulita u ċara. | Id-dokument aħħari jagħti idea tajba ħafna ta' organizzazzjoni loġika, pulita u ċara. | |
| L-għadd | 15-il marka | 15-il marka | 20 marka | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1<br>30% | QMK 2<br>30% | QMK 3<br>40% |
|---|---|---|
| 7.1a Infassal pjan bażiku skont it-tema mogħtija. | 7.2a Infassal pjan skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3a Infassal pjan mirqum skont il-ġeneru u t-tema mogħtija li jgħinni fil-kitba tiegħi. |
| 7.1b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont il-pjan bażiku. | 7.2b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont it-tema mogħtija u li jersaq lejn il-ġeneru magħżul. |
| 7.1ċ Nidentifika t-tibdil lessikali li nixtieq nagħmel fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2ċ Nagħmel bidliet sintattiċi b'risq titjib tal-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3ċ Nagħmel il-bidliet fl-organizzazzjoni tal-paragrafi li għamilt fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. |
| 7.1d Nidentifika, bl-għajnuna, il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2d Nagħmel il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3d Nagħmel il-bidliet neċessarji biex il-kitba tiegħi tkun koerenti. |
| | 7.2e Nikteb il-verżjoni finali bi gwida. | 7.3e Nikteb il-verżjoni finali waħdi. |

**It-Tieni Parti - Il-Qari (QMK 1-2-3)**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

It-taħriġ il-fehem huwa eżerċizzju importanti għax jinvolvi proċess ta' ħsieb, li jirriżulta biex l-istudent jifhem, jipproċessa u jħaddem il-memorja. Huwa importanti li wieħed jagħraf id-differenza bejn testi letterarji u mhux letterarji, għax jinħadmu mekkaniżmi differenti sabiex student jasal biex jifhem u janalizza dawn it-tipi ta' testi. Għall-iskopijiet tal-kisbiet mit-tagħlim tal-ħila tal-qari, huwa importanti li jintużaw testi mhux letterarji, awtentiċi, relevanti u kemm jista' jkun ippreżentati skont l-għamla oriġinali tas-sors.

**It-Titlu tal-Assenjament: Il-Qari ta' Artiklu Informattiv**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 5: Nagħraf l-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-tekniki differenti li jħaddmu l-kittieba biex isawru ġeneru ta' kitba.

**L-Assenjament:** **(Total: 50 marka)**

L-istudenti jridu jaqraw is-silta pprovduta u wara jwieġbu l-mistoqsijiet kollha dwarha.

# L-AFRIKA T'ISFEL

REUBEN BRIFFA

L-African National Congress (ANC) huwa l-partit li ilu jmexxi lill-Afrika t'Isfel sa minn meta ntemmet l-Apartheid, fl-1994. L-ANC huwa assoċjat ma' Nelson Mandela u mal-ħidma tiegħu biex kiseb il-libertà għaċ-ċittadini ta' ġilda sewda ta' dan il-pajjiż. Iżda, bħalma kważi jiġri dejjem meta partit ikun ilu snin twal fil-gvern, mingħajr oppożizzjoni soda, l-ANC attira lejh elementi li l-iskop ewlieni tagħhom kien li jħaxxnu buthom. Dan wassal biex illum dan il-partit glorjuż huwa mifni bil-korruzzjoni, li laħqet il-qofol tagħha waqt il-Presidenza ta' Jacob Zuma, jiġifieri bejn l-2009 u l-2018. L-ANC ħatar lil Cyril Ramaphosa bħala s-suċċessur ta' Zuma. Ramaphosa huwa magħruf għall-integrità u l-kapaċità politika tiegħu. Fl-ewwel jiem ta' Mejju, Ramaphosa mistenni jerġa'jiġi kkonfermat bħala l-President tal-Afrika t'Isfel.

Minkejja li l-attenzjoni tad-dinja fuq il-politika ta' dan il-pajjiż naqset drastikament mal-mewt ta' Nelson Mandela, l-importanza tagħha fuq livell internazzjonali tibqa' relevanti għall-aħħar. Dan minħabba li l-Afrika t'Isfel għandha l-aktar ekonomija industrijalizzata tal-kontinent Afrikan u titqies bħala l-aktar pajjiż Afrikan fejn isir negozju.




## IŻ-ŻMIEN TA' WARA L-APARTHEID

Wara li ġiet fi tmiemha s-sistema brutali tal-Apartheid, li kienet ilha teżisti mill-1948, taħt il-President Nelson Mandela, dan il-pajjiż għamel passi ta' ġgant f' dik li hi maturità politika u soċjali. Mandela daħħal kostituzzjoni ġdida li tipproteġi d-drittijiet ta' kull ċittadin, minkejja r-razza tiegħu. Il-fqar bdew jirċievu l-prodotti bażiċi li jippermettu eżistenza xierqa. Mill- 1996 'l hawn, id-djar li għandhom l-elettriku żdiedu minn madwar 68% għal kważi 90%. Din ir-rata ta' progress naqset ħafna mill-2009, meta Jacob Zuma sar president.

## IL-PRESIDENZA TA' ZUMA

Ħafna osservaturi politiċi jiddeskrivu l-presidenza ta' Zuma bħala "id-disa' snin mitlufa" fl-iżvilupp ta' dan il-pajjiż. Dan il-president jibqa' mfakkar għal kif sistematikament seraq kemm felaħ mill-finanzi ta' pajjiżu. Biex ikun jista' jkompli jisloħ kemm jiflaħ, Zuma keċċa lil dawk li kienu jmexxu l-istituzzjonijiet li b'xi mod setgħu joffru ċertu kontroll fuq il-gvern tiegħu. Din il-korruzzjoni lampanti waslet biex ġie mnaffar l-investiment barrani fl-Afrika t'Isfel. Naturalment dan wassal biex it-tkabbir ekonomiku waqa' lura. Id-dejn pubbliku flimkien mar-rata ta' nies qiegħda.

Addattament minn 'L-Orizzont' tat-Tnejn, 6 ta' Mejju 2019.

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

A. Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba:

1. L-ANC huwa: (2)

   a. għaqda volontarja  b. partit politiku  ċ. partit reliġjuż

2. President Afrikan li għamel ħafna ġid huwa: (2)

   a. Nelson Mandela  b. Jacob Zuma  ċ. Cyril Ramaphosa

3. Jacob Zuma kien il-President tal-Afrika t'Isfel għal: (2)

   a. disa' snin  b. sitt snin  ċ. ħmistax-il sena

4. Is-suċċessur ta' Zuma: (2)

   a. għadu mhux magħruf  b. huwa Cyril Ramaphosa  ċ. huwa mill-Afrika ta' fuq

B. Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.

1. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li, skont l-awtur, wasslu sabiex il-gvern Afrikan spiċċa korrott. (2)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

2. Minn dak li qrajt, kif taħseb li jħossu l-kittieb fuq il-korruzzjoni? (2)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

3. Billi timla din it-tabella, uri kif Mandela u Zuma mexxew il-pajjiż f'direzzjonijiet differenti. (6)

| Niżżel **TLIET** affarijiet li għamel Mandela: | Niżżel **TLIET** affarijiet li għamel Zuma: |
| --- | --- |
| 1. ____________________ | 1. ____________________ |
| 2. ____________________ | 2. ____________________ |
| 3. ____________________ | 3. ____________________ |

4. X'rabta hemm bejn it-test u l-istampa magħżula? (3)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5. X'inhu l-ġeneru ta' dan it-test? Agħti **ŻEWĠ** karatteristiċi ta' dan il-ġeneru. (5)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. Taħseb li t-titlu jirrifletti b'mod tajjeb il-kontenut tat-test? Agħti raġuni **WAĦDA** biex issaħħaħ ir-risposta li tagħti. (4)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. Aħseb f'titlu ieħor li jaqbel ma' dan it-test. (3)

______________________________________________________________________________

8. Niżżel **TLIET** strateġiji li juża l-awtur sabiex jaffettwa lill-qarrej. (6)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

9. Hemm tama għall-futur politiku ta' dan il-pajjiż? Islet evidenza mit-test biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek. (4)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

Ċ. Fisser l-espressjonijiet bis-sing taħthom fi kliemek skont is-sens tat-test: (4)

1. Iżda, bħalma kważi jiġri dejjem meta partit ikun ilu snin twal fil-gvern, mingħajr oppożizzjoni soda, l-ANC attira lejh elementi li l-iskop ewlieni tagħhom <u>kien li jħaxxnu buthom</u>.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

2. …taħt il-President Nelson Mandela, dan il-pajjiż <u>għamel passi ta' ġgant</u> f'dik li hija maturità politika u soċjali.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

D. Agħti definizzjoni.

L-awtur isemmi **l-Apartheid**. Minn dak li qrajt, x'taħseb li tfisser? (3)

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 15-il marka | QMK 2 15-il marka | QMK 3 20 marka |
|---|---|---|---|---|
| Eż A. | 1. b<br>2. a<br>3. a<br>4. b | 8<br>(2 marki l-waħda) | | |
| Eż. B1. | Il-gvern Afrikan spiċċa korrott għax l-istess partit kien ilu żmien twil fil-gvern u ma kellux oppożizzjoni soda. | 2 | | |
| 2. | Minn dak li qrajt nista' nikkonkludi li l-awtur huwa kontra l-korruzzjoni. Dan jidher ċar mill-mod kif il-kittieb jikkundanna l-korruzzjoni matul is-silta kollha. | 2 | | |
| 3. | Għażla minn dawn għal Mandela:<br>1. Kiseb il-libertà għaċ-ċittadini ta' ġilda skura.<br>2. Mexxa l-pajjiż 'il quddiem.<br>3. Il-fqar bdew jirċievu prodotti bażiċi.<br>4. Id-djar li għandhom l-elettriku żdiedu minn 68% għal 90%.<br>Għażla minn dawn għal Zuma:<br>1. Seraq mill-finanzi ta' pajjiżu.<br>2. Keċċa lil dawk li kienu jmexxu l-istituzzjonijiet biex ikollu kontroll assolut.<br>3. Taħt il-Presidenza tiegħu investituri barranin ma ridux jinvestu fl-Afrika t'Isfel minħabba l-korruzzjoni.<br>4. Id-dejn pubbliku żdied.<br>5. Kiber il-qagħad. | | 6<br><br>(marka għal kull raġuni) | |
| 4. | L-istampa magħżula hi karikatura ta' Jacob Zuma. Din il-karikatura turi kemm kien bniedem korrott, hekk kif huwa indikat fl-artiklu. | 3 | | |
| 5. | Dan huwa artiklu meħud minn gazzetta.<br>Għażla minn dawn il-karatteristiċi fost oħrajn:<br>1. Il-paragrafi jidhru bħala kolonni.<br>2. L-użu ta' sottotitli.<br>3. L-istampa magħżula hi karikatura.<br>4. L-isem tal-kittieb jidher taħt it-titlu. | | 5<br>(marka għall-ġeneru u żewġ marki għal kull karatteristika) | |
| 6. | Le, it-titlu ma jirriflettix b'mod tajjeb il-kontenut tat-test għax it-test ma jiddiskrivix il-pajjiż. It-test jitkellem fuq l-istorja politika ta' dan il-pajjiż b'mod speċifiku fuq il-ħidma ta' żewġ presidenti. | | | 4<br>(2 marki għal 'le' u żewġ marki għar-raġuni) |
| 7. | Tweġibiet varji aċċettati. | | | 3 |
| 8. | Għażla ta' tlieta minn dawn:<br>1. L-istruttura tal-artiklu bl-użu tas-sottotitli jgħin sabiex il-qarrej jassorbi l-kontenut.<br>2. Jagħti fatti, evidenza u ċifri.<br>3. Il-grafika: l-użu tal-karikatura. | | | 6<br>(2 marki għal kull waħda) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 4. L-użu ta' lessiku favorevoli għal Mandela.<br>5. L-użu ta' lessiku b'saħħtu fil-konfront ta' Zuma.<br>6. Ir-ripetizzjoni tal-argument.<br>7. Iqabbel iż-żewġ presidenti sabiex jispikkaw aktar in-nuqqasijiet ta' Zuma. | | | |
| 10. | Iva, hemm tama. Dan għaliex is-suċċessur ta' Zuma, Cyril Ramaphosa, huwa magħruf għall-integrità u l-kapaċità politika tiegħu. | | | 4 |
| Eż. Ċ | 1. Jagħmlu l-flus.<br>2. Għamel ħafna progress. | | 4 | |
| Eż. D | L-Apartheid kienet sistema brutali li kienet tiddistingwi bejn iċ-ċittadini tal-Afrika t'Isfel skont ir-razza. B'hekk iċ-ċittadini ta' ġilda skura kellhom inqas drittijiet. | | | 3 |
| | **Totali:** | **15** | **15** | **20** |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1 (30%) | QMK 2 (30%) | QMK 3 (40%) |
|---|---|---|
| | 4.2b Nagħti t-tifsira ta' kliem u frażijiet misjuba f'testi dwar suġġetti ta' interess ġenerali. | 4.2ċ Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq lessiku misjub f'test. |
| | | 5.3a Naqra test twil u kumpless. |
| | 5.2ċ Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test twil. | 5.3ċ Nislet evidenza minn test twil u kumpless, id-distinzjoni bejn fatt u opinjoni, u dak li hu implikat bejn il-linji. |
| | 5.2d Nislet evidenza dwar il-preġudizzju li ssaħħaħ il-konklużjoni tiegħi. | 5.3d Nagħraf l-istrateġiji li jħaddem il-kittieb/a biex jaffettwa lill-qarrejja. |
| 5.1e Nagħraf ir-relazzjoni bejn it-test u xi stampa/i b'rabta miegħu. | 5.2e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn it-test u l-viżwal b'rabta miegħu. | |
| | 5.2f Nidentifika xi tekniki f'test li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' test twil. | |
| 5.1ġ Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq test. | 5.2ġ Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq test. | 5.3ġ Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq test. |

**Coursework Numru 4**

**L-Ewwel Parti – Il-Metalingwa (QMK 1-2-3)**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

Għall-istudju u t-tħaddim effettiv tal-lingwa, il-metalingwa hija pilastru ewlieni li kull kelliem irid jaħkem sewwa biex tassew jitqies kelliem tajjeb u abbli. Huwa xieraq li tingħata importanza mill-kelliema nattivi fejn jidħlu ċerti ħiliet, fosthom il-kitba, sabiex ikunu preċiżi, b'mod konxju, fl-użu tat-tħaddim grammatikali fil-Malti. Dan se jsir billi jinħadmu għadd ta' eżerċizzji f'kuntest marbuta mal-aspett morfoloġiku, sintattiku u semantiku.

**It-Titlu tal-Assenjament: Il-Metalingwa f'Kuntest**

- Jidentifikaw, jinterpretaw u jħaddmu aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'kuntest.
- Jidentifikaw, jinterpretaw u jibnu strutturi sintattiċi tal-Malti bi stil.
- Jidentifikaw, jinterpretaw u jħaddmu aspetti semantiċi tal-Malti f'kuntest.

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 10: Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba.

**L-Assenjament:** **(Total: 50 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu ħames eżerċizzji tal-metalingwa f'kuntest, li jinkludu eżerċizzju tal-morfoloġija ta' imla l-vojt, eżerċizzji tal-punteġġjatura u tas-sintassi, u eżerċizzji marbutin mat-tifsir tal-kliem.
It-tweġibiet għandhom jinkitbu b'Malti tajjeb.

***

**Il-Morfoloġija**

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. L-ewwel waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**Eroj ta' Veru**

Fil-Karnival aħna mdorrijin niftiehmu bejnietna biex nilbsu kostum u mmorru **nifirħu** (**konjugazzjoni fl-imperfett minn feraħ**) flimkien mal-briju li jkun hemm fit-toroq u l-_________ **(il-plural ta' pjazza)** tal-Belt u l-Furjana. Is-sena l-oħra, waqt li konna għadna d-dar ta' Bertie, inpinġu wiċċna u nitfgħu l-isprej ikkulurit fuq _________ **(ix-xagħar tagħna)**, ħuh iż-żgħir, ta' sitt snin, li hu ffissat fuq is-Super Heroes, ħareġ jiġri mill-kamra tiegħu, tela' jaqbeż fuq is-sufan, fetaħ idu u għajjat, "Arawni, jien Superman!"

Minnufih mar lura f'_________ **(il-kamra tiegħu)**, u reġa' ħareġ jiġri u jaqbeż fuq is-sufan. Fetaħ idu u din id-darba għajjat, "_________ **(araw lili)**, jien Iron Man!" U għat-tielet u r-_________ **(erbgħa)** darba __________ **(r-ġ-għ)** daħal u ħareġ _________ **(parteċipju attiv ta' libes)** ta' Batman u mbagħad ta' Hulk, sakemm fl-aħħar __________ **(in-negattiv ta' kellu)** kostumi oħra x'jilbes.

Aħna ħsibna li mar jilgħab, _________ **(Ikkonjuga l-verb tat-tieni forma mill-għerq għ-j-t)** lil Andrei, u wara ftit ħin reġa' ħareġ fuq is-sufan liebes shorts, fetaħ idejh u għajjat, "Arawni, dan huwa jien, Andrei, l-eroj ta' veru!"

Qatt ________ **(Ikkonjuga verb fil-perfett minn ħaseb)** kif int ukoll tista' tkun eroj ta' vera?

*(Addattament mir-rivista 'Flimkien' ta' Frar 2018)*

(Total: 20 marka)

**Is-Sintassi**

Bi. Ikteb sentenza billi tuża l-kliem mogħti hawn isfel. Ara li tuża l-għeliem tal-punteġġjatura kif meħtieġ.

**Eż. turiżmu, pajjiżna, sajf – Dan <u>is-sajf, pajjiżna kellu rekord fit-turiżmu.</u>**

1. pprojbit, garaxx, jilgħab - **Huwa** ___________________________________________
2. maltemp, jbatti, xejn - **Il-**____________________________________________
3. dinja, fehma, dritt, jgħix - **Jiena** ___________________________________________
4. ċans, falliment, kumpanija - **Hemm** ________________________________________
5. qabeż, feraħ, ramel - **Kemm**_______________________________________________

(Total: 5 marki)

Bii. Aqleb dawn is-sentenzi attivi għal passivi:

**Eż. Il-kelb gidem lil oħti, wara li qagħdet tiffittah.**

**Wara li qagħdet tiffittah, oħti ngidmet mill-kelb.**

1. Il-bennej waqqa' bini storiku f'nofs ta' lejl.

_______________________________________________

2. Il-Kappillan bierek il-figolli nhar l-Għid il-Kbir.

_______________________________________________

3. Ġlormu Cassar iddisinja l-pjanta tal-Belt Valletta.

_______________________________________________

4. Il-ħaddiema tal-gvern qiegħdu l-monument tal-gwerra quddiem il-parlament.

_______________________________________________

5. Il-pulizija qabdu żewġ ħallelin fil-waqt li kienu ħerġin minn dar imwarrba.

_______________________________________________

(Total: 10 marki)

**Is-Semantika**

Ċi. Ikteb kelma sinonima flok dik li hemm fil-parentesi.

**Eż. Il-karta tal-eżami kienet diffiċli. (TQILA)**

1. Ilbieraħ irċevejt __________________ għat-tieġ tal-kuġin. **(INVIT)**
2. Il-furnar __________________ in-nar sabiex jibda jaħmi l-ħobż. **(QABBAD)**
3. L-istudent saqsa __________________ għax beda jsib diffikultà. **(DOMANDA)**
4. Kulħadd għandu l-__________________ li jgħix f'dinjità. **(DRITT)**
5. Kemm hu sabiħ li kieku fid-dinja hawn il-__________________. **(SLIEM)**

(Total: 5 marki)

Ċii. Agħti t-tifsira ta' dawn l-espressjonijiet imqiegħda f'kuntest.

1. F'ħajjitna għandna nfittxu li **ma ndardrux l-għajn li nixorbu minnha**.

______________________________________________________________________

2. Kull meta jkollok problema, **qis mitt darba u aqta' darba**.

______________________________________________________________________

3. Is-soċjetà tgħallimna li **kif nagħmlu mal-oħrajn, jagħmlu magħna**.

______________________________________________________________________

4. Jekk immur tajjeb fl-eżamijiet irrid inżomm f'moħħi li **ma rridx nogħla żżejjed għax nieħu sabta kbira**.

______________________________________________________________________

5. **Kliem ix-xiħ żomm fih**. Kellu raġun in-nannu dwar ir-relazzjoni ta' bejnietna.

______________________________________________________________________

(Total: 10 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| Il-Metalingwa (QMK 1-2-3) | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A: Eroj ta' Veru ... Imla l-vojt.** | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **20 Marka** |
| 1. | pjazez | 2 marki |
| 2. | xagħarna | 2 marki |
| 3. | kamartu | 2 marki |
| 4. | arawni | 2 marki |
| 5. | raba' | 2 marki |
| 6. | reġa' | 2 marki |
| 7. | liebes | 2 marki |
| 8. | ma kellux | 2 marki |
| 9. | għajjatna | 2 marki |
| 10. | ħsibt | 2 marki |

| Eżerċizzju Bi. Kompli ikteb dawn is-sentenzi. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | Huwa pprojbit li wieħed jilgħab quddiem il-garaxx. | Tweġibiet simili jingħataw il-marka xorta. |
| 2. | Il-maltemp beda jbatti sakemm ġie fix-xejn. | |
| 3. | Jiena tal-fehma li fid-dinja kulħadd għandu dritt jgħix. | |
| 4. | Hemm ċans li l-kumpanija se tasal għal falliment. | |
| 5. | Kemm feraħ u qabeż fuq ir-ramel!/? | |

| Eżerċizzju Bii. Aqleb dawn is-sentenzi attivi għal passivi. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 Marki** |
| 1. | F'nofs ta' lejl, bini storiku twaqqa' mill-bennej. | 2 marki għal kull sentenza. |
| 2. | Nhar l-Għid il-Kbir, il-figolli tbierku mill-Kappillan. | |
| 3. | Il-pjanta tal-Belt Valletta ġiet iddisinjata minn Ġlormu Cassar. | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | Il-monument tqiegħed mill-ħaddiema tal-gvern quddiem il-parlament. | |
| 5. | Fil-waqt li kienu ħerġin minn dar imwarrba, żewġ ħallelin inqabdu mill-pulizija. | |

| **Eżerċizzju Ċi. Ikteb kelma sinonima flok dik li hemm fil-parentesi.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | stedina | Marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | kebbes | |
| 3. | mistoqsija | |
| 4. | jedd | |
| 5. | paċi | |

| **Eżerċizzju Ċii. Agħti t-tifsira ta' dawn l-espressjonijiet imqiegħda f'kuntest.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | Għandna nfittxu li ma niġġieldu ma' ħadd, u nsibu kompromess dejjem. | Żewġ marki għal kull tifsira mogħtija. Tweġibiet simili jingħataw il-marki xorta waħda. |
| 2. | Qabel ma tiddeċiedi, aħseb fuq li aħseb x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi, sabiex ma tiħux deċiżjoni ħażina. | |
| 3. | Jekk nippretendu li ħaddieħor jagħmlilna l-ġid, hekk għandna nagħmlu lilhom. | |
| 4. | Ma rridux niftaħru b'dak li nagħmlu, għax kultant jiswiena deni. | |
| 5. | L-anzjani għaddew minn ħafna esperjenzi, u allura parir mingħandhom tajjeb li nagħtu kasu. | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar**:

| QMK 1 (30%) | QMK 2 (30%) | QMK 3 (40%) |
|---|---|---|
| 10.1a Nidentifika aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. | 10.2a Ninterpreta aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. | 10.3a Inħaddem aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. |
| 10.1b Insawwar strutturi sintattiċi sempliċi. | 10.2b Ngħaqqad strutturi sintattiċi sempliċi biex nagħmilhom komposti. | 10.3b Nuża varjetà ta' strutturi sintattiċi kumplessi. |
| 10.1ċ Nidentifika aspetti semantiċi f'silta. | 10.2ċ Infisser aspetti semantiċi f'silta. | 10.3ċ Inħaddem aspetti semantiċi f'kitba. |

**It-Tieni Parti – Il-Qari (QMK 1-2-3)**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

It-taħriġ il-fehem huwa eżerċizzju importanti għax jinvolvi proċess ta' ħsieb, li jirriżulta biex l-istudent jifhem, jipproċessa u jħaddem il-memorja. Huwa importanti li wieħed jagħraf id-differenza bejn testi letterarji u mhux letterarji, għax jinħadmu mekkaniżmi differenti sabiex student jasal biex jifhem u janalizza dawn it-tipi ta' testi. Għall-iskopijiet tal-kisbiet mit-tagħlim tal-ħila tal-qari, huwa importanti li jintużaw testi mhux letterarji, awtentiċi, relevanti u kemm jista' jkun ippreżentati skont l-għamla oriġinali tas-sors.

**It-Titlu tal-Assenjament: Il-Qari Fattwali**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 6: Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb.

**L-Assenjament:** **(Total: 50 marka)**

L-istudenti jridu jaqraw is-silta pprovduta u wara jwieġbu l-mistoqsijiet kollha dwarha.

**Il-Biedja Organika**

Ħafna mill-prodotti agrikoli li jikkonsma l-bniedem huma r-riżultat ta' sistemi agrikoli li jużaw ħafna l-kimika u prodotti sintetiċi oħra. Minkejja li l-produzzjoni żdiedet, bdew jidhru effetti negattivi għal saħħet il-bniedem, sew minħabba xi użu esaġerat tal-kimika jew sforz l-injoranza, kif ukoll sforz l-użu kontinwu għal bosta snin ta' kimika. Dan billi fil-prodotti tal-ħaxix jitfaċċaw fdalijiet tagħha *(residues)*. Bl-istudji li saru u li qed isiru, jidher li mhux il-fdalijiet kollha tal-kimika maż-żmien jispiċċaw għax xi wħud jibqgħu fil-prodott kif ukoll fil-ħamrija, fl-ilma, fil-blat, u saħansitra fil-baħar, speċjalment fejn jiskula l-ilma tax-xita.

Fi ftit kliem, il-biedja organika mhi xejn ħlief li ma tintuża l-ebda kimika sintetika (eż. bexx, demel ta' barra, ormoni, eċċ.) fit-tkabbir tal-ħxejjex.  Tista' tgħid li l-biedja organika tixbah ħafna lill-biedja tal-antik, qabel ma tfaċċa l-għadd kbir ta' prodotti sintetiċi wara l-aħħar gwerra. Għalkemm b'din il-kimika l-produzzjoni żdiedet, maż-żmien bdew jiġu nnutati u studjati l-effetti negattivi tagħha fuq il-bniedem, kif ukoll fuq l-ambjent naturali.

Il-biedja organika llum qed tissemma sewwa, anke f'pajjiżna. Prodotti mkabbra minn din is-sistema ma jikkawżawx effetti negattivi għal saħħet il-bniedem u lanqas fl-ambjent naturali. Minkejja li dawn il-prodotti jkunu jqumu xi ftit aktar minħabba l-proċess li jinvolvu, qed jintalbu minn sezzjoni ta' konsumaturi li qiegħda dejjem tikber. Tant il-biedja organika timxi mal-ambjent naturali (u mhux kontra), li l-Unjoni Ewropea, lill-membri tagħha, toffrilhom skemi ta' sussidju għall-proġetti vijabbli f'dan il-qasam.

Il-biedja organika, għalhekk, tuża sistemi naturali biss. Biex il-ħamrija tingħata n-nutrijenti meħtieġa, jintuża demel naturali, kompost u jintużaw ukoll pjanti msejħa legumi *(legumes)* bħas-silla, ful, piżelli, eċċ. Dawn il-pjanti, barra li jagħtu l-prodott tagħhom, itejbu l-livell tan-nitroġenu fil-ħamrija permezz ta' batteri *(bacteria)* jew mikroorganiżmi li jgħixu minn fuq l-għeruq tal-pjanti.

Jeżisti kontroll bijoloġiku ta' insetti u mard. Dan il-kontroll jikkonsisti mill-bidwi juża l-għadu tal-insett li jattakka l-prodott, bħat-tadam fis-serer jew tad-dubbiena bajda tal-frott. L-istess bħal meta fid-dar, flok tifrex il-velenu għall-ġrieden, iżżomm qattus.  Din is-sistema, għalkemm hija aħjar minn dik li tuża l-bexx jew tgħabbir bil-kimika biss, mhix biedja organika, iżda almenu qed tinħass il-ħtieġa li tintuża anqas kimika fil-biedja.

Bidwi ma jistax fl-istess għalqa jew serra juża parti minnha għat-tkabbir b'sistema organika u f'parti oħra juża l-kimika, għax il-kimika timxi. Terġa' jridu jgħaddu ftit tas-snin biex għalqa, li qabel kienu jintużaw fiha l-kimika u l-fertilizzanti artifiċjali, tiġi ċċertifikata bħala għalqa li tipproduċi prodotti organiċi.  Din is-sistema ta' ċertifikazzjoni ssir mill-għaqda internazzjonali *International Federation for Organic Agriculture Movement.*

*(Silta addattata minn 'Il-Ġardinaġġ Malti' ta' Joseph Borg)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

A. Qabbel il-frażijiet f'kolonna A mal-frażijiet f'kolonna B. (5)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|
| 1. Ħafna mill-prodotti li nieklu ... | | qed issir magħrufa wkoll f'Malta. |
| 2. Il-fdalijiet tal-kimika ... | | jiswew aktar flus. |
| 3. Il-prodotti organiċi ... | | qed tgħin biex tmexxi 'l quddiem il-biedja organika. |
| 4. L-Unjoni Ewropea ... | | jitkabbru bl-użu tal-kimika. |
| 5. Il-biedja organika ... | | jibqgħu preżenti fl-ambjent għal tul ta' żmien. |

B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1. Għaliex taħseb li l-prodotti organiċi jqumu aktar flus? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet. (4)

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |

2. Agħti definizzjoni sempliċi tal-biedja organika. (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Il-kittieb ma' xiex iqabbel il-biedja organika? Għaliex taħseb li juża dan ix-xebh? (4)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'tip ta' nies taħseb jixtru prodotti organiċi? (4)

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Ikteb **TLIET** affarijiet li jintużaw fil-biedja organika minflok fertilizzant artifiċjali. (3)

i. ________________________

ii. ________________________

iii. ________________________

6. Niżżel l-aktar **ŻEWĠ** punti importanti biex għalqa tkun iċċertifikata li tipproduċi prodotti organiċi. (4)

________________________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________________________

7. **Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

a. Il-funzjoni prinċipali ta' dan it-test hi biex: (2)

i. tinforma lill-qarrej dwar il-biedja organika.

ii. tħajjar lill-qarrej jixtri prodotti organiċi.

iii. tispjega l-effetti negattivi li jirriżultaw mill-użu tal-kimika u prodotti sintetiċi.

b. Spjega l-għażla tiegħek. (8)

i. L-għan: ________________________________________________________________________

ii. Il-ġeneru: ______________________________________________________________________

iii. Ir-reġistru: _____________________________________________________________________

iv. Il-qarrej: ________________________________________________________________________

8. Min hi l-udjenza li qed iżomm f'moħħu l-kittieb? Niżżel **ŻEWĠ** raġunijiet li jsaħħu t-tweġiba li tagħti. (6)

________________________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________________________

9. Sib il-kelma/frażi mis-silta li għandha l-istess tifsira tal-kliem ta' taħt. Fil-parentesi hemm indikat f'liema paragrafu għandek issib il-kelma/frażi. (4)

a. jinġabar (par. 1) _________________________________________________________________

b. settur (par. 2) ___________________________________________________________________

ċ. numru konsiderevoli (par. 3) ______________________________________________________

d. sustanzi (par. 4) _________________________________________________________________

10. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex taħseb li l-kittieb juża l-verb *jikkonsma* minflok *jixtri* f'din is-sentenza meħuda mill-ewwel paragrafu: *Sfortunatament, ħafna mill-prodotti agrikoli li* ***jikkonsma*** *l-bniedem huma r-riżultat ta' sistemi agrikoli li jużaw ħafna l-kimika u prodotti sintetiċi*. (4)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 | QMK 2 | QMK 3 |
|---|---|---|---|---|
| **Eż. A** Numru 1-5 | In-numri għandhom jiġu f'din l-ordni: 5, 3, 4, 1 u 2. | 5 | | |
| **Eż. B** 1 | Għażla ta' tnejn minn dawn:<br>1. Jinvolvu aktar xogħol u ħin għall-bidwi.<br>2. Jinvolvu aktar spejjeż.<br>3. Il-proċess itul minn meta tintuża l-kimika u l-produzzjoni hija inqas.<br>4. Jintużaw sistemi naturali biss. | | | 4<br>2 marki għal kull raġuni. |
| 2 | Il-biedja organika ma tużax il-kimika fit-tkabbir tal-ħxejjex. | 2 | | |
| 3 | Il-kittieb iqabbel il-biedja organika mal-biedja tal-antik. Dan għaliex il-kimika u l-prodotti sintetiċi ġew introdotti wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Tweġibiet simili jiġu aċċettati. | 1<br>tingħata għall-ewwel parti tal-mistoqsija. | 3<br>jingħataw għat-tieni parti tal-mistoqsija. | |
| 4 | Nies li huma konxji minn saħħithom u l-ambjent naturali. Iridu jissemmgħu ż-żewġ raġunijiet. | | 4<br>2 marki għal kull raġuni. | |
| 5 | Dawn huma demel naturali, kompost u legumi. | 3 | | |
| 6 | Iż-żewġ punti huma:<br>1. L-ewwel nett fl-istess għalqa jew serra mhux aċċettat li parti minnha tintuża għall-biedja organika u f'parti oħra tintuża l-kimika għax il-kimika timxi.<br>2. Barra minn dan, sabiex għalqa li qabel kienu jintużaw fiha l-kimika u l-prodotti sintetiċi, tintuża għall-biedja organika, iridu jgħaddu ċerti snin. | | 4<br>2 marki għal kull raġuni. | |
| 7a | It-tweġiba t-tajba hija **i**. | | 2 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 7b | i. L-għan ewlieni tal-kittieb hu li jispjega lill-qarrej x'inhi l-biedja organika u x'sistemi tinkludi.<br>ii. Il-ġeneru għalhekk huwa wieħed ta' artiklu informattiv.<br>iii. Il-kittieb juża lingwaġġ fattwali u mhux persważiv.<br>iv. Ma jinvolvix u ma jindirizzax lill-qarrej matul it-test. | | | 8<br><br>2 marki kull waħda. |
| 8 | L-udjenza li qed iżomm f'moħħu l-kittieb hi l-konsumatur Malti.<br><br>Għażla ta' tnejn minn dawn:<br><br>1. Il-kittieb jikteb b'mod ċar u sempliċi.<br>2. Jispjega terminoloġija speċjalizzata billi jagħti definizzjonijiet u eżempji.<br>3. Jagħti evidenza u fatti.<br>4. Jenfasizza li qed jindirizza lill-poplu Malti meta fit-tieni paragrafu jikteb: "anki f'pajjiżna". | | 2<br><br>biex isemmi l-udjenza. | 4<br><br>2 marki għal kull raġuni. |
| 9 | a. jiskula<br>b. sezzjoni<br>ċ. għadd kbir<br>d. nutrijenti | 4 | | |
| 10 | Għażla minn dawn:<br><br>1. Huwa verb iktar effettiv.<br>2. Jenfasizza li dawn huma prodotti tal-ikel li qed jidħlu f'ġisimna.<br>3. Irid lill-qarrej jifhem il-periklu ta' din il-kimika.<br>4. Li tixtri hija għażla waqt li tikkonsma xi ħaġa oħra għax hija neċessità fil-ħajja ta' kuljum.<br>Tweġibiet simili aċċettati. | | | 4<br><br>2 marki għal kull raġuni. |
| | | 15 | 15 | 20 |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1 (30%) | QMK 2 (30%) | QMK 3 (40%) |
|---|---|---|
| 4.1ċ Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq lessiku misjub fit-test. | | 4.3ċ Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq lessiku misjub fit-test. |
| 4.1d Nasal għal tifsira ta' kliem u espressjonijiet skont il-kuntest. | | |
| | 6.2ċ Nidentifika l-udjenza ta' test kumpless. | 6.3ċ Nispjega għal min hu miktub test twil u kumpless billi nislet karatteristiċi minnu. |
| | 6.2d Nagħraf il-funzjoni u l-iskop ta' test kumpless. | 6.3d Nispjega l-funzjonijiet u l-iskopijiet ta' test aktar kumpless billi nislet eżempji minnu. |
| 6.1e Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq it-test. | 6.2e Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq it-test. | 6.3e Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq it-test. |

**Coursework Numru 5**

**L-Ewwel Parti – Il-Letteratura**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

Dan l-assenjament hu maqsum f'żewġ taqsimiet. Fl-ewwel taqsima tinħadem referenza għall-kuntest dwar waħda mill-poeżiji magħżula fis-sillabu. Dan it-taħriġ hu opportunità għall-istudenti biex jiflu bir-reqqa poeżija jew silta minnha u juru kemm għandhom għarfien tajjeb dwar it-teknika u t-tematika użata. Ir-referenza għall-kuntest se tkun ftit differenti, għaliex l-istudenti jimmarkaw it-tweġibiet tagħhom fuq it-test jew silta direttament u jiktbu t-tweġibiet fl-ispazju pprovdut fil-ġenb. Dan il-mod ta' tweġib inaqqas mit-tul tal-eżerċizzju. It-tieni taqsima tikkonsisti f'kitba fit-tul dwar il-poeżiji ta' Dun Karm. F'din il-kitba ta' kritika letterarja l-istudenti juru li laħqu l-kisba mit-tagħlim marbuta ma' Dun Karm. Jingħataw żewġ titli u l-istudenti jiktbu fuq wieħed minnhom.

**It-Titlu: Il-Letteratura: Taħriġ fuq il-Poeżiji ta' Dun Karm**

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 15: Napprezza l-poeżiji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila.

**L-ewwel parti tal-assenjament – Ir-Referenza għall-Kuntest** **(25 marka)**

**Aqra din is-silta mill-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm u wieġeb direttament fuq il-karta billi timmarka fuq il-poeżija u tikteb it-tweġibiet kif indikat fl-eżempju. Il-mistoqsijiet qegħdin fil-paġna ta' wara.**

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem* jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħalma kellhom fiż-żmien ommha u nannietha;

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ tal-Alpi, il-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

fuq wiċċek biss, ja baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija;

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla heda u sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'l-art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!

*forma ta' kejl li juri tul, ħxuna eċċ ...

0. bisuni ____

1. ____ 2. ____

3a. ____

3b. ____

4a. ____

4b. ____

5. ____

6. ____

7. ____

8. ____

9. ____

10. ____

11. ____

**Il-Mistoqsijiet.**

0. Immarka u ikteb il-kelma fl-ewwel strofa li tagħti xeħta Romantika lill-poeżija. (Eżempju)

1. Immarka u ikteb il-kelma li tissimbolizza l-esperjenzi sbieħ fl-ewwel fażi f'ħajjet il-bniedem. (marka)

2. Immarka u ikteb il-verb mill-ewwel strofa li joħroġ l-effett aħrax taż-żmien għaddej fuq il-bniedem. (marka)

3. a. Mill-ewwel strofa mmarka u ikteb il-metafora li toħroġ l-effett taż-żmien. (marka)
   b. Spjegaha. (2 marki)

4. a. Mit-tieni strofa mmarka u ikteb il-vers bl-alliterazzjoni. (marka)
   b. F'kelma waħda ikteb l-effett li jinħoloq. (2 marki)

5. Immarka u ikteb il-vers li jiddeskrivi lis-siġra u fissru. (2 marki)

6. Immarka u ikteb il-vers li juri x-xjuħija tas-siġra. (marka)

7. F'din il-poeżija toħroġ l-umanizzazzjoni tas-siġra. Immarka u ikteb żewġ kelmiet li juru dan. (2 marki)

8. Iż-żmien iħalli sinjal fuq kollox. Immarka u ikteb l-għodda li tagħti din l-idea. (marka)

9. Fit-tielet u fil-ħames strofa, il-poeta jagħmel referenza għan-numri. Spjega l-kuntest kif qed jintużaw u l-effett li jinħoloq. (4 marki)

10. X'inhu l-effett tas-similitudni li jinħoloq fl-aħħar strofa ta' din is-silta? (2 marki)

11. Ikteb dwar kif f'din il-poeżija joħorġu temi Romantiċi li jispikkaw fil-poeta nazzjonali. (5 marki)

**It-Tieni Parti tal-Assenjament – Il-Kitba tal-Kritika Letterarja** (Total: 25 marka)

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb sa 200 kelma.**

1. Identifika tema WAĦDA li toħroġ fil-poeżiji ta' Dun Karm u evalwaha billi tirreferi għal xi poeżiji li jittrattawha. Ikteb ukoll dwar l-effett li jħallu fuqek bħala qarrej/ja.

**JEW**

2. Qabbel u kkuntrasta l-poeżiji "Waħdi" u "Univers ieħor" fl-aspetti stilistiċi u tematiċi tagħhom, u kkummenta dwar ir-rabta li tara bejn iż-żewġ poeżiji u l-ħajja tal-poeta.

**L-Iskema tal-Marki (L-Ewwel Parti tat-Taqsima tal-Letteratura):**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 30% marki | QMK 2 30% marki | QMK 3 40% marki |
|---|---|---|---|---|
| 1 | ix-xmux | 1 | | |
| 2 | tħarbex | | 1 | |
| 3 | "u nħoss taż-żmien is-sikka tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;" *(marka)* Is-sikka hi x-xafra tal-moħriet li tgħaddi fil-ħamrija u tħalli marka warajha. Bl-istess mod, iż-żmien jgħaddi minn fuq il-bniedem u s-sinjali jidhru fiżikament bħalma l-poeta jsemmi r-radda, il-marka, fuq moħħu. *(2 marki)* | | 3 | |
| 4a | Alliterazzjoni bil-konsonanti r. | 1 | | |
| 4b | Effett ta' enerġija. | | | 2 |
| 5 | "dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba," Is-siġra hi folta bil-weraq aħdar. | 1 | 1 | |
| 6 | "fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta," | 1 | | |
| 7 | ommha, nannietha | 2 | | |
| 8 | il-lima | 1 | | |
| 9 | Fit-tielet strofa, in-numru jintuża biex juri li s-siġra għandha ħafna snin *(marka)* u jħalli effett ta' żmien. *(marka)* Fil-ħames strofa, in-numri msemmijin jikbru bil-mija, bl-eluf u bl-għaxart elef u huma referenza għall-fatt li l-baħar, jgħaddu kemm jgħaddu snin, ma jiġi affettwat qatt biż-żmien. *(marka)* Jinħoloq l-effett ta' qawwa tal-baħar li jegħleb dak li l-bniedem u lanqas is-siġra ma jistgħu jegħlbu. *(marka)* | | 2 | 2 |
| 10 | Effett romantiku. | | | 2 |
| 11 | *Tweġibiet simili aċċettati.* F'din is-silta, il-qarrej jista' jidentifika temi differenti li jintisġu flimkien biex iqanqlu riflessjoni eżistenzjali. *(marka)* Ir-referenza għat-tfulija toħroġ in-nostalġija li jidher li qed iħoss il-poeta. *(marka)* B'hekk toħroġ it-tema taż-żmien. *(marka)* Il-poeta jittratta din it-tema permezz tan-natura, għax biex juri kemm iż-żmien jaħkem kollox, isemmi s-siġra tal-balluta li jaffettwaha wkoll. *(marka)* Iżda hemm element naturali li ma jinħakimx miż-żmien u dan huwa l-baħar. Il-poeta jidher affaxxinat bil-baħar u jidealizzah billi jindirizzah u joħroġ l-istraordinarjetà tiegħu għax, bil-kontra ta' kollox, bħala bniedem jibqa' żagħżugħ għal dejjem. *(marka)* | | | 5 |
| | | 7 | 7 | 11 |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| QMK 1<br>30% | QMK 2<br>30% | QMK 3<br>40% |
|---|---|---|
| 14.1b Nidentifika l-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.2b Nispjega t-tħaddim tal-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.3b Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tal-elementi figurattivi f'test letterarju. |
| 14.1a Nidentifika l-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | | 14.3a Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. |
| 12.1ċ Nislet il-vokabularju li jidentifika tema. | | |
| | | 12.3b Nispjega kif tema/i u sottotema/i jiżviluppaw u jinteraġixxu flimkien biex joħolqu effett wieħed u kumpless fil-qarrejja. |
| | | 15.3b Nevalwa t-tema/i f'poeżiji ta' Dun Karm. |

**L-Iskema tal-Marki (It-Tieni Parti tat-Taqsima tal-Letteratura):**

| | QMK 1<br>30%<br>marki | QMK 2<br>30%<br>marki | QMK 3<br>40%<br>marki |
|---|---|---|---|
| **Il-kontenut (6)** | **0-2** | **3-4** | **5-6** |
| | Identifikazzjoni tal-punti meħtieġa li jorbtu ma' dak li jitlob it-titlu.<br>Issir referenza għat-testi b'użu ta' xi kwotazzjoni fejn meħtieġ. | Spjegazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma' dak li jitlob it-titlu.<br>Issir referenza għat-testi b'użu ta' kwotazzjonijiet fejn meħtieġ. | Evalwazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma' dak li jitlob it-titlu.<br>Il-kwotazzjonijiet użati jsaħħu u jarrekkixxu l-evalwazzjoni tal-punti msemmija. |
| | | | |
| **It-teknika (6)** | **0-2** | **3-4** | **5-6** |
| | Identifikazzjoni ta' tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu. | Tifsir ta' kif qed jitħaddmu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu. | Evalwazzjoni tal-effett li jħallu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu. |
| | | | |
| **L-istil u l-espressjoni (5)** | **0-1** | **2 -3** | **4-5** |
| | It-tħaddim tal-espressjoni hu fqir u ma jersaqx lejn l-istil ta' kritika letterarja. | L-espressjoni użata tersaq lejn l-istil ta' kritika letterarja. | L-espressjoni użata toħloq l-istil mistenni f'kitba ta' kritika letterarja. |
| | | | |
| **Is-sekwenza u l-koerenza (4)** | **0-1** | **2** | **3-4** |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | ikun hemm sekwenza ċara. | |
| | | | |
| **L-ortografija (4)** | **0-1** | **2** | **3-4** |
| | Kitba li fiha aktar minn 12-il żball. | Kitba li ma fihiex aktar minn 8 żbalji differenti. | Kitba li ma fihiex aktar minn 4 żbalji differenti. |

**Il-Kriterji tal-Assessjar:**

| **QMK 1**<br>**30%** | **QMK 2**<br>**30%** | **QMK 3**<br>**40%** |
|---|---|---|
| 15.1a Nidentifika karatteristiċi b'rabta mal-kitba tal-poeta nazzjonali, Dun Karm.<br>*(2-3 poeżiji).* | 15.2a Nispjega l-karatteristiċi f'kitbiet varji tal-poeta nazzjonali, Dun Karm.<br>*(4-6 poeżiji).* | 15.3a Nevalwa l-istil personali ta' Dun Karm kif jidher f'damma ta' kitbiet.<br>*(6-9 poeżiji).* |
| 15.1b Nidentifika t-tema/i f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.2b Nispjega t-tema/i f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.3b Nevalwa t-tema/i f'poeżiji ta' Dun Karm. |
| 15.1ċ Nidentifika aspett bijografiku f'poeżija ta' Dun Karm. | 15.2ċ Nispjega aspetti bijografiċi f'poeżiji ta' Dun Karm. | 15.3ċ Nevalwa l-effetti li joħolqu l-aspetti bijografiċi ta' Dun Karm fil-poeżiji tiegħu. |
| 14.1e Nidentifika kwalitajiet stilistiċi simili u differenti f'żewġ testi letterarji. | 14.2e Inqabbel żewġ testi letterarji flimkien b'referenza għall-elementi stilistiċi tagħhom. | 14.3e Nanalizza kif elementi stilistiċi varji jaħdmu u jħallu effett f'żewġ testi letterarji mqabblin flimkien. |
| 13.1b Nitkellem jew nikteb dwar xi xebh (punti ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | 13.2b Nitkellem jew nikteb dwar xi differenzi (punti ta' nuqqas ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | |
| 13.1ċ Niddeskrivi xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.2ċ Niddeskrivi b'lingwa teknika xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.3ċ Nevalwa l-effett tal-kwalitajiet ta' test letterarju b'lingwa teknika preċiża. |
| 13. 1d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju.<br><br>*Eż. poeżija, proża, dramm jew rumanz.* | 13.2d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nislet evidenza minnu. | 13.3d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu. |
| 12.1f Nidentifika l-mod kif il-kittieb/a iħares/tħares lejn suġġett f'test letterarju. | 12.2f Nispjega kif il-kittieb/a j/tħaddem perspettiva (punt di vista) partikolari f'test letterarju. | 12.3f Nanalizza kif il-kittieb/a j/tiżvolġi punti di vista partikolari f'test letterarju. |

| **QMK 1<br>30%** | **QMK 2<br>30%** | **QMK 3<br>40%** |
|---|---|---|
| 9.1.a Nikteb, billi nsegwi forma, it-tqassim li jitlob il-ġeneru. | 9.2.a Nikteb skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru, bi gwida. | 9.3.a Nikteb waħdi u preċiż skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru. |
| 9.1.ċ Nikteb bi ftit rabta bejn il-paragrafi. | 9.2.ċ Nikteb b'rabta bejn il-paragrafi li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta imma b'sekwenza tajba. | 9.3.ċ Nikteb kitba li ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba. |
| 9.1.d Nikteb bi stil sempliċi. | 9.2.d Nikteb bi stil mexxej u ftit elaborat skont il-ġeneru. | 9.3.d Nikteb kitba bi stil mexxej, mirqum u jsegwi tajjeb tul il-ġeneru kollu. |
| 9.1.e Nikteb bi ftit espressjonijiet u lessiku. | 9.2.e Nikteb għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat skont il-kuntest. | 9.3.e Nikteb ħafna espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' skont il-kuntest. |
| 9.1.h Nikteb bi strutturi ortografiċi sempliċi. | 9.2.h Nikteb bi strutturi ortografiċi differenti. | 9.3.h Nikteb bi strutturi ortografiċi kumplessi. |

**It-Tieni Parti – Il-Metalingwa (QMK 1-2-3)**

**Tagħrif fuq dan l-assenjament:**

Għall-istudju u t-tħaddim effettiv tal-lingwa, il-metalingwa hija pilastru ewlieni li kull kelliem irid jaħkem sewwa biex tassew jitqies kelliem tajjeb u abbli. Huwa xieraq li tingħata importanza mill-kelliema nattivi fejn jidħlu ċerti ħiliet, fosthom il-kitba, sabiex ikunu preċiżi, b'mod konxju, fl-użu tat-tħaddim grammatikali fil-Malti. Dan se jsir billi jinħadmu għadd ta' eżerċizzji f'kuntest marbuta mal-aspett morfoloġiku, sintattiku u semantiku.

**It-Titlu tal-Assenjament: Il-Metalingwa f'Kuntest**

- Jidentifikaw, jinterpretaw u jħaddmu aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'kuntest.
- Jidentifikaw, jinterpretaw u jibnu strutturi sintattiċi tal-Malti bi stil.
- Jidentifikaw, jinterpretaw u jħaddmu aspetti semantiċi tal-Malti f'kuntest.

**Il-Kisba mit-Tagħlim li se tiġi assessjata f'dan l-assenjament:**

Kisba 10: Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba.

**L-Assenjament:** **(Total: 50 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu ħames eżerċizzji tal-metalingwa f'kuntest, li jinkludu eżerċizzju tal-morfoloġija ta' wieġeb il-mistoqsijiet, eżerċizzji tal-punteġġjatura u tas-sintassi, u eżerċizzji marbutin mat-tifsir tal-kliem.

It-tweġibiet għandhom jinkitbu b'Malti tajjeb.

***

**Il-Morfoloġija**

A. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Fil-ħemda tal-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, huma pprojbiti anke n-noti kiebja tal-qniepen. Minflok il-ħoss tal-qniepen, f'xi parroċċi għadu jidwi l-ħoss taċ-ċuqlajta, li tintuża biss fil-Ġimgħa l-Kbira. Skont ir-rit Ruman, il-qniepen fil-knejjes m'għandhomx jindaqqu minn wara l-kant tal-Glorja waqt il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħaxija, sal-kant tal-Glorja fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid. Dan bħala sinjal ta' luttu b'tifkira tal-mewt ta' Kristu. Minflok tindaqq iċ-ċuqlajta, struttura tal-injam forma ta' rota. Iċ-ċuqlajta hija magħmula minn forma ta' salib doppju bi trombi vojta u jagħmlu dak il-ħoss ta' injam jaħbat mal-ieħor. Iċ-ċuqlajta għadha teżisti fi ftit parroċċi f'pajjiżna, fosthom fiż-Żejtun. Iċ-ċuqlajta, li tintrama f'wieħed miż-żewġ kampnari tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, bdiet tintuża mill-1986, u tista' titħaddem kemm bl-imradd kif ukoll bid-dawl.

*(Addattament mis-sit www.tvm.com.mt)*

1. Ikteb fi kliem in-numru **1986**. (1)
2. Agħti nom propju. (1)
3. Oħroġ nom verbali minn **tindaqq**. (1)
4. Agħti l-plural ta' **ħoss**. (1)
5. Sib u ikteb plural miksur. (1)
6. X'aġġettiv hu **kiebja**? (1)
7. Agħti l-għerq ta' **jidwi**. (1)
8. Agħti z-zokk morfemiku ta' **ċelebrazzjoni**. (1)
9. Ikkonjuga l-verb **jagħmlu** fit-tieni persuna plural fil-perfett. (1)
10. Mis-silta sib u ikteb verb kompost. (1)
11. Oħroġ il-mamma tal-verb tat-tieni forma minn **salib**. (1)
12. Ta' liema forma hu l-verb **tintrama**. (1)
13. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
14. Il-kelma **luttu** hija kelma Rumanza jew Semitika? (1)
15. **Iċ-ċuqlajta għadha teżisti fi ftit parroċċi f'pajjiżna.** Immarka **partiċella** minn din is-sentenza. (1)

(Total: 15-il marka)

**Is-Sintassi**

Bi. Għaqqad is-sentenzi f'waħda billi tuża l-kliem għaqqiedi t'hawn taħt. Jista' jintuża DARBA. Ara wkoll li tuża l-għeliem tal-punteġġjatura meħtieġa. Sentenza minnhom trid tuża ŻEWĠ kelmiet għaqqieda.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| għalkemm | minkejja | filwaqt | għax | u | tant |

**Eż. Stefan huwa marid. Xorta bi tbissima fuq fommu.**

**Stefan huwa marid <u>imma</u> xorta bi tbissima fuq fommu.**

1. Jien mort l-iskola. Missieri mar ix-xogħol.

_______________________________________________

2. L-Università ta' Malta hija post fejn wieħed jitgħallem. L-Università hija meqjusa bħala l-benniena tat-tagħlim.

_______________________________________________

3. Matthew studja ħafna. Xorta ma marx tajjeb fl-eżamijiet tal-aħħar.

_______________________________________________

4. F'Malta, l-ispeċi endemiċi saru rari. Għandna nħarsuhom iktar u nħalluhom fl-ambjent naturali tagħhom.

_______________________________________________

5. Il-ħanut ta' ħdejna huwa kbir. Ibigħ affarijiet għaljin ħafna. M'għadhomx imorru nies.

_______________________________________________

(Total: 10 marki)

Bii. Aqleb dan id-djalogu qasir f'diskors indirett:

**Marta: Kemm ilek iddoqq il-banda?**

Rita: Ilni ndoqq għal dawn l-aħħar 12-il sena. Ommi dejjem kienet iddoqq il-marċi fuq ir-radju, kelli liz-zijiet u lill-kuġini kollha bandisti u fil-marċi konna nimxu magħhom. Bilfors inġbidt lejn il-banda.

**Marta: Il-każini tal-banda għad għandhom irwol importanti?**

Rita: Iva ħafna, kemm b'mod personali u anke kulturali. Personalment, il-banda tatni spinta 'l quddiem biex nemmen aktar fija nnifsi. Il-banda ġegħlitni negħleb il-mistħija, għenitni nagħmel il-ħbieb, tagħtini gost u permezz tagħha nagħti gost lil ħaddieħor.

**Marta: Grazzi tal-kummenti tiegħek.**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(Total: 10 marki)

**Is-Semantika**

Ċi. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem f'dan il-kuntest.

**Eż.** Sieħbi tal-klassi xtara **pappagall**. Nesa li hu **pappagall** għax ma jista' jisma' xejn.

**Wieħed li jirrepeti dak li jisma'.**

1. Il-**Ħadd** filgħaxija ma kien hawn **ħadd** id-dar.
2. Il-**bajjad bajjad** il-ħitan kollha tad-dar tan-nanniet.
3. It-**tifel** tal-ġara, minkejja li kiber, jaġixxi qisu **tifel**.
4. "**Ħares**, tersqux 'l hemm għax jidher il-**ħares**."
5. Kemm hawn **avukati** f'Malta? Ħija **avukat** iktar minnhom. (Total: 10 marki)

Ċii. Ikteb il-qasam li jorbot it-tifsira ta' dan il-kliem.

**Eż.** fjura, ħamrija, siġra, bidwi, ġebla **- in-natura**

1. inġinier, għalliema, zija, tifel, mara - _________________
2. mejda, dgħajsa, ġebla, basket, ktieb - _________________
3. vapur, karozza, mutur, ajruplan, rota - _________________
4. idroġenu, karbonju, sodju, potassju, kalċju - _________________
5. kanun, suldat, uniformi, armata, gwerra - _________________

(Total: 5 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| Il-Metalingwa (QMK 1-2-3) | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A**: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **15-il marka** |
| 1. | elf disa’ mija, sitta u tmenin. | marka |
| 2. | Ġimgħa l-Kbira, Ħamis ix-Xirka, Għid, Żejtun, Kristu, Glorja | marka |
| 3. | daqq | marka |
| 4. | ħsejjes | marka |
| 5. | qniepen, knejjes | marka |
| 6. | aġġettiv pożittiv | marka |
| 7. | d-w-j, D-W-J, dwj, DWJ | marka |
| 8. | ċelebr | marka |
| 9. | għamiltu | marka |
| 10. | għadu jidwi, bdiet tintuża, huma pprojbiti, m’għandhomx jindaqqu, tista’ titħaddem | marka |
| 11. | sallab | marka |
| 12. | 7/seba’ forma | marka |
| 13. | magħmula | marka |
| 14. | Rumanza | marka |
| 15. | fi/f’ | marka |

| Eżerċizzju Bi. Għaqqad is-sentenzi f’waħda billi tuża l-kliem għaqqiedi. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 Marki** |
| 1. | Jien mort l-iskola **filwaqt** li missieri mar ix-xogħol. | Żewġ marki għal kull sentenza. Tweġibiet simili jingħataw il-marka xorta. |
| 2. | L-Università ta’ Malta hija post fejn wieħed jitgħallem **u** hija meqjusa bħala l-benniena tat-tagħlim. | |
| 3. | **Għallkemm** Matthew studja ħafna, xorta ma marx tajjeb fl-eżamijiet tal-aħħar. | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | F'Malta, **tant** l-ispeċi endemiċi saru rari, li għandna nħarsuhom iktar u nħalluhom fl-ambjent naturali tagħhom. | |
| 5. | **Minkejja** li l-ħanut ta' ħdejna huwa kbir, m'għadhomx imorru nies, **għax** ibigħ affarijiet għaljin ħafna. | |

| **Eżerċizzju Bii. Aqleb dan id-djalogu qasir f'diskors indirett.** | |
|---|---|
| **Tweġibiet** | **10 Marki** |
| Marta saqsietha kemm ilha ddoqq il-banda **(1).**<br>Rita weġbitha li ilha ddoqq għal dawn l-aħħar 12-il sena. Ommha dejjem kienet iddoqq il-marċi fuq ir-radju, kellha liz-zijiet u lill-kuġini kollha bandisti u fil-marċi kienu jimxu magħhom. Għalhekk, bilfors kellha tinġibed lejn il-banda **(3)**.<br>Marta reġgħet saqsietha jekk il-każini tal-banda għandhomx irwol importanti **(2).**<br>Rita weġbitha ħafna, kemm personali u kulturali. Skontha, il-banda tatha spinta 'l quddiem biex temmen fiha nnifisha. Il-banda ġegħlitha tegħleb il-mistħija, għenitha tagħmel il-ħbieb, tagħtiha gost u permezz tagħha hi tagħti gost lil ħaddieħor **(3)**.<br>Marta rringrazzjatha tal-kummenti tagħha **(1).** | 10 marki<br>(Tweġibiet varji jingħataw il-marki xorta) |

| **Eżerċizzju Ċi. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem f'dan il-kuntest.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 Marki** |
| 1. | ġurnata tal-ġimgħa/l-ebda persuna | Marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | nom tal-aġent/ta l-kulur/żebagħ | |
| 3. | persuna/mhux ta' min torbot fuqu | |
| 4. | Ara/fatat | |
| 5. | Nom tal-aġent/makakk u moħħu jilħaqlu | |

| **Eżerċizzju Ċii. Ikteb x'inhi r-relazzjoni li hemm fit-tifsira ta' dan il-kliem.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | bnedmin/nies | Marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | oġġetti | |
| 3. | mezzi ta' trasport | |
| 4. | elementi | |
| 5. | militar | |

**Il-Kriterji tal-Assessjar**:

| QMK 1 (30%) | QMK 2 (30%) | QMK 3 (40%) |
|---|---|---|
| 10.1a Nidentifika aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. | 10.2a Ninterpreta aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. | 10.3a Inħaddem aspetti morfoloġiċi tal-Malti f'silta. |
| 10.1b Insawwar strutturi sintattiċi sempliċi. | 10.2b Ngħaqqad strutturi sintattiċi sempliċi biex nagħmilhom komposti. | 10.3b Nuża varjetà ta' strutturi sintattiċi kumplessi. |
| 10.1ċ Nidentifika aspetti semantiċi f'silta. | 10.2ċ Infisser aspetti semantiċi f'silta. | 10.3ċ Inħaddem aspetti semantiċi f'kitba. |

# Karta Mudell: Karta Controlled QMK 1-2

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 – 2 (It-Taħdit)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Il-Ħila tat-Taħdit: L-Oral tal-Malti – QMK 1-2**

### It-traffiku u l-effetti tiegħu

Kemm hi komda l-karozza. Imma qatt għaddielek minn moħħok kemm qed tagħmel ħsara? Taf kemm-il siġra qiegħda tinqala'? Qatt ħsibtu fuq il-pulmun tat-tfal tagħkom stess? U dawn kollha ġejjin mill-istess kawża ... it-tniġġis tal-karozzi. Il-karozza saret l-iktar mod komdu ta' vjaġġar. Nistgħu ngħidu li mingħajrha ma ngħaddux. Forsi sforz l-għażż jew skużi żejda? Il-popolazzjoni ta' Malta qed tiżdied u b'hekk il-karozzi qed jiżdiedu wkoll. Illum, anke t-turisti qed jiġu u jikru karozza.

Apparti s-saħħa tal-bniedem, hemm ukoll in-natura involuta. In-natura qed tinqered ma kull sekonda li qed tgħaddi, u dan mhux tajjeb. Iktar ma tinqata' n-natura inqas qed ikollna arja nadifa għax, kif diġà nafu, is-siġar u l-ħdura jieħdu l-arja ħażina u jagħtuna arja nadifa. It-tniġġis qed jagħmel ħafna ħsara lill-bniedem u qed joħloq mard serju.

Kawża ta' dan it-traffiku kollu, ħafna nies qed ikollhom jippreparaw u jitilqu mid-dar minn kmieni ħafna. Ovvjament, xejn ma jiġi waħdu. Waħda mis-soluzzjonijiet li nistgħu nagħmlu biex nevitaw u nnaqqsu ftit mit-tniġġis u mill-konġestjoni tat-traffiku hija li tibda minnek, minflok tmur għad-destinazzjoni tiegħek bil-karozza tista' tibda tuża l-karozza tal-linja jew nagħmlu carpooling. Carpooling hi meta tiftiehem ma' sħabek u tgħaddu għal xulxin biex b'hekk inkunu qed innaqqsu l-karozzi mit-triq. Il-Gvern għandu sehem ukoll fiha, billi jagħmel il-karozza tal-linja iktar puntwali ħalli n-nies li jkollhom imorru għax-xogħol jaslu fil-ħin tajjeb, kif ukoll joħloq inċentivi oħra li jgħinu f'dan ir-rigward. Wara dan l-isforz żgħir ta' kulħadd, inkunu nistgħu naraw riżultat kbir f'Malta; ikollna inqas tniġġis fl-arja, li jirriżulta f'natura isbaħ, arja iktar nadifa u inqas mard.

*(Addattament minn www.yremalta.org)*

***Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.***

***Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.***

***Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.***

A. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. (6 minuti)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Għaliex taħseb li l-età tas-sewqan għandha tkun ta' 18-il sena?
2. Is-silta tuża l-frażi **skużi żejda**. X'taħseb li huma l-iskużi?
3. X'qed jikkawża t-traffiku f'pajjiżna?
4. Taqbel mal-carpooling? Għaliex?
5. Immaġina li inti membru parlamentari. X'mistoqsija ssaqsi fil-Parlament dwar il-problema tat-traffiku f'pajjiżna?

***Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.***

B. Diskussjoni fuq Stampa. (4 minuti)

***F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan skont kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.***

**TRAFFIKU SPISS?**



**Mistoqsijiet tal-eżaminatur:**

1. Iddeskrivi dan ir-ritratt.
2. Semmi ironija waħda li tidher f'dan ir-ritratt.
3. Taħseb li hija fil-kultura tal-Maltin li jużaw kuljum il-karozzi, mqabbla ma' dik ta' pajjiżi oħra Ewropej?
4. Din l-istampa hija karikatura. X'fihom speċjali u għala jintużaw?
5. X'soluzzjonijiet taħseb li għandu jaddotta pajjiżna biex innaqqsu l-ammont ta' karozzi fit-toroq tagħna, u b'hekk jonqos it-tniġġis?
6. Bħala student, b'liema mod tista' tikkontribwixxi sabiex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku?
7. Kif taħseb li tara lil Malta għoxrin sena oħra?

***Grazzi ħafna. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.***

| **Il-Kriterji tal-Marki tat-Taħdit bil-Malti** | |
|---|---|
| | |
| **QMK 1** | **QMK 2** |
| **1. Il-kompetenza fit-taħdit** | |
| **0-2**<br>Id-diskors **ma**<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ. | **3**<br>Id-diskors **mhux dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. |
| **2. Il-lessiku** | |
| **1-2**<br>• Ħakma **limitata u ripetuta** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Għadd kbir** ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali. | **3**<br>• Ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali. |
| **3. L-istruttura tad-diskors** | |
| **0-2**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura mħawda** li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li **xejn ideat** u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet<br>• **Bla ebda sens** ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **3**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**;<br>• **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. |
| **4. Il-kontenut ippreżentat** | |
| **1-2**<br>• **Ftit li xejn diskors korrett** marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija **bla sekwenza;**<br>• **Qatt jew rari** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **3**<br>• **Deskrizzjoni tajba u fil-parti l-kbira tagħha hi korretta** u taqbel mat-tema;<br>• sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija;<br>• **xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 - 2 (It-Taħdit)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Il-Ħila tat-Taħdit: L-Oral tal-Malti – QMK 1-2**

**Istruzzjonijiet għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku. Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta. Hemm barra kellek madwar **għaxar minuti** ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.

## It-traffiku u l-effetti tiegħu

Kemm hi komda l-karozza. Imma qatt għaddielek minn moħħok kemm qed tagħmel ħsara? Taf kemm-il siġra qiegħda tinqala'? Qatt ħsibtu fuq il-pulmun tat-tfal tagħkom stess? U dawn kollha ġejjin mill-istess kawża ... it-tniġġis tal-karozzi. Il-karozza saret l-iktar mod komdu ta' vjaġġar. Nistgħu ngħidu li mingħajrha ma ngħaddux. Forsi sforz l-għażż jew skużi żejda? Il-popolazzjoni ta' Malta qed tiżdied u b'hekk il-karozzi qed jiżdiedu wkoll. Illum, anke t-turisti qed jiġu u jikru karozza.

Apparti s-saħħa tal-bniedem, hemm ukoll in-natura involuta. In-natura qed tinqered ma kull sekonda li qed tgħaddi, u dan mhux tajjeb. Iktar ma tinqata' n-natura inqas qed ikollna arja nadifa għax, kif diġà nafu, is-siġar u l-ħdura jieħdu l-arja ħażina u jagħtuna arja nadifa. It-tniġġis qed jagħmel ħafna ħsara lill-bniedem u qed joħloq mard serju.

Kawża ta' dan it-traffiku kollu, ħafna nies qed ikollhom jippreparaw u jitilqu mid-dar minn kmieni ħafna. Ovvjament, xejn ma jiġi waħdu. Waħda mis-soluzzjonijiet li nistgħu nagħmlu biex nevitaw u nnaqqsu ftit mit-tniġġis u mill-konġestjoni tat-traffiku hija li tibda minnek, minflok tmur għad-destinazzjoni tiegħek bil-karozza tista' tibda tuża l-karozza tal-linja jew nagħmlu carpooling. Carpooling hi meta tiftiehem ma' sħabek u tgħaddu għal xulxin biex b'hekk inkunu qed innaqqsu l-karozzi mit-triq. Il-Gvern għandu sehem ukoll fiha, billi jagħmel il-karozza tal-linja iktar puntwali ħalli n-nies li jkollhom imorru għax-xogħol jaslu fil-ħin tajjeb, kif ukoll joħloq inċentivi oħra li jgħinu f'dan ir-rigward. Wara dan l-isforz żgħir ta' kulħadd, inkunu nistgħu naraw riżultat kbir f'Malta; ikollna inqas tniġġis fl-arja, li jirriżulta f'natura isbaħ, arja iktar nadifa u inqas mard.

*(Addattament minn www.yremalta.org)*

A. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. (6 minuti)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Għaliex taħseb li l-età tas-sewqan għandha tkun ta' 18-il sena?
2. Is-silta tuża l-frażi **skużi żejda**. X'taħseb li huma l-iskużi?
3. X'qed jikkawża t-traffiku f'pajjiżna?
4. Taqbel mal-carpooling? Għaliex?
5. Immaġina li inti membru parlamentari. X'mistoqsija ssaqsi fil-Parlament dwar il-problema tat-traffiku f'pajjiżna?

B. Diskussjoni fuq Stampa. (4 minuti)

Mal-eżaminatur se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**TRAFFIKU SPISS?**



**TMIEM**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 – 2** |
| DATA: | |
| ĦIN: | Sagħtejn |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(22 marka)**

**Ikteb sa 250 kelma fuq wieħed minn dawn it-titli:**

i. Storja tal-avventura magħmula minn grupp żgħir ta' żgħażagħ li qed jesploraw gżira diżabitata wara għarqa mhux mistennija.

ii. Reċensjoni ta' film ta' mħabba għal żgħażagħ ta' bejn il-15 u t-18-il sena biex jidher fis-sit elettroniku www.filmwaw.com.

iii. Taħdita fuq sehem iż-żgħażagħ fil-kunsilli lokali biex tħeġġiġhom jipparteċipaw dejjem aktar f'inizjattivi soċjali, kulturali u edukattivi.

**Taqsima B: Il-Qari** **(22 marka)**

**Il-Fotografija**

Wieħed mill-aktar fotografi rinomati Taljani li jaħdem fil-qasam tal-aħbarijiet hu Massimo Sestini. Xogħlu hu li jispija fuq ħaddieħor permezz tal-kamera, u mhux l-ewwel darba li għamel irtokk biex ma jingħarafx. Kemm-il darba rnexxielu jkun f'post opportun fil-ħin opportun. Ġibed diversi ritratti esklussivi ta' persuni pubbliċi li, fil-ħin li qabadhom bil-lenti, kienu jippreferu li kieku ma rahom ħadd. Fost dawn kien hemm il-kantanta Madonna u l-Prinċipessa Diana. Minkejja dan, fejn jidħol dwaru nnifsu, hu pjuttost persuna riservata. Fil-fatt, mill-midja soċjali hu magħruf li hu miżżewweġ u għandu tifla, biss mhux magħruf eżatt isimhom u dettalji oħra dwarhom.

Naturalment, bħal kull fotografu denju tal-isem, dejjem jipprova jsib angoli li ħaddieħor jiskarta, u l-aktar favoriti tiegħu huma ritratti miġbuda mill-ajru, bosta drabi minn fuq ħelikopter. F'din il-ħaġa mhux l-ewwel darba li ħadem mal-Pulizija Taljana u, fil-fatt, jikkollabora magħhom biex ta' kull sena joħorġu kalendarju li l-qligħ li jsir minnu jmur għall-karità.

Ritratti miġbudin minnu minn fuq ħelikopter tal-Pulizija spiċċaw biex minnhom saret wirja kmieni din is-sena f'Firenze u issa bdiet iddur anke bliet u postijiet mad-dinja, bl-ewwel post ikun f'Moska, ir-Russja. Iżda l-aktar ritratt magħruf tiegħu hu dak li ġibed fis-7 ta' Ġunju 2014 minn fuq ħelikopter tal-Pulizija Taljana ta' biċċa tal-baħar f'nofs il-Mediterran iffullata sa ruħ ommha. Hu stmat li fuqha kien hemm mal-500 persuna. Dan ir-ritratt xokkanti ġab in-nies aktar konxji ta' kemm tabilħaqq hi kbira l-problema attwali tal-immigrazzjoni irregolari fil-Mediterran. Ir-ritratt anke kien ippremjat fit-tieni post mill-World Press Photo.

Dan ir-ritratt partikolari, barra li kompla żied il-popolarità ta' Sestini internazzjonalment, wassal ukoll biex jieħu inizjattiva ta' bniedem sensittiv li hu. Wara li r-ritratt deher, tista' tgħid ma' kullimkien u anke rebaħ il-premju, wieħed mill-immigranti li kien fir-ritratt wera x-xewqa li jkollu kopja tar-ritratt. Sestini deherlu li tkun idea tajba jekk jirnexxilu jagħti l-lat l-ieħor ta' dak li deher fir-ritratt, jiġifieri fejn wara stabbilixxew ruħhom u l-ħajja tagħhom illum. Dawk fir-ritratt kienu żbarkaw f'Taranto, l-Italja u wħud minnhom lanqas biss qattgħu ġurnata sħiħa fl-Italja għax minnufih qabdu ferrovija għal destinazzjoni oħra fl-Ewropa.

Sestini għamel appelli f'dan is-sens, biex jikkuntattjawh dawk li kienu fuq dik il-biċċa tal-baħar. Għamel użu minn mezzi diversi biex iwassal dan l-appell, fosthom fuq il-midja soċjali u permezz tal-BBC u tar-rivista awtorevoli 'Time'. Ir-rivista speċjalizzata 'National Geographic' għoġbitha l-idea u kkollaborat ma' Sestini biex, eventwalment, mhux biss il-fotografu ltaqa' ma' dawk li wieġbu l-appell, iżda n-'National Geographic' anke ħadmet dokumentarju dwarhom, li xxandar għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tar-Refuġjati, fl-20 ta' Ġunju ta' din is-sena.

*(Artiklu ta' Raymond Miceli addattat minn 'In-Nazzjon' tat-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. **Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba:** (3 marki)

a. Sestini huwa:

i. fotografu magħruf minn 500 persuna.

ii. fotografu popolari fl-Italja.

iii. fotografu msemmi madwar id-dinja.

b. Sestini jaħdem fil-qasam:

i. tal-aħbarijiet.

ii. tal-avjazzjoni.

iii. tal-immigrazzjoni.

ċ. Fir-ritratt li ħa fis-7 ta' Ġunju 2017 kien hemm:

i. inqas minn 500 persuna.

ii. madwar 500 persuna.

iii. iktar minn 500 persuna.

2. Għaliex ir-ritratti ta' Sestini huma uniċi? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

3. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li juru li Sestini huwa magħruf barra mill-Italja. (2 marki)

a. ____________________________________________________________________________

b. ____________________________________________________________________________

4. Minn dak li qrajt, għaliex ir-ritratt tas-7 ta' Ġunju 2014 kiseb daqshekk popolarità? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

5. X'kienet ir-raġuni li Sestini beda jfittex x'sar mill-immigranti li dehru fir-ritratt? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. Niżżel it-**TLIET** mezzi li għamel użu minnhom Sestini sabiex isib in-nies li dehru fir-ritratt. (3 marki)

i. ________________________________

ii. ________________________________

iii. ________________________________

7. Sestini huwa deskritt bħala bniedem sensittiv. Iżda minn dak li hemm miktub fis-silta jidher fih ukoll nuqqas ta' sensittività. Agħti eżempju **WIEĦED** fejn jidher bħala bniedem sensittiv u ieħor fejn jidher bħala bniedem insensittiv. (2 marki)

Sensittiv: ________________________________________________

Insensittiv: ________________________________________________

8. a. Taħseb li t-titlu jirrifletti b'mod tajjeb il-kontenut tat-test? Iva jew le? (marka)

________________________________________________

b. Spjega għaliex. (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

9. Fisser il-kelma u l-frażi bis-sing taħthom skont kif użati fis-silta. (3 marki)

a. F'din il-ħaġa mhux l-ewwel darba li ħadem mal-Pulizija Taljana u, fil-fatt, jikkollabora magħhom biex ta' kull sena joħorġu kalendarju li l-qligħ li jsir minnu jmur għall-karità.

________________________________________________

b. Iżda l-aktar ritratt magħruf tiegħu hu dak li ġibed fis-7 ta' Ġunju 2014 minn fuq ħelikopter tal-Pulizija Taljana ta' biċċa tal-baħar f'nofs il-Mediterran iffullata sa ruħ ommha.

________________________________________________

ċ. Dan wassal biex Sestini deherlu li tkun idea tajba jekk jirnexxilu jagħti l-lat l-ieħor ta' dak li deher fir-ritratt, jiġifieri fejn wara stabbilixxew ruħhom u l-ħajja tagħhom illum.

________________________________________________

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(22 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji f'kuntest; eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tal-ortografija.

**Il-Morfoloġija**

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. Waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**Attivitajiet għat-tfal waqt il-btajjel fiċ-ċentru tax-xjenza Esplora**

Tfal mill-Kottonera u oħrajn li _____________ (**qiegħed**) fid-djar tat-tfal_____________ (**ngħata**) l-opportunità li jieħdu sehem f'attivitajiet fiċ-ċentru tax-xjenza, Esplora. Għall-**btajjel** (**plural ta' btala**) tal-Għid, qed ikunu organizzati wkoll attivitajiet u workshops għall-familji.

Tfal u adolexxenti qed jaraw u _____________ (**mess**) b'idejhom kunċetti _____________ (**xjenza**) fiċ-ċentru Esplora fejn qed _____________ (**sar**) sensiela ta' attivitajiet u workshops dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika, ilkoll suġġetti _____________ (**ħtieġa**) fil-karrieri tal-lum, fosthom workshop fuq ir-robotika u oħrajn li _____________ (**verb minn esplora**) id-dinja _____________ (**maġija**) tax-xjenza permezz ta' _____________ (**nom verbali minn lagħab**) għat-tfal u l-familji.

Hemm ukoll għadd ta' esebizzjonijiet li _____________ (**ssimplifika**) kunċetti xjentifiċi lit-tfal, u l-Planetarium qed juri _____________ (**produzzjoni**) awdjo-viżivi dwar id-dinja u l-univers. Żgur se tkun opportunità _____________ (**aġġettiv minn sabiħ**) li ħadd m'għandu jitlifha.

*(Addattament mis-sit www.tvm.com.mt)*

(12-il marka)

**L-Ortografija**

B. Agħżel il-kelma t-tajba.

**Eż. L-awtoritajiet (ta' l-, tal-) Italja talbu aktar għajnuna finanzjarja (mil-, mill-) membri tal-Unjoni Ewropea.**

1. Ma ħadtx pjaċir bil-laqgħa tal-bieraħ, għax beda jitkellem (kemmkemm, kemm kemm) jinstema' u t-tieni nett, għax kont għajjien mejjet il-ħin kollu (bilwieqfa, bil-wieqfa).
2. Dik (illejla, il-lejla), qabel ġew il-mistednin, waħħalt l-(inkwadru, inkwatru) f'postu, u ħsilt l-art kollha.
3. Jien u sħabi ddeċidejna li niltaqgħu ħdejn it-Torri Belveder fin-(nofsiegħa, nofs siegħa), u mmorru mixja ta' (nofsiegħa, nofs siegħa) madwar ir-raħal l-antik.
4. Missieri jaħdem (bi nhar, binhar) u (billejl, bil-lejl) biex ma jħallina neqsin minn xejn.
5. Skont id-dentista, m'għandix (għal fejn, għalfejn) ninkwieta għax l-uġigħ fis-snien (m'huwa, mhuwa) xejn gravi u daqt jgħaddili kollox bil-mediċina li għaddieli.

(10 marki)

**Taqsima D: Il-Letteratura** **(22 marka)**

**Letteratura: Analiżi fuq test letterarju**

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Ma nista' ninsieh qatt. Għadni narah hemm, minxur mal-art fil-ħerba li hu stess kien ħoloq.

Kont issibu għal kollox, jindaħal f'kollox. Jekk logħob tal-ballun, issibu minn ta' quddiem; fil-ġbir għall-armar tal-festa, arah jibdielek minn xhur qabel jiġri u jħabrek u jħabbat bieb bieb jiġborlok il-flus minn kull dar.

Ma kienx żagħżugħ matnazz. Anzi, kien qisu sifja, imma kien b'saħħtu. Telaq l-iskola kmieni u taha għax-xogħol ta' naġġar. Ma kellux tnax-il sena u kont tarah qalb il-bennejja daqsxejn ta' tifel bil-baqqun jitgħallem jonġor. Il-ħeġġa għax-xogħol kienet f'demmu. Kien bieżel, ma kienx jaf x'inhu għażż jew mistrieħ. U aktar ma beda jikber, aktar l-interess fix-xogħol u fil-ħajja beda jikber miegħu. Il-jum minn tfulitu kien ġa beda juri fih kwalitajiet mill-aħjar.

Imma l-futur min jafu? Xi jkun hemm miktub għalina fejn inkunu nafuh? Dak li aħna nkunu bnejna fi ħsiebna, f'radda ta' salib bi ftit nuqqas ta' għaqal jitħassar u jiġġarraf.

Għal Nenu l-festa tar-raħal kienet xi ħaġa kbira. Kien jibda jaħsbilha minn ġimgħat qabel. Mhux biss jiġbor biex iżejjen it-toroq u biex iġib il-baned għal dakinhar tal-festa, imma hu stess ma' xi żewġt iħbieb oħra kien imur jaħdem il-murtali. Kien tas-sengħa, u kellu bħal seħer f'moħħu u f'idu. Il-għaxqa tiegħu meta jara lejlet il-festa u nharha dawk il-murtali jinfetħu f'wiċċ is-sema qishom qabda kwiekeb imlewna. Murtal joħroġ minn ġo ieħor u s-sema jimtela b'ħafna dawl kull kulur. Nenu kien iħossu jrid itir bil-ferħ u kien jitkabbar meta jiftakar li ħafna minn dak il-ġmiel kollu kien xogħol tiegħu.

Għadni niftakar il-kliem li kont ngħidlu: "Nen, għad tagħmel waħda tinkiteb."

*(Silta meħuda min-novella "Sparar u Duħħan" ta' Ġużè Chetcuti)*

Wieġeb:

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba. In-narrazzjoni qed issir:
   a. fl-ewwel persuna.
   b. fit-tieni persuna.
   ċ fit-tielet persuna. (marka)

2. In-narratur jgħid hekk: "Il-ħeġġa għax-xogħol kienet f'demmu."
   a. X'figura tad-diskors qed tintuża?
   b. Fisser kif qed titħaddem f'dan il-kuntest. (3 marki)

3. Ikkwota s-sentenza li fiha l-awtur jinħass li jrid jgħallimna. (marka)

Fis-silta hemm miktub li Nenu "kellu bħal seħer f'moħħu u f'idu".

Ikkummenta fuq kif taħseb li l-kelma "seħer" tixħet dawl fuq l-abbiltà ta' Nenu fil-logħob tan-nar. (2 marki)

4. "Il-għaxqa tiegħu meta jara lejlet il-festa u nharha dawk il-murtali jinfetħu f'wiċċ is-sema qishom qabda kwiekeb imlewna."

   X'figura tad-diskors qed titħaddem u spjega kif inhi użata fis-silta? (3 marki)

(Total: 10 marki)

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 150 kelma.

1. Iddiskuti l-mod ta' kif jittrattaw l-ambjent naturali l-poeżiji "Lilia Agri" ta' Anton Buttigieg u "Ħitan tas-Sejjieħ" ta' Marjanu Vella.

**JEW**

2. Uri kif it-tbatija umana fi gwerra tidher fin-novella "Il-Qsari tal-Fuħħar" ta' Joe Friggieri u s-silta mir-rumanz "L-Ibleh" ta' Ġużè Orlando.

(Total: 12-il marka)

**TMIEM**

**L-Iskema tal-Marki:**

**Taqsima A**

| **Il-kriterji** | **QMK 1 40%** | **QMK 2 60%** | **Il-marki miksubin mill-kandidat/a** |
|---|---|---|---|
| **L-istil imħaddem skont il-ġeneru u l-udjenza mogħtija fit-titlu** | **0-1** | **2-3** | |
| | Il-kitba fiha xi evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | Il-kitba fiha evidenza ċara ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | |
| **Il-kontenut jew l-ideat b'rabta mat-titlu magħżul** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | Il-kitba tiżviluppa l-ideat bil-mod u b'mod ċar. | |
| **Is-sekwenza/koerenza u r-rabta bejn il-partijiet** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta, u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | |
| **L-idjoma u l-lessiku mħaddem** | **0-2** | **3-5** | |
| | Kitba mhux skont l-idjoma Maltija u b'lessiku limitat ħafna. | Kitba li kważi timxi mal-idjoma Maltija, b'lessiku mifrux sew marbut mat-titlu. | |
| **Il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ortografija u l-grammatika b'risq reqqa fil-kitba** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba fiha għadd mhux ħażin ta' għeltijiet ortografiċi grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu ħażin tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi sempliċi u b'sintassi mhux preċiżi;<br>▪ Kitba b'għadd kotran ta' żbalji tal-grammatika. | Il-kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu kważi preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi kważi bla żbalji;<br>▪ Kitba bi ftit li xejn żbalji tal-grammatika. | |
| **L-għadd** | **9 marki** | **13-il marka** | |

**Aktar tagħrif marbut mal-iskema tal-marki tal-kitba kreattiva**

**L-iżbalji**

Żball repetut jitqies **żball wieħed**.

**Żbalji tal-grammatika u tal-ortografija**: naqqas marka għal kull żball. Jekk il-kandidat ikollu sa 10 żbalji differenti jew aktar mit-tnejn li huma jitlef il-marki kollha allokati għat-taqsima fejn hemm il-grammatika u l-ortografija.

**It-tul tal-komponiment tal-kitba kreattiva**

**QMK 1-2**

Il-komponiment irid ikun fih madwar 250 kelma.

- Għoxrin kelma 'l fuq u 'l isfel (280/230) minn din iċ-ċifra ma jitnaqqsux marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 230 sa 200: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 3 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 200 sa 180: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 4 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 180 sa 150: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 5 marki.
- Jekk komponiment ikollu inqas minn 150 kelma: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi l-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq tiġi diviża bin-nofs.

Meta jkun hemm xi sitwazzjoni minn dawn li semmejna, il-marker irid jirreġistra dan it-tnaqqis ta' marki fil-marġin; it-total tal-komponiment irid jinkludi dan it-tnaqqis.

**Taqsima B**

| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-tweġibiet** | **QMK 1 9 marki** | **QMK 2 13-il marka** |
|---|---|---|---|
| 1. | a. fotografu msemmi madwar id-dinja.<br>b. fil-qasam tal-aħbarijiet.<br>ċ. madwar 500 persuna. | 3 | |
| 2. | Ir-ritratti ta' Sestini huma uniċi għax meħudin mill-ajru, minn fuq ħelikopter. | | 2 |
| 3. | Iż-żewġ raġunijiet huma:<br>1. Il-wirja tar-ritratti li qed iddur mad-dinja.<br>2. Permezz tar-ritratt li ħa f'Ġunju tal-2014, li minħabba fih kiseb il-popolarità dinjija. | 2 | |
| 4. | Dan għax juri xena xokkanti u reali. B'hekk ġab in-nies konxji tal-problema reali u attwali tal-immigrazzjoni. | | 2 |
| 5. | Ir-raġuni hi li wieħed mill-immigranti li kien fir-ritratt ikkuntattjah u talbu għal kopja tar-ritratt. | | 2 |
| 6. | It-tliet mezzi huma:<br>i. Il-midja soċjali<br>ii. Il-BBC<br>iii. Ir-rivista 'Times' | 3 | |
| 7. | Għażla ta' waħda minn dawn li ġejjin biex jiddeskrivu li hu bniedem sensittiv:<br>1. Kull sena jikkollabora mal-Pulizija biex jinħareġ kalendarju għall-karità.<br>2. Ried isir jaf x'sar mill-immigranti biex ikompli jqajjem il-kuxjenza fuq din il-problema.<br>Jista' jitqies bħala bniedem insensittiv għax jieħu ritratti ta' nies f'mumenti privati. | | 2 |
| 8a. | Le. | 1 | |
| 8b. | It-titlu jirreferi għall-fotografija f'sens wiesa'. Meta wieħed jara dan it-titlu, jistenna li l-artiklu jittratta s-suġġett tal-fotografija b'mod espożitorju. Is-silta titkellem fuq fotografu magħruf u x-xogħol tiegħu f'din l-industrija. Il-kontenut jirrifletti x-xogħol u s-suċċess ta' fotografu wieħed u mhux is-suġġett b'mod ġenerali. | | 2 |
| 9. | a. Jaħdmu flimkien<br>b. Mimlija<br>ċ. Minn perspettiva differenti/in-naħa l-oħra<br><br>Risposti simili jiġu aċċettati. | | 3 |
| | **Totali:** | 9 | 13 |

**Taqsima Ċ**

| Il-Metalingwa (QMK 1-2) | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A**: **Imla l-vojt skont il-kuntest.** | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **12-il marka** |
| 1 | qegħdin | marka |
| 2 | ingħataw | marka |
| 3 | jmissu | marka |
| 4 | xjentifiċi | marka |
| 5 | isiru | marka |
| 6 | meħtieġa | marka |
| 7 | jesploraw | marka |
| 8 | maġika | marka |
| 9 | logħob | marka |
| 10 | jissimplifikaw | marka |
| 11 | produzzjonijiet | marka |
| 12 | sabiħa | marka |

| **Eżerċizzju B**: **Agħżel il-kelma t-tajba.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 marki** |
| 1. | kemm kemm, bilwieqfa | Marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | il-lejla, inkwatru | |
| 3. | nofsiegħa, nofs siegħa | |
| 4. | binhar, billejl | |
| 5. | għalfejn, mhuwa | |

**Taqsima D**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 40% marki | QMK 2 60% marki |
|---|---|---|---|
| 1. | a. fl-ewwel persuna. | 1 | |
| 2. | a. metafora.<br>b. Din il-metafora tagħmel enfasi fuq kemm Nenu kien minnu, fin-natura tiegħu, entużjast għax-xogħol. Id-demm huwa parti mill-ġisem u mingħajru m'hemmx ħajja, daqstant ieħor Nenu kien iħobb ix-xogħol. | 1 | 2 |
| 3. | "Dak li aħna nkunu bnejna fi ħsiebna, f'radda ta' salib bi ftit nuqqas ta' għaqal jitħassar u jiġġarraf." | 1 | |
| 4. | Il-kelma seħer tfakkar f'xi ħaġa maġika, tal-istagħġib. Din il-kelma turi kemm Nenu kellu talent, kien kreattiv u kapaċi biex jaħdem in-nar, tant li kien jimpressjona lin-narratur. | | 2 |
| 5. | Qed titħaddem is-similitudni. Il-murtali jinfetħu f'wiċċ is-sema qed jitqabblu mal-kwiekeb. Fil-każ tal-murtali, ix-xebh hu ma' kwiekeb ikkuluriti għax il-murtali huma tal-kulur. | 1 | 2 |

| | QMK 1 40% marki | QMK 2 60% marki |
|---|---|---|
| **Il-kontenut (4)** | **1-2** | **3-4** |
| | Identifikazzjoni tal-punti meħtieġa li jorbtu ma' dak li jitlob it-titlu. | Spjegazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma' dak li jitlob it-titlu. |
| | | |
| **It-teknika, l-istil u l-espressjoni (3)** | **1-2** | **3-4** |
| | Identifikazzjoni ta' tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu. It-tħaddim tal-espressjoni hu fqir u ma jersaqx lejn l-istil ta' kritika letterarja. | Tifsir ta' kif qed jitħaddmu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu. L-espressjoni użata tersaq lejn l-istil ta' kritika letterarja. |
| | | |
| **Is-sekwenza u l-koerenza (1)** | **0-1** | **2** |
| | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra, imma mhux dejjem ikun hemm sekwenza. |
| | | |
| **L-ortografija (1)** | **0** | **1-2** |
| | Il-kitba fiha mhux ħażin għeltijiet ortografiċi tal-Malti. | Il-kitba fiha xi għeltijiet ortografiċi tal-Malti. |

# Karta Mudell: Karta Controlled QMK 2-3

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3 (It-Taħdit)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti |

## Il-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Il-Ħila tat-Taħdit: L-Oral tal-Malti – QMK 2-3**

### Għandna bżonn dan il-bini kollu?

Skont il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, hemm min qed isir sinjur mill-bini esaġerat li jrid ibella' r-ross bil-labra lin-nies li dan hu żvilupp li Malta ma tistax tgħaddi mingħajru, għax hekk jitlob il-progress.

Fi stqarrija, il-Kummissjoni qalet li Malta saret iddominata minn numru esaġerat ta' krejnijiet, li wieħed jistħajjilhom mostri medhija jieklu bla rażan l-ispazji u l-binjiet tal-ibliet u tal-irħula. Għala qed ikun hawn daqshekk tgergir fuq il-bini eċċessiv li qed jifni lil Malta, jekk dan huwa żvilupp li suppost jiġġenera kuntentizza u kumdità?

Il-Kummissjoni Ambjent qalet li ilha żmien tipprova tiftaħ għajnejn l-awtoritajiet dwar il-ħtieġa li jsir intervent dirett li jwaqqaf iż-żieda mhux sostenibbli u bla ppjanar serju fil-bini, minħabba l-impatt negattiv tiegħu fuq is-soċjetà, speċjalment fejn tidħol saħħa, il-mod kif qed ngħixu, it-tniġġis u l-isfreġju ambjentali. Numru ta' assoċjazzjonijiet u ċittadini li qed isemmgħu leħinhom kontra l-iżvilupp bl-addoċċ qiegħed jikber. Diversi komunitajiet qed jingħaqdu biex jgħidu le għal żvilupp li mhux sostenibbli, fosthom dawk ta' Ħal Luqa, Pembroke, is-Swieqi, San Ġiljan, ir-Rabat, l-Għarb, San Lawrenz, iż-Żejtun, u Tal-Pietà.

Fi kliem il-Kummissjoni Ambjent, wieħed għandu jinnota wkoll li, f'ċerti lokalitajiet, ir-rappreżentanti politiċi nsew l-alleanzi li seta' kellhom mal-partit tagħhom biex setgħu jitkellmu b'vuċi waħda qabel kull interess partiġġjan. L-istess kummissjoni tħoss li ċ-ċittadini ilhom żmien jisimgħu b'hekk imsejħa studji li qatt ma saru pubbliċi, li jbassru kemm Malta teħtieġ aktar u aktar bini biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin. Madanakollu, dan it-tbassir mhux qed irendi dak li wiegħed, u l-ammont ta' ċittadini mdejqin bil-mod kif qed jinqered l-ambjent Malti qiegħed dejjem jiżdied.

*(Addattament minn www.newsbook.com.mt)*

***Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.***

***Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.***

***Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.***

A. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. (6 minuti)

1. Għaliex il-krejnijiet huma mqabblin ma' mostri?
2. Taqbel li żvilupp minnu nnifsu huwa xi ħaġa tajba? Għala?
3. Semmi żewġ impatti negattivi ta' żieda esaġerata ta' bini bla ppjanar.
4. Skont dan l-artiklu, taħseb li l-poplu Malti qed isemma' leħnu biżżejjed fejn tidħol il-kuxjenza ambjentali? Kif?
5. Immaġina li int membru ta' għaqda ambjentali. X'mistoqsija ssaqsi lill-iżviluppatur li se jkun qed jibni blokka appartamenti? Għaliex?

***Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.***

B. Diskussjoni fuq Stampa. (4 minuti)

***F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan skont kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.***

**Progress jew Rigress?**



**Mistoqsijiet tal-eżaminatur:**

1. Iddeskrivi dan ir-ritratt.
2. Semmi ironija waħda li tidher f'dan ir-ritratt.

3. Kif taħseb li jħossuhom ir-residenti fejn isir żvilupp eċċessiv?
4. Għala taħseb li jsir ħafna żvilupp f'lokal bħal San Ġiljan?
5. X'miżuri għandu jieħu l-gvern biex inaqqas żvilupp bla rażan?
6. Kif taħseb li tara lil Malta għoxrin sena oħra?
7. Kif inqabblu l-ambjent f'Malta ma' pajjiżi oħra Ewropej?

***Grazzi ħafna. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.***

| Il-Kriterji tal-Marki tat-Taħdit bil-Malti | |
|---|---|
| **QMK 2** | **QMK 3** |
| **1. Il-kompetenza fit-taħdit** | |
| **0-2**<br>Id-diskors **mhux dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. | **3**<br>Id-diskors **dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. |
| **2. Il-lessiku** | |
| **1-2**<br>• Ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali. | **3**<br>• Ħakma **tajba u varjata** ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit li xejn** żbalji fil-korrettezza grammatikali. |
| **3. L-istruttura tad-diskors** | |
| **0-2**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**;<br>• **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **3**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** u li jagħmlu sens;<br>• **Għadd ta' ideat** bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• **Binja tajba** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. |
| **4. Il-kontenut ippreżentat** | |
| **1-2**<br>• **Deskrizzjoni tajba u fil-parti l-kbira tagħha hi korretta** u taqbel mat-tema;<br>• sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija;<br>• **xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **3**<br>• **Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta** mat-tema;<br>• **sekwenza tajba** tal-fatti mogħtija;<br>• **jingħataw** ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a. |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3 (It-Taħdit)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti |

**Il-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Ħila tat-Taħdit: L-Oral tal-Malti - QMK 2-3**

**Istruzzjonijiet għall-kandidati: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku.

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta. Hemm barra kellek madwar **għaxar minuti** ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.

**Għandna bżonn dan il-bini kollu?**

Skont il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, hemm min qed isir sinjur mill-bini esaġerat li jrid ibella' r-ross bil-labra lin-nies li dan hu żvilupp li Malta ma tistax tgħaddi mingħajru, għax hekk jitlob il-progress.

Fi stqarrija, il-Kummissjoni qalet li Malta saret iddominata minn numru esaġerat ta' krejnijiet, li wieħed jistħajjilhom mostri medhija jieklu bla rażan l-ispazji u l-binjiet tal-ibliet u tal-irħula. Għala qed ikun hawn daqshekk tgergir fuq il-bini eċċessiv li qed jifni lil Malta, jekk dan huwa żvilupp li suppost jiġġenera kuntentizza u kumdità?

Il-Kummissjoni Ambjent qalet li ilha żmien tipprova tiftaħ għajnejn l-awtoritajiet dwar il-ħtieġa li jsir intervent dirett li jwaqqaf iż-żieda mhux sostenibbli u bla ppjanar serju fil-bini, minħabba l-impatt negattiv tiegħu fuq is-soċjetà, speċjalment fejn tidħol saħħa, il-mod kif qed ngħixu, it-tniġġis u l-isfreġju ambjentali. Numru ta' assoċjazzjonijiet u ċittadini li qed isemmgħu leħinhom kontra l-iżvilupp bl-addoċċ qiegħed jikber. Diversi komunitajiet qed jingħaqdu biex jgħidu le għal żvilupp li mhux sostenibbli, fosthom dawk ta' Ħal Luqa, Pembroke, is-Swieqi, San Ġiljan, ir-Rabat, l-Għarb, San Lawrenz, iż-Żejtun, u Tal-Pietà.

Fi kliem il-Kummissjoni Ambjent, wieħed għandu jinnota wkoll li, f'ċerti lokalitajiet, ir-rappreżentanti politiċi nsew l-alleanzi li seta' kellhom mal-partit tagħhom biex setgħu jitkellmu b'vuċi waħda qabel kull interess partiġġjan. L-istess kummissjoni tħoss li ċ-ċittadini ilhom żmien jisimgħu b'hekk imsejħa studji li qatt ma saru pubbliċi, li jbassru kemm Malta teħtieġ aktar u aktar bini biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin. Madanakollu, dan it-tbassir mhux qed irendi dak li wiegħed, u l-ammont ta' ċittadini mdejqin bil-mod kif qed jinqered l-ambjent Malti qiegħed dejjem jiżdied.

*(Addattament minn www.newsbook.com.mt)*

A. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. (6 minuti)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Għaliex il-krejnijiet huma mqabblin ma' mostri?
2. Taqbel li żvilupp minnu nnifsu huwa xi ħaġa tajba? Għala?
3. Semmi żewġ impatti negattivi ta' żieda esaġerata ta' bini bla ppjanar.
4. Skont dan l-artiklu, taħseb li l-poplu Malti qed isemma' leħnu biżżejjed fejn tidħol il-kuxjenza ambjentali? Kif?
5. Immaġina li int membru ta' għaqda ambjentali. X'mistoqsija ssaqsi lill-iżviluppatur li se jkun qed jibni blokka appartamenti? Għaliex?

B. Diskussjoni fuq Stampa. (4 minuti)

Mal-eżaminatur se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**Progress jew Rigress?**



**TMIEM**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3** |
| DATA: | |
| ĦIN: | Sagħtejn |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(22 marka)**

**Ikteb sa 300 kelma fuq wieħed minn dawn it-titli:**

i. Storja tad-ditektiv magħmula minn grupp ta' żgħażagħ li jinvestigaw serqa tal-apparat teknoloġiku mill-iskola tagħhom.

ii. Reċensjoni ta' film ta' avventura għal żgħażagħ ta' bejn il-15 u t-18-il sena biex jidher fis-sit elettroniku www.filmwaw.com.

iii. Taħdita fuq l-importanza li ż-żgħażagħ jieħdu sehem fl-isport biex ikollhom ħajja sana, li se tinqara quddiem il-Kummissarju tat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Isport.

**Taqsima B: Il-Qari** **(22 marka)**

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

# Għaliex għandu jimpurtani mill-Artiku?

Ippubblikat 22 Mar 2010 - Mibdul l-aħħar 18 Apr 2017

## X'inhu l-Artiku?

L-Artiku huwa żona tal-għaġeb, enormi, mifruxa fuq parti minn sitta tal-massa tal-art tad-dinja; erbgħa u għoxrin żona tal-ħin differenti u aktar minn tletin miljun kilometru kwadru. Il-parti l-kbira tar-reġjun tal-Artiku hija miksija bl-oċean, fond sa erba' kilometru, imma hemm ukoll firxiet kbar ta' art.
L-Artiku huwa abitat minn erba' miljun persuna, inklużi aktar minn tletin poplu indiġenu. Tmien pajjiżi: il-Kanada, id-Danimarka/Greenland, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa, l-Iżvezja u l-Istati Uniti, għandhom territorju fir-reġjun tal-Artiku.



## L-Orsijiet Polari

Il-bidla fil-klima qed tikkawża telf fil-piż fost l-orsijiet polari hekk kif is-silġ jibda jinħall aktar u aktar kmieni kull rebbiegħa. Dan jirrestrinġi l-għadd tal-foki li l-orsijiet jistgħu jikkaċċjaw. Dan kif indikat minn rapport li ħareġ il-Kunsill tal-Ministri Nordiċi. F'ċerti partijiet tal-Artiku l-mara-ors medja issa tiżen mitejn u ħamsa u għoxrin kilogramma biss, li huwa ħamsa u għoxrin fil-mija inqas minn għoxrin sena ilu. Jekk ix-xejra tkompli, hemm riskju li l-ors polari jiġi estint għal kollox minn xi partijiet tal-Artiku.

Filmat miġbud minn membri ta' National Geographic u li beda jiċċirkola fuq il-midja soċjali juri biċ-ċar kif dawn l-orsijiet polari qed jiġu affettwati. Dan il-filmat juri ors polari li wasal biex imut għax ma jistax isib x'jiekol. Dan hekk kif in-nuqqas ta' silġ fuq il-baħar jagħmilha diffiċli biex dawn isibu x'jieklu. Dan il-filmat intwera biex iniggeż il-kuxjenza tan-nies u jagħmilhom konxji tal-effetti tat-tisħin globali. Għalkemm aħna mdorrijin naraw l-orsijiet polari fuq prodotti kummerċjali fi żmien il-Milied, ir-realtà hi ferm differenti.

## It-Tniġġis

Ħafna inkwinanti perikolużi, inklużi kimiċi agrikoli, retardanti tal-fjammi, metalli tqal u materjal radjuattiv, ilu jkollhom impatt fuq l-Artiku u n-nies li jgħixu hemm għal għexieren ta' snin. Tniġġis minn postijiet oħra jinġarr sal-Artiku mir-riħ u l-baħar. Minħabba t-temperaturi baxxi, l-inkwinanti ma jinħallux u minflok jibqgħu fl-ilma. Meta jkunu assorbiti mill-annimali, dawn il-kimiċi jaslu għand il-popolazzjoni lokali wkoll. Għaldaqstant, f'xi partijiet tal-Artiku, l-ommijiet li jreddgħu jingħataw parir biex jissupplimentaw l-ikel tat-trabi żgħar b'ħalib tal-bott biex inaqqsu l-espożizzjoni.

## Ir-rwol tal-Artiku

Għal ħafna minna, l-Artiku jista' jidher remot ħafna fir-rigward tal-ġeografija. Madankollu, ir-reġjun iwettaq irwol ewlieni fir-regolazzjoni tal-klima tad-dinja. Jekk il-bidla fil-klima tkompli bir-rati previsti, se jkollha konsegwenzi profondi għalina lkoll.

Il-poli tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar iwettqu rwol vitali fir-regolazzjoni tal-klima tad-dinja. Dawn jaġixxu bħala s-sistema ta' tberrid tagħna. Tnaqqis fil-kopertura tal-borra ifisser li d-dinja tassorbi aktar sħana mix-xemx u l-kurrenti tal-oċean jiċċaqalqu. L-Oċean Artiku, taħlita ta' ilma ħelu, li xi darba kien silġ u dab, u ilma baħar, jinfluwenza l-kurrenti tal-oċean madwar id-dinja. Xi xjenzati jemmnu li wisq ilma ħelu li dab jista' attwalment jitfi wħud minn dawn il-kurrenti tal-baħar, li jwettqu rwol kruċjali fil-klima aktar lejn in-Nofsinhar.

*(Silta addattata meħuda minn: 'L-Artiklu – Għaliex għandu jimpurtani mill-Artiku?' publikazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

1. Niżżel **TLIET** fatti fuq l-Artiku. (3 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Taħseb li għandhom futur l-orsijiet polari? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (3 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'rabta hemm bejn it-test u l-istampa magħżula? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Spjega l-proċess sħiħ kif l-inkwinanti perikolużi qed jaffettwaw it-trabi tal-Artiku. (5 marki)

i. _______________________________________________

ii. _______________________________________________

iii. _______________________________________________

iv. _______________________________________________

v. _______________________________________________

5. L-Artiku huwa importanti għalina? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tagħti **ŻEWĠ** raġunijiet mis-silta. (3 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Niżżel **TLIET** strateġiji li juża l-awtur biex jaffettwa lill-qarrej. (3 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. Fisser il-kliem bis-sing taħtu skont il-kuntest li huwa użat fis-silta. (3 marki)

a. Ħafna **inkwinanti** perikolużi, inklużi kimiċi agrikoli, retardanti tal-fjammi, metalli tqal u materjal radjuattiv ilu jkollhom impatt fuq l-Artiku u n-nies li jgħixu hemm għal għexieren ta' snin.

______________________________________________________________________________

b. Għal ħafna minna, l-Artiku jista' jidher **remot** ħafna fir-rigward tal-ġeografija.

______________________________________________________________________________

ċ. Dan **jirrestrinġi l-għadd** tal-foki li l-orsijiet jistgħu jikkaċċjaw.

______________________________________________________________________________

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(22 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji f'kuntest; eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tal-ortografija.

**Il-Morfoloġija**

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. L-ewwel waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**Weħlu swat bil-frosta u qdif fuq ix-xwieni talli kielu ikel projbit**

Il-**prodotti** (prodott) tal-ħalib kienu _______________ (**fforma**) parti mill-ikel komuni ta' ħafna nies. Dawn kienu jiġu ppreparati wkoll f'għamliet u _______________ (**qies**) differenti sabiex ipaxxu l-palat ta' konsumaturi aktar sofistikati. Il-kċina tal-Palazz tal-Inkwiżitur kellha t-_______________ (**għamara**) neċessarju sabiex jiġi _______________ (**preparazzjoni**) il-ġobon bħala kondiment.

L-influwenza qawwija tar-reliġjon dak iż-żmien ħolqot regoli riġidi ferm dwar dak li seta' _______________ (**kiel**). Sakemm wieħed ma kellux xi konċessjoni _______________ (**mediċina**), jew jekk tinħoloq xi emerġenza, il-konsum tal-prodotti tal-ħalib ma kinux permessi kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, is-Sibt, lejlet il-festi prinċipali Kattoliċi, u matul ir-Randan u l-Avvent. Jekk tinqabad, kien ifisser li hemm proċeduri kriminali jistennewk.

Fl-1637, Gioanne Cassar, Antonio Calayro, u Vincenzo Bezzula spiċċaw ħażin meta waqt li kienu suppost _______________ (**għaddej**) b'sentenza spiritwali talli kielu l-ġobon, is-salami u l-perżut moqli fil-butir u mħawwar

bil-ġobon _______________ (**ħakk**) waqt ir-Randan, instabu mill-ġdid ħatja li kielu prodotti tal-ħalib fi ftit tal-ġranet. L-offiża ripetuta u _______________ (**tiżjin**) b'gideb li taha x'jifhem li kellhom permess speċjali _______________ (**inkwiżitur**) biex _______________ (**konsum**) dan l-ikel waqt ir-Randan, issarrfet f'kastig aħrax ta' swat bil-frosta fil-pubbliku u sentejn _______________ (**qadef**) fuq ix-xwieni!

*(Addattament mis-sit www.tvm.com.mt)*

(Total: 12-il marka)

**L-Ortografija**

B. Immarka u ikteb l-iżbalji f'dawn is-sentenzi.

**Eż. Ilbierah kien riħ isfel u <u>l-lum</u> kien riħ fuq.**

**<u>llum.</u>**

1. Jumejn ilu kellna logħba mportanti x'nirbħu.

_______________________________________________________________________________

2. Illum waslu f'Malta madwar 54 immigrant mill-Libja.

_______________________________________________________________________________

3. Ħija jinsab ma jiflaħx u allura m'huwiex sejjer jaħdem.

_______________________________________________________________________________

4. Is-sotto kumitat tal-festa ddeċieda li din is-sena jżanżan pedestall ġdid.

_______________________________________________________________________________

5. X'isqfijiet magħżula mill-Papa jinsabu l-missjoni fl-Indja.

_______________________________________________________________________________

(Total: 10 marki)

**Taqsima D**

**Letteratura: Taħriġ fuq test mhux imħejji.**

**Livell: QMK 2 - 3**

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

B'sengħa kbira t-tfajjel jaqbeż għal rasu mill-pjattaforma tas-siment. Il-baħar jibilgħu u mill-blat, għajnejn nanntu jiflu wiċċ l-ilma sakemm jerġa' jitfaċċa l-ballun ċkejken ta' rasu, 'il bogħod mhux ħażin mill-art. Jerġa' jogħdos u saqajh jidhru għal ftit sekondi, ippuntati 'l fuq, huma biss fil-wiċċ, qabel ma jgħibu taħt il-liżar lixx u skur tal-baħar.

"Alla jbierku," tgħid is-sinjura bilqiegħda fuq il-blat, qrib in-nanna tat-tfajjel għawwiem.

"Kulħadd jistagħġeb, Madonna qisu ħuta."

Aktar tard, xagħru mxarrab imwaħħal ma' moħħu, idejh samranin jiggranfaw ma' ħobża biż-żejt li, bħal ġebla mdaqqsa, bil-mod tiċkien u titgerrem fl-idejn ċkejkna tat-tfajjel, u meta taqa' biċċa tadama mal-art f'leħħa ta' berqa jinżel kokka għaliha u jitfagħha f'ħalqu. Nanntu, aljenata tferra' l-luminata fit-tazzi tal-plastik, ma tara xejn ... mhux bħall-mara l-oħra, dik is-sinjura bilqiegħda qribhom.

"Ara x'int tagħmel pupu! Tikolx mill-art!"

"X'għamel?" iddur in-nanna minnufih u t-tfajjel jaħrab jiġri, bil-ħobża f'idu, ħalqu mbulmat minn gidma ħobż biż-żejt. Is-swaba' ppuntati ta' saqajh ħafjin jiġġebbdu minn blata għal blata.

"Kenneth! Qalbi! Ejja 'l hawn ħi!"

Wara ftit Kenneth jobdi u jħalli 'l nanntu tfarfar minn ma' wiċċu l-frak tal-ħobż inkallat biż-żejt. B'servjetta timsaħ it-truf ta' xofftejh.

Jerġa' jaqbeż. Did-darba bomba. Għal mument ġerrej isir ħaġa waħda maċ-ċuff kbira li triegħed il-baħar bħal daqqa ta' ponn fl-istonku. Fil-qiegħ iżomm ma' blata biex ma jitlax, biex jara kemm jista' jdum hemm taħt mingħajr ma jieħu nifs. Lura fil-wiċċ idawwar rasu lejn l-art, fejn jilmaħ lil nanntu ċkejkna ċkejkna xxejjer id waħda u tgħajjatlu; diġà liebsa, lesta, niexfa, il-mejda blu tal-plastik mitwija u mistrieħa mal-blat. Iżda hu taparsi ma jindunax biha. Ġismu jitqal u jinżel lura taħt il-wiċċ lejn dik il-blata fil-qiegħ.

Il-ġisem ċkejken u rqiq jitgħatta mix-xugaman ċelesti, u l-ġilda pura, nadifa, tiegħu, bil-kustilji kollha jidhru, tinxef malajr.

"Isa," tgħidlu nanntu. "Issa llejla mmorru naraw in-nar."

*(Silta meħuda min-novella "L-Għaddas" ta' Alex Vella Gera, mir-rivista Il-Malti 2008)*

**Wieġeb:**

1. Ikteb dwar l-effett li jinħoloq bl-użu tal-kelma "tfajjel" fil-konfront tad-deskrizzjoni fl-ewwel paragrafu. (marka)

2. a. Għaliex taħseb li jirreferi għad-dehra tal-baħar bħala "il-liżar lixx u skur"? (marka)

   b. Spjega kif titħaddem il-figura tad-diskors f'din l-immaġni u l-effett li jinħoloq. (2 marki)

3. Identifika sinjal tal-punteġġjatura użat fis-silta li bih jinħoloq effett aktar realistiku. (marka)

4. "Għal mument ġerrej isir ħaġa waħda maċ-ċuff kbira li triegħed il-baħar bħal daqqa ta' ponn fl-istonku."

   Spjega kif qed titħaddem is-similitudni f'din is-sentenza u għid l-effett li jinħoloq. (3 marki)

5. Is-silta fiha għadd ta' deskrizzjonijiet. X'dawl jitfgħu fuq in-narratur? (2 marki)

(Total: 10 marki)

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 200 kelma.

1. Analizza l-istil ta' narrazzjoni li juża Juann Mamo fil-kapitlu mir-rumanz "Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka".

**JEW**

2. Agħżel poeżija u novella li studjajt u oħroġ ix-xebh u/jew id-differenzi ta' bejniethom.

(Total: 12-il marka)

**L-Iskema tal-Marki:**

**Taqsima A**

| Il-kriterji | QMK 2 40% | QMK 3 60% | Il-marki miksubin mill-kandidat/a |
|---|---|---|---|
| **L-istil imħaddem skont il-ġeneru u l-udjenza mogħtija fit-titlu** | **0-1** | **2-3** | |
| | Il-kitba fiha xi evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | Il-kitba fiha evidenza ċara ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | |
| **Il-kontenut jew l-ideat b'rabta mat-titlu magħżul** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | Il-kitba tiżviluppa l-ideat bil-mod u b'mod ċar. | |
| **Is-sekwenza/koerenza u r-rabta bejn il-partijiet** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | |
| **L-idjoma u l-lessiku mħaddem** | **0-2** | **3-5** | |
| | Kitba mhux skont l-idjoma Maltija u b'lessiku limitat ħafna. | Kitba li kważi timxi mal-idjoma Maltija, b'lessiku mifrux sew marbut mat-titlu. | |
| **Il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ortografija u l-grammatika b'risq reqqa fil-kitba** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba fiha għadd mhux ħażin ta' għeltijiet ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu ħażin tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi sempliċi u b'sintassi mhux preċiżi;<br>▪ Kitba b'għadd kotran ta' żbalji tal-grammatika. | Il-kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu kważi preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi kważi bla żbalji;<br>▪ Kitba bi ftit li xejn żbalji tal-grammatika. | |
| **L-għadd** | **9 marki** | **13-il marka** | |

**Aktar tagħrif marbut mal-iskema tal-marki tal-kitba kreattiva**

**L-iżbalji**

Żball repetut jitqies **żball wieħed**.

**Żbalji tal-grammatika u tal-ortografija**: naqqas marka għal kull żball. Jekk il-kandidat ikollu sa 10 żbalji differenti jew aktar mit-tnejn li huma jitlef il-marki kollha allokati għat-taqsima fejn hemm il-grammatika u l-ortografija.

**It-tul tal-komponiment tal-kitba kreattiva**

**QMK 2-3**

Il-komponiment irid ikun fih madwar 300 kelma.

- Għoxrin kelma 'l fuq u 'l isfel (330/280) minn din iċ-ċifra ma jitnaqqsux marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 250 sa 280: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 3 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 230 sa 250: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 4 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 200 sa 230: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq jitnaqqsulu 5 marki.
- Jekk komponiment ikollu inqas minn 200 kelma: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi l-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta' hawn fuq tiġi diviża bin-nofs.

Meta jkun hemm xi sitwazzjoni minn dawn li semmejna, il-marker irid jirreġistra dan it-tnaqqis ta' marki fil-marġin; it-total tal-komponiment irid jinkludi dan it-tnaqqis.

**Taqsima B**

| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-tweġibiet** | **QMK 2 9 marki** | **QMK 3 13-il marka** |
|---|---|---|---|
| 1. | Għażla ta' tlieta minn dawn li ġejjin:<br>1. L-Artiku huwa mifrux fuq parti minn sitta tal-massa tal-art tad-dinja.<br>2. Għandu erbgħa u għoxrin żona tal-ħin differenti.<br>3. Jinkludi aktar minn 30 miljun $km^{2}$.<br>4. Il-parti l-kbira tar-reġjun tal-Artiku hija miksija bl-oċean, fond sa 4 km, imma hemm ukoll firxiet kbar ta' art.<br>5. L-Artiku huwa abitat b'xi 4 miljun persuna.<br>6. Tmien stati għandhom territorji fir-reġjun tal-Artiku. | **3** (marka waħda għal kull risposta tajba) | |
| 2. | Iva/le. Wieħed jista' jasal għal din il-konklużjoni billi jsemmi:<br>1. Skont is-silta hemm probabbiltà qawwija li l-orsijiet polari se jispiċċaw estinti.<br>2. Qed jitilfu ħafna piż.<br>3. Ma jistgħux isibu x'jieklu.<br>JEW<br>1. Il-filmat iqajjem kuxjenza biex id-dinja tieħu azzjoni immedjata,<br>u<br>2. Ma jibqgħux jiġu użati inkwinanti perikolużi li jaffettwaw it-tisħin globali. | **3** marki: Marka għal iva/le.<br><br>2 marki: marka għal kull raġuni. | |
| 3. | L-istampa turi ors polari li madwaru s-silġ dab. Minħabba f'hekk, hu ma jistax jiċċaqlaq biex isib l-ikel. L-ors jidher li huwa fi stat vulnerabbli u b'dan il-mod l-awtur irid jaħsad lill-qarrej, għax kif huwa indikat tajjeb fit-test, aħna mdorrijin naraw l-orsijiet polari fuq prodotti kummerċjali fi żmien il-Milied, ir-realtà hi ferm differenti. | | **2** marki |
| 4. | Il-proċess irid ikun hekk:<br>1. Il-kimiċi jinġarru sal-Artiku mir-riħ u mill-baħar.<br>2. Il-kimiċi ma jinħallux minħabba t-temperaturi baxxi u jibqgħu fl-ilma.<br>3. Jiġu assorbiti mill-annimali.<br>4. L-annimali jittieklu min-nies.<br>5. L-ommijiet ireddgħu t-trabi bil-konsegwenza li jittrasmettu l-kimiċi li jkunu kkonsmaw huma stess. | | **5** marki (marka għal kull pass) |
| 5. | Iva, huwa importanti għalina. Dan minħabba li:<br>1. Għandu rwol ewlieni fir-regolazzjoni tal-klima.<br>2. Jgħin biex jassorbi s-sħana tax-xemx.<br>3. Jgħin biex jikkontrolla l-kurrenti tal-baħar li għandhom irwol kruċjali fil-klima. | | **3** marki: marka (Iva huwa imp.)<br><br>Marka għal kull raġuni. |
| 6. | Għażla ta' tlieta minn dawn:<br>1. It-titlu f'forma ta' mistoqsija retorika biex il-qarrej jibda jirrifletti u jħossu involut.<br>2. Iqassam is-silta f'sottotitli biex ikun iktar faċli għall-qarrej biex jassorbi l-kontenut.<br>3. Juża stampa biex jolqot l-emozzjonijiet tal-qarrej.<br>4. Jippreżenta l-qarrej b'għadd ta' fatti.<br>5. Jispjega fejn jeħtieġ sabiex il-qarrej jifhem il-gravità tas-sitwazzjoni. | | **3** marki (marka għal kull waħda) |
| 7. | a. Prodotti tat-tniġġis/sustanzi kimiċi/pollutanti.<br>b. Maqtugħ/'il bogħod/imwarrab/imbiegħed.<br>ċ. Inaqqas in-numru/l-ammont. | **3** marki (marka għal kull waħda) | |
| | Totali: | **9** | **13** |

**Taqsima Ċ**

| Il-Metalingwa (QMK 2-3) | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A: Imla l-vojt skont il-kuntest.** | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **12-il marka** |
| 1 | jiffurmaw | marka |
| 2 | qisien | marka |
| 3 | tagħmir | marka |
| 4 | ppreparat | marka |
| 5 | jittiekel | marka |
| 6 | medika | marka |
| 7 | għaddejjin | marka |
| 8 | maħkuk | marka |
| 9 | mżejna | marka |
| 10 | inkwiżitorjali | marka |
| 11 | jikkunsmaw | marka |
| 12 | jaqdfu | marka |

| Eżerċizzju B: Immarka u ikteb l-iżbalji f'dawn is-sentenzi. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 marki** |
| 1. | importanti | Marka għall-immarkar u oħra jekk tinkiteb tajba. |
| 2. | mil- | |
| 3. | mhuwiex | |
| 4. | sottokumitat | |
| 5. | xi | |

**Taqsima D**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 2 40% marki | QMK 3 60% marki |
|---|---|---|---|
| 1. | Id-diminuttiv joħloq effett ta' ċokon. It-tifel jidher ċkejken fejn l-immensità tal-baħar li "jibilgħu" u nanntu li kellha tfittex wiċċ il-baħar biex tarah jitfaċċa mill-qiegħ. Jidher li hu għawwiem tajjeb minkejja li għadu tifel żgħir. | | 1 |
| 2. | a. Il-baħar jitqabbel ma' liżar lixx u skur. Il-baħar jidher bħala firxa wiesgħa u kalma quddiem il-blat – *marka.*<br>b. Titħaddem il-metafora u jinħoloq effett ta' kobor – *2 marki.* | 1<br><br>1 | <br><br>1 |
| 3. | Il-virgoletti. | 1 | |
| 4. | Il-mument tal-ħabta tal-għawwiem mal-baħar qed jitqabbel ma' daqqa ta' ponn fl-istonku. Dan ix-xebh jagħti idea tajba tas-sensazzjoni li jħoss l-għawwiem hekk kif jaħbat ma' wiċċ il-baħar u jinżel fih – *marka*.<br>Jinħoloq effett ta' ħasda bid-daqqa, li minkejja li tkun mistennija, xorta hu mument uniku esperjenzat fiżikament li jaf jaħsad għax l-għawwiem ikun qed jerħi ġismu fil-baħħ tal-baħar sakemm jerġa' jikseb il-kontroll u jagħti b'saqajh biex jitla' fil-wiċċ – *2 marki*. | 1 | 2 |
| 5. | In-narratur jidher li jaf kollox, sal-inqas moviment ta' kull parteċipant f'din ix-xena – *marka*. Bid-deskrizzjonijiet dettaljati li jagħti qisu jrid itawwal is-sitwazzjoni u l-qarrej jesperjenza kull azzjoni – *marka*. | | 2 |

| | QMK 2 40% marki | QMK 3 60% marki |
|---|---|---|
| **Il-kontenut (4)** | **1-2** | **3-4** |
| | Spjegazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma' dak li jitlob it-titlu. | Evalwazzjoni tal-punti meħtieġa li torbot ma' dak li jitlob it-titlu. |
| | | |
| **It-teknika, l-istil u l-espressjoni (3)** | **1-2** | **3-4** |
| | Tifsir ta' kif qed jitħaddmu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu.<br>L-espressjoni użata tersaq lejn l-istil ta' kritika letterarja. | Evalwazzjoni tal-effett li jħallu t-tekniki relevanti għal dak li jitlob it-titlu.<br>L-espressjoni użata toħloq l-istil mistenni f'kitba ta' kritika letterarja. |
| | | |
| **Is-sekwenza u l-koerenza (1)** | **0-1** | **2** |
| | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra imma mhux dejjem ikun hemm sekwenza. | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba. |
| | | |
| **L-ortografija (1)** | **0** | **1-2** |
| | Il-kitba fiha xi għeltijiet ortografiċi tal-Malti. | Kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi tal-Malti. |

# Karta Mudell: Karta Controlled QMK 1-2 Kandidati Privati

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 – 2 (Is-Smigħ)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 30 minuta |

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**Il-Proċedura għall-Amministrazzjoni tal-Assessjar tas-Smigħ:**

Il-Ħin: 30 minuta

It-total ta' marki li jistgħu jinkisbu huwa ta' 20, li jammonta għal 6% tal-eżami.

**Il-Proċedura:**

1. Il-kandidati jiġu mistednin jaraw l-eżerċizzji li huma mistennijin jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba, li jieħu madwar 5 minuti. Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej, imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa. Waqt dan il-qari, il-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 10 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u jingħataw 5 minuti oħra biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. L-aħħar 5 minuti jingħataw biex l-istudenti jtemmu l-eżerċizzji.

**Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki**

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin skont dawk imsemmija fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-għalliema biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

**Ġwann Mamo u Żminijietu**

Fi żmienu, u wkoll għal ħafna snin wara mewtu, il-kittieb Ġwann Mamo ma kienx maħbub mil-litterati u mill-akkademiċi Maltin. Ġwann Mamo huwa l-kittieb tar-rumanz 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka', u għalkemm ir-rumanz tiegħu kien mar tajjeb ma' Ċikku l-Poplu, il-kbarat tal-Letteratura kienu jqisu x-xogħol tiegħu mhux biss medjokri, imma wkoll suspettuż, kemm għal-lingwaġġ li uża, imma wisq iktar għall-ideat li kien fih.

Fl-1978 u l-1979, il-Professur Ġużè Aquilina ħareġ l-'Antoloġija ta' Proża Maltija', f'żewġ volumi; xogħol maħsub biex jelenka u jfakkar il-kittieba tal-Malti u juri l-iżvilupp tal-proża Maltija matul iż-żmien. Aquilina semma tlieta u sittin awtur, xi wħud minnhom mhux tajbin wisq, imma lil Ġwann Mamo ħallieh barra, u żgur li mhux għax ma kienx jaf bih.

Ġwann Mamo kien jipprietka li, fi żmienu, il-poplu kien injorant, imħolli bla skola, u mgħarraq fis-superstizzjonijiet. Ta' dan kien jagħti tort lill-mexxejja tiegħu. Wara Mamo dehru kittieba oħra, bħal Ġużè Ellul Mercer, Ġużè Orlando, u Ġużè Bonnici, li wkoll saħqu fuq l-istess ideat, u lkoll sabu l-oppożizzjoni u t-tmaqdir.

Imma fi żmienna, is-soċjetà tagħna tagħraf is-siwi intellettwali u storiku ta' dawn il-kittieba, u Ġwann Mamo qed jingħata l-ġieħ li jistħoqqlu. Ir-rumanz tiegħu issa sar magħruf sewwa u diġà ħarġu erba' edizzjonijiet tiegħu. Li mhux daqshekk magħruf hu x-xogħol l-ieħor, il-kitba l-oħra ta' Ġwann Mamo, speċjalment il-kitba li mhix fittizja. Hija kitba maħsuba biex twassal it-tagħrif u t-tagħlim bażiku lin-nies komuni.

Fost l-oħrajn, Mamo fl-1939, kiteb ktieb li jġib l-isem 'Obstetricia Illustrata', li kien jagħti tagħrif fuq it-tqala u t-twelid tat-trabi, mhux biss bil-kitba, imma anke bl-istampi. Mill-ewwel xellef difru ma' dawk li ddarrsu mis-suġġett tal-ktieb u t-tpinġijiet li kien fih. Mamo kien antiċipa u pprova jilqa' għal dawn id-diffikultajiet u stqarr li "l-fehma ta' min għaqqad dan il-Ktieb-Werrej hi biss għall-ġid u le għad-deni." Żmien sew wara l-mewt ta' Mamo, il-Kappillan tal-Marsa, Patri Feliċjan Bilocca, kien avviċina lill-mara tal-awtur u qalilha biex taħraq il-kopji tal-ktieb li kellha. Fortunatament, din m'obditux.

Dan il-ktieb mhux biss hu interessanti minnu nnifsu, imma hu interessanti wkoll għall-fatt li fih Mamo jsemmi li kien wasal biex jippubblika kotba oħra fosthom: dizzjunarju, żewġ tużżani novelli, u ktieb il-ħxejjex li jfejqu. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li Ġwann Mamo kien ilu jikteb u kien imħejji li jkompli jippubblika, imqar jekk dawn il-kotba baqgħu ma ħarġux – x'aktarx għax Mamo miet b'diżgrazzja, qasir il-għomor, fit-28 ta' April, 1941.

Dakinhar, għall-ħabta tal-ħdax nieqes kwart ta' filgħodu, Ġwann Mamo nstab mejjet b'"ħasda minn kustilji miksura" fuq il-blat magħruf bħala l-Munqar, ħdejn Wied Babu, fit-tarf taż-Żurrieq. Din is-sejba saret wara li kienu ilhom ifittxuh għal madwar sebat ijiem, għax naqas mid-dar. Wara li saritlu l-awtopsja, ingħatatlu difna regolari ta' Kattoliku fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

*(Silta addattata minn artiklu li deher fuq is-sit http://www.independent.com.mt/articles/2015-03-03/A-historic-conference-on-Juann-Mamo)*

**Aħdem dawn l-eżerċizzji.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a) L-espressjoni "Ċikku l-Poplu" kif użata fis-silta tirreferi:

i) għall-irġiel li jisimhom Ċikku.

ii) għal dawk li jafu l-iskola.

iii) għan-nies komuni.

iv) għall-politiċi. (marka)

2. Kompli din is-sentenza billi żżid l-informazzjoni meħtieġa minn dak li smajt.

Il-kitbiet ta' Mamo twarrbu mill-istudjużi għal żewġ raġunijiet: l-ewwel minħabba l-lingwaġġ li kien fihom u t-tieni minħabba ______________________________ (marka)

3. Ikteb **personaġġ ieħor**, minn dawk imsemmijin fis-silta, li ġralu l-istess bħal Mamo.

______________________________(marka)

4. L-awtur tas-silta jsostni li s-soċjetà Maltija tal-lum qed tapprezza aktar lil Mamo għax:

a) sar monument għalih fiż-Żurrieq.

b) ir-rumanz tiegħu nqara u ngħoġob ħafna.

ċ) għax hekk qal il-Kappillan tal-Marsa. (marka)

5. Fisser il-frażi "xellef difru", skont kif tissemma fis-silta.

______________________________(marka)

6. X'kienet l-intenzjoni ta' Mamo meta ħareġ il-ktieb bil-Malti fuq it-tqala u t-twelid?

______________________________(marka)

7. Ikteb **żewġ** dettalji marbutin mal-mewt ta' Ġwann Mamo.

i)______________________________

ii)______________________________(2 marki)

8. Ikteb sentenza b'tagħrif mogħti fis-silta, marbut man-numri li hemm f'kolonna A ta' din it-tabella.

| KOLONNA A | SENTENZI BIT-TAGĦRIF |
|---|---|
| 63 | |
| 1939 | |
| 28 ta' April 1941 | |

(3 marki)

9. Meta jissemma Ġużè Aquilina, jingħad li "lil Ġwann Mamo ħallieh barra, u żgur li mhux għax ma kienx jaf bih". Fil-kuntest ta' dak li smajt, x'messaġġ ried iwassal l-awtur b'din l-espressjoni?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(3 marki)

10. Għaliex l-awtur tas-silta jemmen li l-ktieb fuq it-tqala u t-twelid jixħet dawl importanti fuq il-kitbiet ta' Mamo?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

11. Fis-silta jissemma li "**fortunatament**" il-mara ta' Mamo m'għamlitx kif talabha l-kappillan tal-Marsa. Għaliex taħseb li juża din il-kelma?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2 marki)

12. Fis-silta hemm żewġ fehmiet differenti fuq l-edukazzjoni tal-poplu: dik li kellu Mamo, imqabbla ma' dik tal-akkademiċi. X'kienu dawn iż-żewġ fehmiet?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **QMK 1 40%** | | **8** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk indikati, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu marbutin mat-test mistħarreġ. |
| **1** | iii) għan-nies komuni. | 1 | |
| **2** | l-ideat/il-ħsibijiet/il-prinċipji | 1 | |
| **3** | **Wieħed minn:**<br>Ġużè Ellul Mercer,<br>Ġużè Orlando,<br>Ġużè Bonniċi. | 1 | |
| **4** | b) ir-rumanz tiegħu nqara u ngħoġob ħafna. | 1 | |
| **5** | Kellu l-problemi u l-inkwiet mal-awtoritajiet tal-Knisja. | 1 | |
| **6** | Biex jgħallem u jwassal tagħrif bażiku marbut mat-tqala u mat-twelid tat-trabi. | 1 | |
| **7** | **Tnejn minn dawn:**<br>• Miet b'ħasda fil-kustilji;<br>• Instab iż-Żurrieq/Wied Babu;<br>• Kien ilu nieqes mid-dar 7 snin;<br>• Saritlu awtopsja. | 2 | |
| **QMK 2 60%** | | **12** | |
| **8** | i) in-numru ta' kittieba Maltin li semma Aquilina fil-kotba tiegħu.<br>ii) Mamo ħareġ ktieb fuq it-tqala u t-twelid.<br>iii) miet Ġwann Mamo. | 3 | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtijin, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| **9** | Li Aquilina ma semmiex lil Mamo apposta: mhux għax ma kienx jaf bih imma għax ma kienx jaqbel ma' dak li kiteb. | 3 | |
| **10** | Għax fih isemmi kitbiet u kotba oħra li kien għad irid jippubblika. | 2 | |
| **11** | Kienet fortuna għall-Malti għax il-ktieb seta' jibqa' jintuża u jinqara min-nies. | 2 | |
| **12** | L-akkademiċi kienu jemmnu li l-poplu ma kienx lest u jiflaħ dan it-tagħlim, filwaqt li Mamo kien jemmen li l-poplu jrid jiġi edukat fuqhom ħalli jimxi 'l quddiem. | 2 | |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 – 2 (Is-Smigħ)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 30 minuta |

**KARTA TAL-KANDIDAT**

**Aħdem dawn l-eżerċizzji.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a) L-espressjoni "Ċikku l-Poplu" kif użata fis-silta tirreferi:

i) għall-irġiel li jisimhom Ċikku.

ii) għal dawk li jafu l-iskola.

iii) għan-nies komuni.

iv) għall-politiċi. (marka)

2. Kompli din is-sentenza billi żżid l-informazzjoni meħtieġa minn dak li smajt.

Il-kitbiet ta' Mamo twarrbu mill-istudjużi għal żewġ raġunijiet: l-ewwel minħabba l-lingwaġġ li kien fihom u t-tieni minħabba ______________________________ (marka)

3. Ikteb **personaġġ ieħor**, minn dawk imsemmijin fis-silta, li ġralu l-istess bħal Mamo.

______________________________(marka)

4. L-awtur tas-silta jsostni li s-soċjetà Maltija tal-lum qed tapprezza aktar lil Mamo għax:

a) sar monument għalih fiż-Żurrieq.

b) ir-rumanz tiegħu nqara u ngħoġob ħafna.

ċ) għax hekk qal il-Kappillan tal-Marsa. (marka)

5. Fisser il-frażi "xellef difru", skont kif tissemma fis-silta.

______________________________(marka)

6. X'kienet l-intenzjoni ta' Mamo meta ħareġ il-ktieb bil-Malti fuq it-tqala u t-twelid?

______________________________(marka)

7. Ikteb **żewġ** dettalji marbutin mal-mewt ta' Ġwann Mamo.

i) ______________________________

ii)______________________________(2 marki)

8. Ikteb sentenza b'tagħrif mogħti fis-silta, marbut man-numri li hemm f'kolonna A ta' din it-tabella.

| **KOLONNA A** | **SENTENZI BIT-TAGĦRIF** |
|---|---|
| 63 | |
| 1939 | |
| 28 ta' April 1941 | |

(3 marki)

9. Meta jissemma Ġużè Aquilina, jingħad li "lil Ġwann Mamo ħallieh barra, u żgur li mhux għax ma kienx jaf bih". Fil-kuntest ta' dak li smajt, x'messaġġ ried iwassal l-awtur b'din l-espressjoni?

____________________________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________________(3 marki)

10. Għaliex l-awtur tas-silta jemmen li l-ktieb fuq it-tqala u t-twelid jixħet dawl importanti fuq il-kitbiet ta' Mamo?

____________________________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________________(2 marki)

11. Fis-silta jissemma li "**fortunatament**" il-mara ta' Mamo m'għamlitx kif talabha l-kappillan tal-Marsa. Għaliex taħseb li juża din il-kelma?

____________________________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________________ (2 marki)

12. Fis-silta hemm żewġ fehmiet differenti fuq l-edukazzjoni tal-poplu: dik li kellu Mamo, imqabbla ma' dik tal-akkademiċi. X'kienu dawn iż-żewġ fehmiet?

____________________________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________________ (2 marki)

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 1 – 2** |
| DATA: | |
| ĦIN: | Sagħtejn |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(20 marka)**

Agħżel **wieħed** minn dawn l-ispunti. F'mhux aktar minn 250 kelma, kompli l-ispunt tiegħek:

i. Xogħol ta' iġri u ġerri kienu qegħdin jagħmlu l-ħaddiema ...

ii. ... il-logħob tal-idejn m'għandekx bżonnu għax ...

iii. ... is-sabiħ jarah kulħadd, imma mhux kulħadd jaf japprezzah!

**Taqsima B** **(20 marka)**

# Sir Elton John

Mario A. Azzopardi



**Jekk tistaqsi lil xi ħadd x'jiġik mill-ewwel f'moħħok meta ssemmi l-kantant bravu u eċċezzjonali Sir Elton John, ħafna jwieġbu l-kanzunetti brillanti li jkanta. Oħrajn isemmu n-nuċċalijiet tax-xemx li jħobb jilbes waqt il-wirjiet tiegħu.**



Il-film **'Rocketman'** intlaqa' b'applawsi kbar meta ddebutta waqt il-festival ta' Cannes. Il-film għamel suċċess kbir, u s'issa daħħal madwar $167 miljun u ntlaqa' tajjeb mill-kritiċi. Joe Morgensten jiddeskrivi l-film bħala wieħed fenominali u emozzjonali.

Dan il-film jitfa' lenti fuq il-parti inizjali tal-karriera ta' Reginald Kenneth Dwight sakemm litteralment sar dak li ta' spiss jirreferu għalih bħala Sir Elton John. Huwa film li minbarra juri l-ħila straordinarja ta' dan il-kantant u kompożitur eċċezzjonali, huwa wkoll film emozzjonali.

L-isem tal-film jirreferi għall-kanzunetta li kienet waħda mis-suċċessi l-kbar ta' Elton John li kienet fl-album li nħareġ fl-1972. Din hi indikazzjoni ċara li l-film jiffoka fuq il-perjodu tal-bidu tal-karriera tiegħu.

Minkejja s-suċċessi kbar li kellu Elton John, il-ħajja privata tiegħu ma kinitx ward u żahar. Ix-xewk fil-ħajja ta' Elton John joħroġ kollu fil-film. F'intervista waqt il-festival ta' Cannes, Elton John stqarr hekk: "Naħseb li kull artist jgħaddi minn mumenti fejn jiġuh dubji fuqu nnifsu. U huma dawn id-dubji li jagħmluna mostri. Imbagħad biex tneħħi d-dubji tibda tieħu sustanzi kimiċi u l-alkoħol. Mhux vera jgħinuk tneħħi d-dubji. Anzi jaqtgħuk mir-realtà".

Bla dubju, Elton John ta l-akbar kontribut lid-dinja tal-mużika imma ismu nsibuh imnaqqax ukoll fid-dinja taċ-ċinematografija. Il-kanzunetti tiegħu spiss huma inklużi fis-soundtracks tal-films. Jekk kellna nieħdu l-kanzunetta 'Rocketman' biss, din tinstema' mill-inqas fi tmien films, fosthom f''The Rock' (1996), 'Kingsman: the Golden Circle' (2017) u fil-film animat 'Sherlock Gnomes' (2018). Dan tal-aħħar huwa mimli bil-kanzunetti tiegħu.

Jekk se nsemmu l-films b'numru kbir ta' kanzunetti ta' Elton John, bilfors irridu nsemmu, il-film animat eċċezzjonali, 'The Lion King' fejn kiteb sitt kanzunetti speċifikament għal dan il-film. Tlieta minn dawn il-kanzunetti kienu nnominati għal Oscar.

Hemm storja wara l-kanzunetta 'Can You Feel the Love Tonight'. Oriġinarjament, kellhom ikunu Timon u Puma li jkantaw din il-kanzunetta. Elton John u Time Rice, li kiteb il-lirika, ma qablux. Allura l-kanzunetta kienet se titħalla kompletament barra ħlief l-aħħar ftit versi li baqgħu jkantawhom Timon u Puma.

Ftit ġimgħat qabel kellu joħroġ il-film, Elton John ra l-film u nduna li din il-kanzunetta ġiet imwarrba għal kollox, huwa personalment mar jikkonvinċi lid-Direttur ewlieni tal-kumpanija Disney ta' dak iż-żmien, Jeffrey Katzenberg, biex din il-kanzunetta tiddaħħal b'mod sħiħ. Katzenberg aċċetta, u eventwalment kienet din il-kanzunetta li rebħet l-Oscar għall-aħjar kanzunetta.

Addattament minn 'It-Torċa'
tal-Ħadd, 2 ta' Ġunju 2019.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

1. Imla l-vojt b'kelma xierqa sabiex is-sentenza tagħmel sens skont dak li qrajt. (4 marki)

Reginald Kenneth Dwight illum huwa __________________ bħala ______________________. Il-film li jismu _____________________ jittratta l-____________________ ta' dan il-personaġġ popolari.

2. Il-film intlaqa' tajjeb. Islet **ŻEWĠ** fatti mis-silta li jsaħħu dan. (2 marki)

a. ________________________________________________________________________________

b. ________________________________________________________________________________

3. **Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba u wara spjega l-għażla tiegħek:**

a. Skont dak li qrajt tista' tassumi li Elton John beda l-karriera tiegħu: (marka)

i. fis-sittinijiet

ii. fis-sebgħinijiet

iii. fit-tmeninijiet

b. Spjega l-għażla tiegħek. (2 marki)

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

4. Taqbel li d-diska 'Rocketman' għadha popolari anke llum? Saħħaħ it-tweġiba li tagħti billi ssib raġuni mis-silta.

(3 marki)

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

5. Mis-silta ta' fuq wieħed jista' jassumi li l-awtur iħoss li Elton John huwa raġel determinat. (2 marki)

Agħti eżempju **WIEĦED** fejn naraw kif din il-kwalità toħroġ fil-karattru tiegħu.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

6. X'inhu l-ġeneru ta' dan it-test? Agħti **ŻEWĠ** karatteristiċi ta' dan il-ġeneru. (3 marki)

Dan it-test huwa __________________ meħud minn ______________________. **ŻEWĠ** karatteristiċi ta' dan il-ġeneru huma:

a. ________________________________________________________________________________

b. ________________________________________________________________________________

7. Fisser il-frażijiet bis-sing taħthom, skont il-kuntest li huma użati fih fis-silta. (3 marki)

a. Dan il-film jitfa' lenti fuq il-parti inizjali tal-karriera ta' Reginald Kenneth Dwight, sakemm litteralment sar dak li ta' spiss jirreferu għalih bħala Sir Elton John.

______________________________________________________________________________

b. Minkejja s-suċċessi kbar li kellu Elton John, il-ħajja privata tiegħu ma kinitx ward u żahar.

______________________________________________________________________________

ċ. Bla dubju, Elton John ta l-akbar kontribut lid-dinja tal-mużika, imma ismu nsibuh ukoll imnaqqax fid-dinja taċ-ċinematografija.

______________________________________________________________________________

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(20 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu tliet eżerċizzji tal-metalingwa f'kuntest, li jinkludu eżerċizzju tal-morfoloġija ta' imla l-vojt, eżerċizzji tal-punteġġjatura u tas-sintassi, u eżerċizzji marbutin mat-tifsir tal-kliem.

**Il-Morfoloġija**

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. Waħda minnhom hija mogħtija bħala eżempju.

**Il-Konkatidral ta' San Ġwann**

Il-Konkatidral ta' San Ġwann ____________ (**sab**) il-Belt Valletta u ġie mibni mill-Ordni ta' San Ġwann. Il-Konkatidral, li ġie kkummissjonat fl-1572 mill-Gran Mastru Jean de la Cassière bħala l-knisja konventwali tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u ddisinjat mill-magħruf arkitett ____________ (**militar**) Malti, Ġlormu Cassar, jispikka bħala monument uniku ta' ____________ (**importanti**) internazzjonali. Il-knisja hija ____________ (**dedika**) lil San Ġwann Battista, il-qaddis patrun tal-Ordni.

Kif it-tbexbix tas-seklu ____________ (**17**) daħħal l-istil Barokk ġdid, il-Gran Mastru Cotoner ordna d-____________ (**dekor**) tal-knisja minn ġewwa. Il-Kavallieri kienu ħerqana li ____________ (**ħabat**) mal-knejjes kbar ta' Ruma, u l-karattru pompuż u dimostrattiv tal-era tahom materjal kemm riedu biex jagħmlu dan. L-artist Kalabriż Mattia Preti, li kien ikkummissjonat b'dan ix-xogħol, bidel ġewwa f'ċelebrazzjoni ta' arti Barokka. Huwa l-kuntrast bejn il-faċċata sempliċi tal-____________ (**bini**) mal-karattru ____________ (**festa**) ta' ġewwa li jagħmel lil San Ġwann monument daqstant uniku.

Illum hu wkoll post fejn isiru avvenimenti kulturali u hu wieħed mill-attrazzjonijiet l-aktar popolari mat-turisti f'Malta. Huwa ____________ (**amministra**) mill-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann, li twaqqfet fl-2001 biex tiżgura l-konservazzjoni tal-knisja u tal-mużew.

(Total: 10 marki)

**Is-Sintassi**

B. Aqleb dan id-djalogu qasir f'diskors indirett:

**Mark: Kemm ilek involut fil-festa?**

Brian: Minn meta kont żgħir niftakarni nagħmel festa d-dar u nħit il-pavaljuni ma' ommi. Nipprova nagħmel minn kollox. Inħit il-bnadar, pavaljuni, bandalori, nagħmel disinji, pittura u sfumar. Nindura wkoll, l-aktar induratura elaborata bħalma nsibu fil-vari proċessjonali.

**Mark: X'jogħġbok l-aktar fil-festa?**

Brian: Kollox! Mill-inqas fustun armat waħdu fi triq imwarrba, sal-isbaħ biċċa xogħol mirquma fil-knisja. In-nar, il-banda, l-orkestra, l-orgni, il-qniepen. Kollox. Inħobbhom wisq. Din is-sena, għent ukoll lil tan-nar tal-art u nammetti li, għalkemm fih ħafna xogħol u jinħaraq malajr mingħajr ma jibqa' xejn minnu, is-sodisfazzjon li tani kien kbir.

**Mark: Grazzi tal-kummenti tiegħek.**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

(Total: 5 marki)

**Is-Semantika**

**Ċ. Aqta' linja taħt il-kelma t-tajba li toqgħod fil-kuntest.**

**Eż.** Jumejn ilu ħija (sema, **sema'**) li ta' ħdejna għamlet praspura mill-kbar.

1. Meta jkollok uġigħ ta' stonku, ħu ftit misħun bl-ilma (żar, żahar, żgħar).
2. Mhux (kollha, kolla) jinsabu lejn in-naħa ta' fuq tar-raħal.
3. Il-Ħadd li għadda (ħadd, ħatt, ħadt) ġelat tajjeb.
4. Ħadt il-qies tal-(qatt, qgħadt, qadd) qabel ma nipprova l-qalziet.
5. Id-(dahar, dar) tas-sufan qed iżaqżaq kull darba li nistrieħ miegħu.
6. It-temp għada se jkun bix-xita, u kultant bir-(ragħad, rat) ukoll.
7. Fix-(xagħar, xahar) tal-Milied niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù Kristu.
8. Missieri għandu s-(sengħa, sena) ta' mastrudaxxa, li ħadha m'għand missieru.
9. "(Ma, ma, ma'), weġġajt idejja," qalet Sonia lil nannitha.
10. Ilbieraħ missieri mar s'għand tal-merċa u xtara (ħassa, ħassha) friska u sabiħa.

(Total: 5 marki)

**Taqsima D: Il-Letteratura** **(20 marka)**

**Letteratura: Referenza għall-Kuntest fuq poeżija ta' Dun Karm**

Aqra sewwa l-poeżija *Il-Għodwa* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Ix-xemx tielgħa! Liema ħeġġa,
Liema ferħ ma' kullimkien!
Isellmulha l-art u s-sema
Lis-sultana tal-ħolqien.

Lewn il-warda d-dija tagħha
Timla s-sħab, tmiss il-għoljiet,
Fuq ir-rħula, fuq ir-raba'
Tixħet bewsa mis-smewwiet.

Ix-xemx tielgħa! Qalb is-siġar
Jibda l-għana tal-għasfur;
Dlonk jittajjar, jifli rixu,
Bil-ferħ qalbu qiegħda tfur.

Tibda l-għanja tan-nissieġa,
Tibda l-għajta tal-bejjiegħ;
Mit-triqat in-nies tixtered,
Jibda x-xogħ'l wara l-mistrieħ.

Bil-moħriet – is-sikka tiddi
Bħala fidda – fuq spallejh,
Jew bl-imgħażqa l-bieżel bidwi
Lejn il-għalqa jmidd riġlejh.

Tisma' l-leħen tal-inkwina,
It-twerżiqa tas-serrieq,
Iż-żarżira tar-raddiena,
B'daqq il-watar* tidwi t-triq.

Kollox jerġa' jieħu l-ħajja
Hekk kif terġa' fuqna x-xemx;
Tifraħ biha l-ħlejjaq kollha,
Min ma jħossha fl-art ma hemmx.

Fuq id-dudu li jitkagħweġ
Qalb it-trab, fuq il-ħaxix;
Sa fil-qiegħ tal-baħar tinżel,
Rokna mdallma ma tħallix.

Inberkuk, ja xemx, ja bidu
Ta' kull hena tal-ħlejqiet:
Jekk int sbejħa, xi jkun Alla
Illi qiegħdek fis-smewwiet?

*Korda ta' qaws/vjolin; nerv irqiq/oħxon niexef minn musrana.

Wieġeb:

1. a. Agħżel it-temi ta' din il-poeżija:
   - i. Il-ġrajja nazzjonali u l-patrijottiżmu.
   - ii. Is-solitudni u l-kundizzjoni umana.
   - iii. Ix-xogħol tradizzjonali u l-ambjent naturali. (marka)

   b. Fisser għaliex għażilt it-temi ta' mistoqsija 1a. (2 marki)

2. X'inhu t-ton użat fl-ewwel strofa? (marka)

3. a. X'tissejjaħ il-figura tat-taħdit meta l-poeta jinħass li qed jesaġera apposta?

   b. Fisser kif kultant tidher din l-esaġerazzjoni u agħti eżempju wieħed mill-poeżija. (3 marki)

4. a. X’inhi l-figura tat-taħdit fil-vers tat-tieni strofa: “tixħet bewsa mis-smewwiet”?
   b. Iddeskrivi kif qed titħaddem f’dan il-vers. (3 marki)

5. Ikkwota **vers** li fih lingwaġġ sensorju. (marka)

6. a. Ikteb dwar il-metrika ta’ din il-poeżija. (3 marki)
   b. Fisser għaliex il-metrika użata toqgħod tajjeb għal din il-poeżija. (marka)

7. F’madwar **80 kelma,** ikteb dwar l-irwol tax-xemx fl-għodwa u l-effett li tħalli fuq il-ħlejjaq kollha, kif inhu deskritt fil-poeżija. (5 marki)

(Total: 20 marka)

**L-Iskema tal-Marki:**

**Taqsima A**

| **Il-kriterji** | **QMK 1 40%** | **QMK 2 60%** | **Il-marki miksubin mill-kandidat/a** |
|---|---|---|---|
| **L-istil imħaddem skont il-ġeneru u l-udjenza mogħtija fit-titlu** | **0-1** | **2-3** | |
| | Il-kitba fiha xi evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | Il-kitba fiha evidenza ċara ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | |
| **Il-kontenut jew l-ideat, b'rabta mat-titlu jew mal-ispunt magħżul** | **0-1** | **2-4** | |
| | Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | Il-kitba tiżviluppa l-ideat bil-mod u b'mod ċar. | |
| **Is-sekwenza/koerenza u r-rabta bejn il-partijiet** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | |
| **L-idjoma u l-lessiku mħaddem** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba mhux skont l-idjoma Maltija u b'lessiku limitat ħafna. | Kitba li kważi timxi mal-idjoma Maltija, b'lessiku mifrux sew marbut mat-titlu. | |
| **Il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ortografija u l-grammatika, b'risq reqqa fil-kitba** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba fiha għadd mhux ħażin ta' għeltijiet ortografiċi grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu ħażin tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi sempliċi u b'sintassi mhux preċiża;<br>▪ Kitba b'għadd kotran ta' żbalji tal-grammatika. | Il-kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu kważi preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi kważi bla żbalji;<br>▪ Kitba bi ftit li xejn żbalji tal-grammatika. | |
| **L-għadd** | **8 marki** | **12-il marka** | |

**Aktar tagħrif marbut mal-iskema tal-marki tal-kitba kreattiva**

**L-iżbalji**

Żball repetut jitqies **żball wieħed**.

**Żbalji tal-grammatika u tal-ortografija**: naqqas marka għal kull żball. Jekk il-kandidat ikollu sa 10 żbalji differenti jew aktar mit-tnejn li huma jitlef il-marki kollha allokati għat-taqsima fejn hemm il-grammatika u l-ortografija.

**It-tul tal-komponiment tal-kitba kreattiva**

**QMK 1-2**

Il-komponiment irid ikun fih madwar 250 kelma.

- Għoxrin kelma ’l fuq u ’l isfel (280/230) minn din iċ-ċifra ma jitnaqqsux marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 230 sa 200: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 3 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 200 sa 180: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 4 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 180 sa 150: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 5 marki.
- Jekk komponiment ikollu inqas minn 150 kelma: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi l-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq tiġi diviża bin-nofs.

Meta jkun hemm xi sitwazzjoni minn dawn li semmejna, il-marker irid jirreġistra dan it-tnaqqis ta’ marki fil-marġin; it-total tal-komponiment irid jinkludi dan it-tnaqqis.

**Taqsima B**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 8 marki | QMK 2 12-il marka |
|---|---|---|---|
| 6. | magħruf<br>Elton John<br>Rocketman<br>ħajja | 4 | |
| 7. | Għażla ta' tnejn minn dawn li ġejjin:<br>1. Il-film daħħal ħafna flus.<br>2. Intlaqa' tajjeb mill-kritiċi.<br>3. Waqt il-festival Cannes intlaqa' b'applawsi kbar. | 2 | |
| 8. | 3a. sebgħinijiet<br>3b. Il-film jiffoka fuq il-perjodu tal-bidu tal-karriera tiegħu. Dan huwa indikat mill-isem tal-film, għax il-kanzunetta ħarġet fl-1972. | 1 | 2 |
| 9. | Naqbel, għax din il-kanzunetta ntużat f'diversi films riċenti. | | 3 |
| 10. | Għażla ta' waħda minn dawn li ġejjin:<br>1. Ma qatax qalbu wara li għadda minn żmien diffiċli.<br>2. Baqa' jippersisti sabiex il-kanzunetta 'Can You Feel the Love Tonight' tidher fil-film. | | 2 |
| 6a. | artiklu<br>gazzetta/rivista ... Tweġibiet simili aċċettati. | | 2 |
| 6b. | Għażla ta' tnejn minn dawn li ġejjin:<br>1. Il-film daħħal ħafna flus.<br>2. Intlaqa' tajjeb mill-kritiċi.<br>3. Waqt il-festival Cannes intlaqa' b'applawsi kbar. | 1 | |
| 7. | a. jitfa' dawl/jiffoka fuq/jittratta<br>b. mhux faċli<br>ċ. magħruf/stabbilit/imsemmi | | 3 |
| | **Totali:** | **8** | **12** |

**Taqsima Ċ**

| **Il-Metalingwa (QMK 1-2)** | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A: Il-Konkatidral ta' San Ġwann ... Imla l-vojt.** | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 Marki** |
| 1. | jinsab | Marka l-waħda |
| 2. | militari | |
| 3. | importanza | |
| 4. | ddedikata | |

| | | |
|---|---|---|
| 5. | sbatax | |
| 6. | dekorazzjoni | |
| 7. | jħabbtuha | |
| 8. | binja | |
| 9. | festiv | |
| 10. | amministrat | |

| **Eżerċizzju B. Aqleb dan id-djalogu qasir f'diskors indirett.** | |
|---|---|
| **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| Mark saqsieh kemm ilu involut fil-festa **(0.5)**.<br>Brian wieġbu li ilu minn meta kien żgħir jiftakru jagħmel festa d-dar u jħit il-pavaljuni ma' ommu. Jipprova jagħmel minn kollox. Iħit il-bnadar, pavaljuni, bandalori, jagħmel disinji, pittura u sfumar. Jindura wkoll, l-aktar induratura elaborata bħalma nsibu fil-vari proċessjonali **(1.5)**.<br>Mark reġa' saqsieh x'jogħġbu l-aktar fil-festa **(0.5)**.<br>Brian wieġbu li kollox. Mill-inqas fustun armat waħdu fi triq imwarrba, sal-isbaħ biċċa xogħol mirquma fil-knisja. In-nar, il-banda, l-orkestra, l-orgni, il-qniepen. Kollox. Iħobbhom wisq. Din is-sena, għen ukoll lil tan-nar tal-art u jammetti li, għalkemm fih ħafna xogħol u jinħaraq malajr mingħajr ma jibqa' xejn minnu, is-sodisfazzjon li tah kien kbir **(2)**.<br>Mark irringrazzjah tal-kummenti tiegħu **(0.5)**. | 5 marki<br>(Tweġibiet varji jingħataw il-marki xorta) |

| **Eżerċizzju Ċ: Aqta' linja taħt il-kelma t-tajba li toqgħod fil-kuntest.** | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | żahar | Nofs marka għal kull waħda. |
| 2. | kollha | |
| 3. | ħadt | |
| 4. | qadd | |
| 5. | dahar | |
| 6. | ragħad | |
| 7. | xahar | |

| | | |
|---|---|---|
| 8. | sengħa | |
| 9. | Ma | |
| 10. | ħassa | |

**Taqsima D**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 1 40% marki | QMK 2 60% marki |
|---|---|---|---|
| 1 | a. Ix-xogħol tradizzjonali u l-ambjent naturali – *marka*.<br>b. Fil-poeżija jissemmew elementi tan-natura bħall-għoljiet, ir-raba', l-għasfur, id-dudu u l-baħar. Min-naħa l-oħra l-poeta jsemmi xogħol u għodod marbutin mal-passat bħan-nissieġa, il-bidwi u l-inkwina – *2 marki*. | 1 | 2 |
| 2 | Ton ta' stagħġib u esklamattiv. | 1 | |
| 3 | a. Iperbole – *marka*.<br>b. Il-poeta jrid jenfasizza kemm ix-xemx hija importanti biex il-ħajja terġa' tibda mas-sebħ. Għalhekk tinħass l-esaġerazzjoni biex joħroġ din l-importanza tax-xemx. Dan jidher meta jgħid li l-ferħ jinħass ma' kullimkien, li l-ħlejjaq kollha jifirħu biha u li m'hemmx rokna li ma tintlaħaqx mix-xemx. L-esaġerazzjoni tinħass fl-idea ta' kollox u kullimkien – *2 marki*. | 1 | 2 |
| 4 | a. Personifikazzjoni – *marka*.<br>b. Id-dija tax-xemx fuq l-irħula qed titqabbel ma' bewsa li jixħet bniedem. Il-bewsa tagħti sensazzjoni ta' ġentilezza u pożittività, id-dija tax-xemx hi mixtieqa bħalma hi mixtieqa bewsa – *2 marki*. | 1 | 2 |
| 5 | "it-twerżiqa tas-serrieq,<br>iż-żarżira tar-raddiena,"<br>*L-eżaminatur jista' jaċċetta versi oħra. Marka għal kull vers ikkwotat.* | 1 | |
| 6 | a. Din il-poeżija tħaddan strofi kwartini (*marka*), versi ottonarji (*marka*) u rima mqabbża, ABĊB (*marka*) – *3 marki.*<br>b. Din hija poeżija tradizzjonali, teħodna fid-dinja tal-imgħoddi, għalhekk jintuża stil tradizzjonali wkoll, bi skema ripetuta f'kull strofa – *marka*. | 3 | 1 |
| 7 | *Tweġibiet varji jkunu aċċettati.*<br>*Jingħataw 2 marki fuq il-kitba dwar l-irwol tax-xemx.*<br>*Jingħataw 3 marki fuq l-effetti li tħalli x-xemx.*<br>Ix-xemx, il-protagonista, hija s-sors t'enerġija biex kull ħlejqa tqum filgħodu u tieħu l-ħajja. Id-dawl ħiereġ minnha, jintefa' fuq is-sħab, l-għoljiet, l-irħula u r-raba' – *2 marki.*<br>L-għasfur jibda jgħanni, jifli rixu u jittajjar. Anki r-raħħala jqumu ma' sbieħ il-jum, in-nies toħroġ fit-triqat u l-ħaddiema jibdew il-ħidma wara s-serħan. Il-bidwi, in-nissieġa u l-bejjiegħa huma akkumpanjati mill-ħsejjes li jipproduċu l-għodod li jużaw, bħall-inkwina, is-serrieq u r-raddiena. Ix-xemx tagħti effett ta' ħajja u kulħadd jieħu gost biha. Il-ħlejjaq kollha jifirħu biha u ddawwal kullimkien sal-inqas rokna, mid-dudu sal-ħaxix u l-qiegħ tal-baħar – *3 marki.* | | 5 |

# Karta Mudell: Karta Controlled QMK 2-3 Kandidati Privati

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3 (Is-Smigħ)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 30 minuta |

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**Il-Proċedura għall-Amministrazzjoni tal-Assessjar tas-Smigħ:**

Il-Ħin: 30 minuta

It-total ta' marki li jistgħu jinkisbu huwa ta' 20, li jammonta għal 6% tal-eżami.

**Il-Proċedura:**

1. Il-kandidati jiġu mistiedna jaraw l-eżerċizzji li huma mistennija li jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba li jieħu madwar 5 minuti. Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej, imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa. Waqt dan il-qari l-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 10 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u jingħataw 5 minuti oħra biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. L-aħħar 5 minuti jingħataw biex l-istudenti jtemmu l-eżerċizzji.

**Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki**

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin skont dawk imsemmija fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-għalliema biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

**Aviċenna (980-1037)**

Il-Persjan Aviċenna, bl-Għarbi Ibn Sina, twieled qrib Bukhara, illum il-kapitali tal-Uzbekistan, waħda mill-eqdem bliet tal-Asja Ċentrali, mibnija fuq it-triq li minnha kienu jgħaddu l-karovani. Bukhara kienet iċ-ċentru ta' kultura Iżlamika, it-tieni post qaddis tal-Iżlam wara Mekka. Il-belt sal-lum għad għandha dehra orjentali, bil-ħitan qodma, it-toroq dojoq iserrpu, is-suq fejn dari kienu jbigħu l-ilsiera, u l-moskej u l-palazzi jleqqu bil-mużajk u l-majjolika. Jogħlew 'il fuq mill-bini l-ieħor, hemm il-moskea ta' Mir-Arab, li għandha koppla għolja mitt pied, u l-minaret qadim magħruf bħala t-Torri tal-Mewt, li minnu kienu jitwaddbu għal isfel il-kriminali. Fil-qalba tal-belt hemm l-arka jew iċ-ċittadella, li kienet meqjusa u għadha sal-lum, iċ-ċentru amministrattiv.

Aviċenna kiber meta d-dinastija Persjana tas-Samanidi kienet qed tiġġarraf u għadda ħajja ta' avventura jiġri minn palazz eżotiku għal ieħor biex jeħles mid-dwiefer tal-ħakkiem kiefer Maħmud ta' Ghażna. Baqa' jikteb u jistudja saħansitra meta kien il-ħabs, sakemm sab kenn fil-qorti ta' Ala al Dawla, li kien irreżista bi qlubija kbira l-ħbit militari ta' Maħmud. Aviċenna miet fl-għomor ta' sebgħa u ħamsin sena wara li għamel ir-riti tal-ħasil, nidem minn dnubietu, qassam ħafna flus lill-foqra u ħeles lill-ilsiera li kellu.

Minbarra li kien filosofu, Aviċenna kien ukoll xjenzat u tabib ta' ħila kbira. Sar magħruf bħala 'l-Imgħallem Suprem'. Ix-xogħlijiet tiegħu, l-aktar dawk fuq il-mediċina, jissemmew f'ħafna testi Latini tal-Medju Evu. Aviċenna kien jaqbel mal-ħassieba li fittxew li jħabbu d-duttrina reliġjuża tal-Koran mal-ħsieb filosofiku Grieg. Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu kienu 'Kitab al-Xifa', 'Il-Ktieb tal-Fejqan' u l-'Qanun fit-Tibb', 'Ir-Regoli tal-Mediċina', b'dan tal-aħħar jibqa' jintuża bħala test ewlieni sar-Rinaxximent.

Meta kien għadu tifel, Aviċenna tgħallem il-Koran, il-Letteratura Għarbija, il-Liġi u l-Loġika. Imbagħad, waħdu studja t-Teoloġija, il-Fiżika, il-Matematika u l-Mediċina. Ta' sittax-il sena diġà kien qed jipprattika ta' tabib. L-uniku saram sabu meta kien qed jistudja l-filosofija. Hu nnifsu stqarr li qara t-trattat tal-'Metafiżika' ta' Aristotli erbgħin darba u ma setax isib tarf, sakemm ġie f'idejh kummentarju qasir ta' Al Farabi li għenu jifhimha.

Aviċenna bena l-ħsieb filosofiku tiegħu fuq it-teoriji ta' Aristotli, imma daħħal bidliet importanti. Għal Aristotli, il-bniedem kellu forma waħda sostanzjali, ir-ruħ. Aviċenna jsostni li l-bniedem għandu tliet forom: ir-ruħ veġetali, dik li biha l-bniedem jiekol, jikber u joktor; ir-ruħ annimali, dik li biha jitħarrek, jara, jisma' u jħoss; u r-ruħ razzjonali, li biha jaħseb. L-ewwel żewġ forom imutu u jispiċċaw, filwaqt li t-tielet waħda, dik razzjonali, tibqa'. Biha l-bniedem jibqa' ħaj wara l-mewt fi stat ta' hena jew diqa, skont kif ikun għex fuq din l-art. Għalhekk, skont Aviċenna, huwa d-dmir ta' kull maħluq li, meta jkun għadu f'din id-dinja, jitbiegħed u jinqata' kemm jista' mill-ħwejjeġ materjali biex dejjem jersaq aktar lejn l-istat perfett li jiġi wara l-mewt. Aviċenna, bħal Aristotli, jemmen li l-għan aħħari tagħna jrid ikun il-ħajja kontemplattiva.

*(Silta addattata mill-ktieb ta' Joe Friggieri, In-Nisġa tal-Ħsieb, Vol 1, 2012)*

**Aħdem dawn l-eżerċizzji.**

1. Agħżel it-tajba.

Din is-silta li għadek kif smajt hija fuq:

i) ir-Reliġjon tal-Iżlam.

ii) il-bidu tal-prattika tal-Mediċina.

iii) il-ħajja ta' Aviċenna. (marka)

2. Liema **żewġ** binjiet ewlenin jissemmew fis-silta u li jispikkaw u jagħtu karatteristika speċjali lill-belt ta' Bukhara?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

3. Agħti t-tifsira tal-frażi "fil-qalba tal-belt", skont kif użata fis-silta li smajt.

______________________________________________________________________________(marka)

4. Fis-silta jingħad li, qabel ma' miet, Aviċenna għamel għadd ta' ħwejjeġ 'tajbin'. X'jurik dan fuq il-karattru tiegħu?

______________________________________________________________________________(marka)

5. Liema huma **ż-żewġ** oqsma tal-għerf, minbarra x-xjenza, li għalihom baqa' mfakkar Aviċenna, skont kif jingħad fis-silta?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

6. X'kienet il-fehma ewlenija ta' Aviċenna fejn kien jidħol it-tagħlim tal-Koran u l-filosofija Griega?

______________________________________________________________________________(marka)

7. Minn dak li smajt fis-silta, ikteb sentenza fattwali fuq kull wieħed minn dawn:

| **Il-persuna** | **It-tagħrif** |
|---|---|
| i) Maħmud ta' Għażna | |
| ii) Al Farabi | |
| iii) Il-ktieb magħruf bħala 'Il-Metafiżika' | |

(3 marki)

8. Il-kotba ta’ Aviċenna fuq il-mediċina kienu meqjusin bħala fundamentali għall-progress f’dan il-qasam. Kif tista’ ssaħħaħ din il-konklużjoni minn dak li smajt?

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________(2 marki)

9. Spjega d-differenza li Aviċenna kellu fit-teorija tiegħu fuq ruħ il-bniedem, meta mqabbla ma’ dik li kien jemmen fih Aristotli.

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________(3 marki)

10. Semmi **punt** fundamentali ta’ qbil li jissemma fis-silta bejn il-ħsieb ta’ Aristotli u dak ta’ Aviċenna.

______________________________________________________________________________________(2 marki)

11. B’referenza għal dak li qrajt fuq it-teoriji ta’ Aviċenna u Aristotli fuq ruħ il-bniedem, x’inhi l-fehma tiegħek fuq is-suġġett?

______________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________(2 marki)

**L-Iskema tal-Marki:**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **QMK 2 40%** | | **8** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk indikati, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu marbutin mat-test mistħarreġ. |
| **1** | iii) il-ħajja ta' persuna. | 1 | |
| **2** | Il-moskea/Mir-Arab b'koppla għolja mitt pied u l-minaret/it-Torri tal-Mewt, li minn fuqu kienu jwaddbu għal isfel lill-kriminali. | 2 | |
| **3** | F'post ċentrali tal-belt/ fiċ-ċentru tal-belt/fl-aktar post importanti tal-belt. | 1 | |
| **4** | Li kien bniedem reliġjuż ħafna/kien qalbu tajba. | 1 | |
| **5** | Il-filosofija u l-mediċina. | 2 | |
| **6** | Li dawn għandhom jingħaqdu flimkien/li jgħaqqad it-tagħlim tal-Koran ma' dak li kienu jgħallmu l-filosfi Griegi. | 1 | |
| **QMK 3 60%** | | **12** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk indikati, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu marbutin mat-test mistħarreġ. |
| **7** | i) ħakkiem kiefer li ried jaħtaf bosta artijiet f'idejh.<br>ii) kiteb kummentarju fuq il-ktieb ta' Aristotli.<br>iii) il-ktieb bit-teoriji filosofiċi ta' Aristotli li Aviċenna qara 40 darba u ma fehmux. | 1x3 | |
| **8** | Għaliex il-kotba tiegħu baqgħu jissemmew ħafna u baqgħu jintużaw sar-Rinaxximent. | 2 | |
| **9** | Filwaqt li Aristotli kien jemmen li l-bniedem għandu forma sostanzjali waħda/ ir-ruħ waħda, Aviċenna jemmen li kellu 3 forom ta' erwieħ: dik veġetali, dik t'annimali u dik razzjonali. | 3 | |
| **10** | Li l-għan aħħari fil-ħajja tal-bniedem għandu jkun il-ħajja kontemplattiva. | 2 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **11** | Varji bi tweġibiet bħal<br>i) naqbel magħhom li l-bniedem għandu ruħ; jew<br>ii) ma naqbilx magħhom għax nemmen li r-ruħ ma teżistix. | 2 | |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3 (Is-Smigħ)** |
| DATA: | |
| ĦIN: | 30 minuta |

**KARTA TAL-KANDIDATI**

**Aħdem dawn l-eżerċizzji.**

1. Agħżel it-tajba.

Din is-silta li għadek kif smajt hija fuq:

i) ir-Reliġjon tal-Iżlam.

ii) il-bidu tal-prattika tal-Mediċina.

iii) il-ħajja ta' Aviċenna. (marka)

2. Liema **żewġ** binjiet ewlenin jissemmew fis-silta u li jispikkaw u jagħtu karatteristika speċjali lill-belt ta' Bukhara?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

3. Agħti t-tifsira tal-frażi "fil-qalba tal-belt", skont kif użata fis-silta li smajt.

______________________________________________________________________________(marka)

4. Fis-silta jingħad li, qabel ma' miet, Aviċenna għamel għadd ta' ħwejjeġ 'tajbin'. X'jurik dan fuq il-karattru tiegħu?

______________________________________________________________________________(marka)

5. Liema huma **ż-żewġ** oqsma tal-għerf, minbarra x-xjenza, li għalihom baqa' mfakkar Aviċenna, skont kif jingħad fis-silta?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

6. X'kienet il-fehma ewlenija ta' Aviċenna fejn kien jidħol it-tagħlim tal-Koran u l-filosofija Griega?

______________________________________________________________________________(marka)

7. Minn dak li smajt fis-silta, ikteb sentenza fattwali fuq kull wieħed minn dawn:

| **Il-persuna** | **It-tagħrif** |
|---|---|
| i) Maħmud ta' Għażna | |
| ii) Al Farabi | |
| iii) Il-ktieb magħruf bħala 'Il-Metafiżika' | |

(3 marki)

8. Il-kotba ta' Aviċenna fuq il-mediċina kienu meqjusin bħala fundamentali għall-progress f'dan il-qasam. Kif tista' ssaħħaħ din il-konklużjoni minn dak li smajt?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

9. Spjega d-differenza li Aviċenna kellu fit-teorija tiegħu fuq ruħ il-bniedem, meta mqabbla ma' dik li kien jemmen fih Aristotli.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(3 marki)

10. Semmi **punt** fundamentali ta' qbil li jissemma fis-silta bejn il-ħsieb ta' Aristotli u dak ta' Aviċenna.

______________________________________________________________________________(2 marki)

11. B'referenza għal dak li qrajt fuq it-teoriji ta' Aviċenna u Aristotli fuq ruħ il-bniedem, x'inhi l-fehma tiegħek fuq is-suġġett?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 marki)

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

**KANDIDATI PRIVATI**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Suġġett** |
| NUMRU TAL-KARTA: | **Livell 2 – 3** |
| DATA: | |
| ĦIN: | Sagħtejn |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(20 marka)**

Agħżel **wieħed** minn dawn l-ispunti. F'mhux aktar minn 300 kelma, kompli l-ispunt tiegħek:

i. In-nuqqas ta' qbil ta' opinjonijiet fost membri ta' soċjetà juri ...

ii. ... imma mhux il-ġurnalisti biss jafu li l-libertà tal-kelma għandha r-responsabbiltajiet tagħha ...

iii. ... u għalhekk, id-demokrazija tissaħħaħ meta l-membri tas-soċjetà jistgħu ma jaqblux bejniethom, imma jagħrfu jgħixu b'rispett reċiproku.

**Taqsima B: Il-Qari** **(20 marka)**

**It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ: perikoluża?**

San Francisco hi l-ewwel belt fl-Istati Uniti li pprojbiet l-użu tat-teknoloġija, li tagħraf l-uċuħ, mill-forzi tal-ordni bħalma hi l-Pulizija. Probabbilment li ma jdumx ma jkun hemm bliet oħra fl-Istati Uniti li jagħmlu l-istess.

It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ hi invażiva. Fl-istat attwali tal-iżvilupp tagħha għadha difettuża, imma għandha l-potenzjal li tkun preċiża 100%. Imbagħad tkun tista' tintuża mhux biss biex jingħarfu l-uċuħ, imma wkoll biex tkun identifikata informazzjoni oħra dwar dawk li jkunu fil-mira. Meta tkun ipperfezzjonata, din it-teknoloġija tista' tkun għodda tal-biża'.

Riċerkaturi fl-Università ta' Shanghai fiċ-Ċina għamlu żmien jesperimentaw b'ritratti ta' persuni magħrufin bħala kriminali u oħrajn li mhumiex. Bħala riżultat tar-riċerka tagħhom qed jissuġġerixxu li t-teknoloġija użata tista' tidentifika kriminali minn filmati ġodda b'ċertezza ta' kważi 90%. Tal-biża'!

F'San Francisco, dawk li jaqblu mal-projbizzjoni huma tal-fehma li din it-teknoloġija mhux biss hi difettuża, imma li hi wkoll ta' theddida serja għad-drittijiet ċivili. Il-Pulizija fir-Renju Unit, dan l-aħħar qed tinqeda b'din it-teknoloġija fl-investigazzjonijiet tagħha. Big Brother Watch, organizazzjoni mhux governattiva li taħdem favur id-drittijiet ċivili fir-Renju Unit, identifikat li, bl-użu ta' din it-teknoloġija, 9 minn kull 10 persuni arrestati kienu innoċenti. 90% żbalji mhux ċajta f'materja daqshekk sensittiva. Biż-żmien, bla dubju, dan id-difett ikun irrimedjat u dan għax tkun akkumulata iktar data li tagħmilha possibbli li jingħarfu l-uċuħ.

Xi xhur ilu, il-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data f'Malta, meta kien intervistat, enfasizza li meta jkun ikkunsidrat l-użu tat-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ, teħtieġ attenzjoni kbira biex ikunu mħarsin drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huwa enfasizza li kien obbligu tal-awtoritajiet lokali li jistudjaw din it-teknoloġija bir-reqqa, biex jiżgura l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data tkellem ukoll dwar id-data akkumulata u l-potenzjal li din tintuża ħażin biex issegwi l-movimenti tal-persuni, u b'hekk timmina d-dritt tal-privatezza.

It-teknoloġija għall-għarfien tal-uċuħ tista' tikkonċentra wisq informazzjoni u poter f'idejn il-Pulizija. Dan jista' jkun perikoluż jekk il-kontroll fuq l-informazzjoni miġbura ma tkunx waħda qawwija. Li ninvestu fis-sigurtà tagħna ma jfissirx li għandna nċedu l-privatezza tagħna. F'din l-era diġitali hu meħtieġ li s-sorveljanza tkun kontabbli quddiem istituzzjonijiet demokratiċi. Kif dan jista' jsir għadu kmieni, imma hu essenzjali għax il-Huawei, flimkien mal-Pulizija, jistgħu jiffurmaw tim perikoluż għad-demokrazija tagħna.

Is-soluzzjoni addottata minn San Fransisco tista' tkun meqjusa bħala radikali wisq. Imma sakemm ikun assigurat li s-sorveljanza tkun soġġetta għal kontabilità demokratika, ma tantx jidher li hemm soluzzjonijiet.

*(Silta addattata ta' Carmel Cacopardo, mis-sit elettroniku 'Illum')*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Imla l-vojt biex is-sentenza tagħmel sens skont dak li qrajt. (marka)

Il-belt ________ ___________ fl-Istati Uniti hi kontra l-użu tat-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ.

2. Xi rriżulta mir-riċerka li saret fl-Università ta' Shanghai? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

3. Islet opinjoni u fatt li juru kif din it-teknoloġija tista' tiġi użata ħażin. (4 marki)

Opinjoni:______________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

Fatt:__________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. X'inhu l-għan tal-proġett 'Safe Cities'? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

5. It-teknoloġija li tagħraf l-uċuħ, bħal kull teknoloġija oħra, tista' tintuża tajjeb u ħażin. Minn dak li qrajt, spjega kif dan jista' jseħħ. (4 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. Kif taħseb li jħossu l-kittieb fuq din it-tekonoloġija? Saħħaħ ir-risposta tiegħek billi tagħti raġuni **WAĦDA**. (3 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. Agħti **ŻEWĠ** modi kif il-kittieb jaffettwa lill-qarrej f'din is-silta. (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

8. Fisser il-frażijiet bis-sing taħthom, skont il-kuntest li huma użati fih fis-silta. (2 marki)

a. Huwa enfasizza li kien obbligu tal-awtoritajiet lokali li jistudjaw din <u>it-teknoloġija bir-reqqa</u>, biex jiżgura l-effettività tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

______________________________________________________________________________

b. Il-Kummissarju għall-Ħarsien tad-Data tkellem ukoll dwar id-data akkumulata u l-potenzjal li din tintuża ħażin biex issegwi l-movimenti tal-persuni, u b'hekk <u>timmina</u> d-dritt tal-privatezza.

______________________________________________________________________________

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(20 marka)**

L-istudenti jridu jwieġbu ħames eżerċizzji tal-metalingwa f'kuntest, li jinkludu eżerċizzju tal-morfoloġija ta' imla l-vojt, eżerċizzji tal-punteġġjatura u tas-sintassi, u eżerċizzji marbutin mat-tifsir tal-kliem.

**Il-Morfoloġija**

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. L-ewwel waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**Il-Bini tal-Belt Valletta**

L-ewwel ġebla tal-Belt Valletta **<u>tpoġġiet</u>** (poġġa) fit-28 ta' Marzu 1566, mill-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Jean Parisot de la Valette. L-Ordni ddeċidiet li ____________ (**bena**) l-belt il-ġdida fil-peniżola ta' Xiberras, ftit wara t-tmiem tal-Assedju l-Kbir tal-1565, biex b'hekk tibni u ____________ (**verb minn saħħa**) il-pożizzjoni tal-Ordni f'Malta, fejn effettivament ġiet assigurata l-____________ (**permanenti**) tal-Kavallieri fuq il-gżira. L-arkitett li ____________ (**disinn**) l-pjanta tal-belt kien Francesco Laparelli, li ____________ (**s-seba' forma ta' bagħat**) mill-Papa Piju V. Meta Laparelli ħalla l-Belt, xogħlu komplieh l-assistent tiegħu, Ġlormu Cassar, li pproġetta wkoll il-Konkatidral ta' San Ġwann u parti mill-fortifikazzjonijiet.

Fit-28 ta' Marzu 1566, ġie ____________ (**parteċipju passiv minn awgura**) il-bini tal-Belt, b'La Valette stess ipoġġi l-ewwel ġebla, fejn illum hemm il-Knisja tal-Vitorja. Il-pjanta tal-Belt kienet kemxejn ġdida għall-gżejjer ____________ (**Malta**), hekk kif waqt li l-bliet u l-irħula l-oħra Maltin kellhom toroq irregolari u ____________ (**sqaq**), il-belt il-ġdida kellha disinn rettangolari taħt forma ta' gradilja, mingħajr ebda Collacchio, li hi żona ristretta biss għal bini importanti. It-toroq kienu ____________ (**parteċipju attiv minn wesgħa**) u dritti, b'dik tan-nofs li ____________ (**beda**) minn Putirjal u tispiċċa fil-Forti Sant'Iermu fuq in-naħa l-oħra.

(Total: 10 marki)

**Is-Sintassi**

B. Għaqqad is-sentenzi f'waħda billi tuża l-kliem għaqqiedi t'hawn taħt. Jistgħu jintużaw DARBA. Ara wkoll li tuża l-għeliem tal-punteġġjatura meħtieġa. Sentenza minnhom trid tuża ŻEWĠ kelmiet għaqqieda.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| kif ukoll | mhux biss | imma | filwaqt | jew | għalkemm |

**Eż. Alice kitbet ittra. Wara marret timpustaha.**

**Alice kitbet ittra u wara marret timpustaha.**

1. Alex għadda mit-test tal-karozza. L-istess għamel James.

_______________________________________________

2. Gabriel għandu ħafna ammiraturi. Għandu wkoll min ma jaħmlux pinġut.

_______________________________________________

3. Tom huwa ambizzjuż. Ħuh bil-kontra tiegħu.

_______________________________________________

4. Mark jista' jmur b'tal-linja. Jista' jmur ukoll bil-mixi.

_______________________________________________

5. Il-ġar ta' ħdejna sinjur. Xorta mhux kuntent.

_______________________________________________

(Total: 5 marki)

**Is-Semantika**

Ċ. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem f'dan il-kuntest.

**Eż.** Oħti tħobb ix-**xadini**. Għalxejn ngħidulha biex ma toqgħodx **tixxadinja** ma' sħabha.

**L-ewwel waħda annimal u t-tieni tfisser tikkummiedja.**

1. Jiena **ħadt** nofs tużżana patata qabel ma sieħbi **ħatt** il-patata mill-karrettun.
2. Il-**kaħħal kaħħal** il-ħitan kollha tal-appartamenti ta' ħdejna.
3. It-tifel ta' ħija jħobb jilgħab bil-**kolla**, xħin **kollha** jkunu aljenati.
4. Il-President għandu **jagħlaq** il-laqgħa ta' filgħodu, u talab lis-Segretarju tiegħu biex **jagħlaq** il-bieb wara kulħadd.
5. **Ġuda** bies lil Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani. Toni mexa ta' **Ġuda** ma' sħabu tax-xogħol.

(Total: 5 marki)

**Taqsima D: Il-Letteratura** **(20 marka)**

**Letteratura: Referenza għall-Kuntest fuq poeżija ta' Dun Karm**

Aqra sewwa l-poeżija *L-Arloġġ* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Imqiegħed bħal għassa
Fit-tokk minn tad-dar,
In-ngħas bik ma jagħmel
La lejl u la nhar

Ittektek u sejjer
Maż-żmien illi jtir;
Ma tarġa' qatt lura
Isir dak li jsir.

Turini l-ħin t'issa
Bi vleġġa milqut,
U l-ħabar* iddoqqli
Kull siegħa li tmut.

La tgħaġġel fin-niket,
La tieqaf fil-ferħ
Tektika waħda għandek
Fil-ħidma u fis-serħ.

Nistħajlek trid tgħidli
Li kollox mhu xejn,
Jekk frugħa li tlellex,
Jekk dmugħ fil-għajnejn;

U l-ħajja tal-bniedem
Sew hena, sew hemm,
Bħal xemgħa li tixgħel
Iddub u tintemm.

Għalhekk inti qalbi
Timlieli bis-swied;
Fil-milja tal-ħajja
Tfakkarni fl-imwiet.

Arloġġ aħjar minnek
Ix-xemx ta' kuljum;
Billejl torqod magħna
Binhar magħna tqum.

Tgħallimni li wara
Il-ħidma hemm is-serħ,
Id-dawl wara d-dalma,
Man-niket il-ferħ.

Tħabbarli xemx isbaħ
Li tiddi bla tmiem,
Fejn kollox hu issa,
M'hemmx lura u quddiem.

Oh x'tama! Mhux kollni
Nintemm ġewwa t-trab;
'L hinn iżjed mill-qabar
Ħajja oħra tinsab.

*aħbar

Wieġeb:

1. Fl-indirizz poetiku, Dun Karm jgħid lill-arloġġ li hu mqiegħed bħal għassa. Lil min taħseb qiegħed jgħasses? (marka)

2. L-arloġġ jidher differenti mill-bniedem. Mill-ewwel erba' strofi sib u ikteb żewġ karatteristiċi tal-arloġġ li joħorġu din id-differenza. (2 marki)

3. X'emozzjoni jqanqal l-arloġġ fil-poeta? Saħħaħ dak li tgħid billi tirreferi għall-istrofa li toħroġ l-emozzjoni u agħti r-raġuni għaliex. (3 marki)

4. Spjega kif qed titħaddem is-similitudni fis-sitt strofa u l-effett li toħloq fuq il-qarrej. (3 marki)

5. Ikteb dwar il-metrika u uri jekk tikkumplimentax it-tema ttrattata f'din il-poeżija. (3 marki)

6. Fil-poeżija joħorġu aspetti opposti tal-ħajja. Spjega kif jidhru fil-poeżija u għaliex aspett ma jeskludix lill-ieħor, minkejja li huma l-antiteżi ta' xulxin. (3 marki)

7. F'madwar **100 kelma**, analizza l-mod kif il-poeta jiżvolġi t-tema eżistenzjali mill-punt di vista tiegħu, mill-bidu tal-poeżija sat-tmiem tagħha. (5 marki)

(Total: 20 marka)

**L-Iskema tal-Marki:**

**Taqsima A**

| Il-kriterji | QMK 2 40% | QMK 3 60% | Il-marki miksubin mill-kandidat/a |
|---|---|---|---|
| **L-istil imħaddem skont il-ġeneru u l-udjenza mogħtija fit-titlu** | **0-1** | **2-3** | |
| | Il-kitba fiha xi evidenza bażika ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | Il-kitba fiha evidenza ċara ta' attenzjoni għall-forma u għall-udjenza. | |
| **Il-kontenut jew l-ideat b'rabta mat-titlu magħżul** | **0-1** | **2-4** | |
| | Il-kitba ma tiżviluppax b'mod ċar. | Il-kitba tiżviluppa l-ideat bil-mod u b'mod ċar. | |
| **Is-sekwenza/koerenza u r-rabta bejn il-partijiet** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix. | Ftit rabta, minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara. | |
| **L-idjoma u l-lessiku mħaddem** | **0-2** | **3-4** | |
| | Kitba mhux skont l-idjoma Maltija u b'lessiku limitat ħafna. | Kitba li kważi timxi mal-idjoma Maltija, b'lessiku mifrux sew marbut mat-titlu. | |
| **Il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ortografija u l-grammatika, b'risq reqqa fil-kitba** | **0-2** | **3-5** | |
| | Il-kitba fiha għadd mhux ħażin ta' għeltijiet ortografiċi grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu ħażin tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi sempliċi u b'sintassi mhux preċiża;<br>▪ Kitba b'għadd kotran ta' żbalji tal-grammatika. | Il-kitba kważi nadifa minn għeltijiet ortografiċi u grammatikali tal-Malti:<br>▪ Użu kważi preċiż tal-punteġġjatura;<br>▪ Tħaddim ta' sentenzi mħalltin u b'sintassi kważi bla żbalji;<br>▪ Kitba bi ftit li xejn żbalji tal-grammatika. | |
| **L-għadd** | **8 marki** | **12-il marka** | |

**Aktar tagħrif marbut mal-iskema tal-marki tal-kitba kreattiva**

**L-iżbalji**

Żball repetut jitqies **żball wieħed**.

**Żbalji tal-grammatika u tal-ortografija**: naqqas marka għal kull żball. Jekk il-kandidat ikollu sa 10 żbalji differenti jew aktar mit-tnejn li huma jitlef il-marki kollha allokati għat-taqsima fejn hemm il-grammatika u l-ortografija.

**It-tul tal-komponiment tal-kitba kreattiva**

**QMK 2-3**

Il-komponiment irid ikun fih madwar 300 kelma.

- Għoxrin kelma ’l fuq u ’l isfel (330/280) minn din iċ-ċifra ma jitnaqqsux marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 250 sa 280: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 3 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 230 sa 250: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 4 marki.
- Jekk komponiment ikollu minn 200 sa 230: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi mill-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq jitnaqqsulu 5 marki.
- Jekk komponiment ikollu inqas minn 200 kelma: il-kandidat jiġi ppenalizzat billi l-marka li jagħti l-marker skont il-kriterji ta’ hawn fuq tiġi diviża bin-nofs.

Meta jkun hemm xi sitwazzjoni minn dawn li semmejna, il-marker irid jirreġistra dan it-tnaqqis ta’ marki fil-marġin; it-total tal-komponiment irid jinkludi dan it-tnaqqis.

**Taqsima B**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 2 8 marki | QMK 3 12-il marka |
|---|---|---|---|
| 1. | San Francisco | 1 | |
| 2. | Irriżulta li din it-teknoloġija tista' tidentifika kriminali minn filmati ġodda bi preċiżjoni ta' 90%. | 2 | |
| 3. | Opinjoni: F'San Francisco huma tal-fehma li din it-teknoloġija hi theddida serja għad-drittijiet ċivili.<br><br>Fatt: L-NGO 'Big Brother Watch' identifikat kif, bl-użu ta' din it-teknoloġija, 9 minn kull 10 persuni arrestati kienu innoċenti. | | 4<br>(2 marki kull waħda) |
| 4. | Xogħlu hu biex jaħdem favur is-sigurtà f'lokalitajiet Maltin. | 2 | |
| 6 | Din it-teknoloġija tista' tintuża b'mod tajjeb għax tista' tgħin biex inkunu aktar siguri. Tista' tintuża b'mod ħażin għax tgerrem, bla ma nindunaw, id-drittijiet tagħna. | | 4<br>(2 marki kull waħda) |
| 7. | Il-kittieb huwa kontra din it-teknoloġija.<br><br>Għażla minn dawn ir-raġunijiet:<br>1. Matul is-silta kollha jenfasizza l-perikli li toffri din it-teknoloġija.<br>2. Il-fatti jintużaw biss biex jenfasizzaw il-perikli u mhux il-vantaġġi ta' din it-teknoloġija.<br>3. Jinqeda b'esklamazzjonijiet bħal "X'biża'!" biex jesprimi l-opinjoni tiegħu.<br>4. Juża kliem b'konnotazzjoni negattiva biex jiddeskrivi din it-teknoloġija: "invażiva", "għodda tal-biża'", "difettuża", "theddida serja", eċċ. | 1<br><br>biex jikteb kif l-awtur huwa kontra. | 2<br><br>għar-raġuni li tingħata. |
| 9. | Għażla minn dawn ir-raġunijiet:<br>1. Isemmi lil Malta u proġetti lokali biex jenfasizza kif din it-teknoloġija se taffettwa lil Malta wkoll.<br>2. Jispjega billi jagħti fatti u eżempji skont il-preġudizzju tiegħu.<br>3. Jikteb fl-ewwel persuna plural biex jinvolvi lill-qarrej.<br>4. Jinqeda b'mistoqsija rettorika fit-titlu biex jinvolvi lill-qarrej.<br>5. Juża esklamazzjonijiet bħal "X'biża'!" biex jenfasizza l-gravità tas-sitwazzjoni. | | 2 |
| 8. | a. fid-dettall<br>b. tnaqqas | 2 | |
| | **Totali:** | **8** | **12** |

**Taqsima Ċ**

| Il-Metalingwa (QMK 2-3) | | |
|---|---|---|
| **Eżerċizzju A: Il-Konkatidral ta' San Ġwann ... Imla l-vojt.** | | |
| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 Markl** |
| 1. | tibni | Marka kull waħda. |
| 2. | ssaħħaħ | |
| 3. | permanenza | |
| 4. | ddisinja | |
| 5. | ntbagħat | |
| 6. | inawgurat | |
| 7. | Maltin | |
| 8. | sqaqien | |
| 9. | wiesgħa/wesgħin | |
| 10. | tibda | |

| Eżerċizzju B. Għaqqad is-sentenzi f'waħda billi tuża l-kliem għaqqiedi. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | Alex **kif ukoll** James għaddew mit-test tal-karozza. | Marka għal kull sentenza. Tweġibiet simili jingħataw il-marka xorta. |
| 2. | Gabriel **mhux biss** għandu ħafna ammiraturi, **imma** wkoll min ma jaħmlux pinġut. | |
| 3. | Tom huwa ambizzjuż, **filwaqt** li ħuh huwa bil-kontra. | |
| 4. | Mark jista' jmur b'tal-linja **jew** bil-mixi. | |
| 5. | Il-ġar ta' ħdejna sinjur, **għalkemm** xorta mhux kuntent. | |

| Eżerċizzju Ċii. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem f'dan il-kuntest. | | |
|---|---|---|
| **Numru** | **Tweġibiet** | **5 Marki** |
| 1. | ġbart/tfajt fil-basket/għażilt u niżżel/battal | Nofs marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | ħaddiem/bniedem li jkaħħal/kesa | |

| | | |
|---|---|---|
| 3. | materjal/grupp ta' nies | |
| 4. | ikkonkluda/jiġbed warajh il-bieb | |
| 5. | wieħed mill-appostli/traditur | |

**Taqsima D**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | QMK 2 40% marki | QMK 3 60% marki |
|---|---|---|---|
| 1 | L-arloġġ jgħasses liż-żmien. | 1 | |
| 2 | L-arloġġ m'għandux bżonn jorqod *(marka)* u hu dejjem konsistenti, bl-istess ritmu. *(marka)* | 2 | |
| 3 | Il-poeta jħossu mdejjaq u mħasseb. *(marka)* Fis-seba' strofa jgħid li qalbu timtela bid-dwejjaq *(marka)* għax l-arloġġ ifakkru fil-mewt. *(marka)* | 3 | |
| 4 | Il-poeta qed iqabbel il-ħajja ma' xemgħa li tixgħel, imma fl-aħħar mill-aħħar iddub u tispiċċa. Il-ħajja tibda u matul iż-żmien, kemm jekk bi żmien sabiħ kif ukoll ikrah, fl-aħħar mill-aħħar trid tintemm. *(marka)* Jinħoloq effett ta' riflessjoni dwar il-ħajja li xi darba jew oħra tispiċċa, effett ta' tmiem. *(2 marki)* | 1 | 2 |
| 5 | L-istrofi huma kwartini, il-versi senarji u r-rima mqabbża. *(marka)* Ir-ritmu li jinħoloq ifakkar fir-ritmu tat-tektika tal-arloġġ u allura l-metrika tradizzjonali tikkumplimenta t-titlu u t-tema tal-poeżija. *(2 marki)* | 1 | 2 |
| 6 | Il-poeta jgħid li, minħabba l-arloġġ, fl-aqwa tal-ħajja jiftakar fil-mewt, isemmi l-lejl u l-jum, il-ħidma u s-serħ, id-dawl u d-dlam u n-niket u l-ferħ, lura u quddiem. *(marka)* Dawn huma stati opposti, imma fil-verità jikkumplimentaw lil xulxin għax ma jistgħux jgħaddu mingħajr xulxin. Ma jistax ikollna s-serħ jekk ma jkunx hemm il-ħidma, ma nkunux nafu x'inhu ferħ jekk ma nesperjenzawx in-niket. Il-poeta hu konxju tal-bżonn tat-tnejn li huma. Filwaqt li mal-arloġġ hemm assoċjata l-mewt, l-aspetti opposti l-oħra jorbothom max-xemx u hija x-xemx li tgħallmu kif iħares lejhom u timlielu qalbu bit-tama. *(2 marki)* | | 3 |
| 7 | *Tweġibiet varji jkunu aċċettati. Eżempju:* Il-poeżija tittratta t-tema tal-eżistenza, il-ħajja tal-bniedem fuq din l-art li tibda, imma xi darba tintemm. *(marka)* Iż-żmien għaddej hu kkalkulat mill-arloġġ li dejjem jibqa' għaddej bla mhu affettwat mid-dwejjaq jew mill-ferħ. *(marka)* Il-poeta jidher inkwetat b'din il-qagħda tiegħu. Jgħid li l-arloġġ qiegħed hemm biex jurih il-mewt ta' kull siegħa li tgħaddi u jimmaġina lill-arloġġ jgħidlu li fil-ħajja kulma għandna mhu xejn. Il-poeta jinħass imtaqqal b'din l-idea. *(marka)* Iżda x-xemx hi aqwa mill-arloġġ għax tgħallmu li wara mument diffiċli jiġi mument ta' serħan. *(marka)* Imbagħad hemm xemx oħra li m'għandhiex tmiem. Il-poeta-qassis jirreferi għall-ħajja eterna lil hinn mill-ħajja fiżika u dan il-ħsieb jagħtih it-tama. *(marka)* | | 5 |

# L-Appendiċi

**L-Ewwel Appendiċi**

**TQASSIM TAL-AMMONTI TA' KLIEM GĦAT-TESTI TAL-FEHIM MIS-SMIGĦ, MILL-QARI U L-KITBA**

**Malti ĊES**

| **Il-Ħila** | **Numru ta' kliem** |
|---|---|
| **Is-Smigħ** | QMK2-3 – 450 kelma<br>QMK1-2 – 425 kelma |
| **Il-Qari** | QMK2-3 – 400 kelma<br>QMK1-2 – 350 kelma |
| **Il-Kitba: Il-Komponiment** | QMK2-3 – 300 kelma<br>QMK1-2 – 250 kelma |
| **Il-Komponiment fuq il-Letteratura** | QMK2-3 – 200 kelma<br>QMK1-2 – 150 kelma |

**It-Tieni Appendiċi**

**It-Termini Letterarji għaċ-ĊES tal-Malti**

Din il-lista tindika t-termini letterarji li l-kandidati huma mistennija ikunu jafu meta jersqu għall-Coursework u għall-eżami.

Mhux mistennija li kandidati jkunu jafu dettalji żejda fuq it-terminoloġija għax dan ixekkel l-iskop estetiku u funzjonali tat-termini fit-tiswir tax-xogħol. L-iskop ewlieni huwa l-apprezzament ta' dawn il-mekkaniżmi li jagħmlu d-diskors letterarju differenti minn dak ta' kuljum, u l-kandidati huma mħeġġa jiddiskutu l-effetti tagħhom fuqhom infushom u fuq ix-xogħol inġenerali. **Għandha tingħata importanza lil-letterarjetà tat-test.**

| L-Elementi tal-Ħoss | L-Elementi Figurattivi | L-Elementi Retoriċi | L-Elementi Strutturali |
|---|---|---|---|
| L-alliterazzjoni | Il-metafora | Ir-ritornell | L-asindeto |
| L-eliżjoni | Il-personifikazzjoni | L-anafora | Iċ-ċesura |
| Il-metru: il-vers regolari | Is-sineddoke | L-epiżewski | L-enjambment |
| Il-metru: il-vers ħieles/irregolari | Is-similitudni | L-anadiplosi | Id-djalogu |
| L-onomatopea | | L-antiteżi | Il-paralleliżmu |
| Ir-rima (l-għarfien tagħha) | | L-apostrofi | Il-polisindeto |
| Ir-rima mbewsa | | L-ewfemiżmu | Referenza/tqabbil ma' xogħol ieħor |
| Ir-rima mqabbża | | L-iperbole | L-istrofa |
| Ir-rima alternata | | L-ironija | Il-vokabularju magħżul (ir-reġistru) |
| Ir-rima interna | | Il-mistoqsija retorika | Il-plott |
| Ir-rima ħielsa | | Il-paradoss | Il-karatterizzazzjoni |
| | | Is-sarkażmu | L-ambjentazzjoni |
| | | It-ton tal-poeżija/proża | Il-ġrajja |
| | | | Is-sottotema |
| | | | Is-sottoplott |
| | | | It-tema |

*Dawk li huma mmarkati bl-isfar għandhom isiru fil-livell QMK 3.

**It-Tielet Appendiċi – testi fl-antoloġija *'Hemm Art fil-Folja'***

**Taqsima A: Dun Karm**

1. L-Arloġġ
2. Żagħżugħ ta' Dejjem
3. Għaliex?
4. Univers ieħor
5. Lill-Kanarin
6. Il-Għanja tar-Rebħa
7. Waħdi
8. Il-Għodwa
9. Il-Qalb tal-Bniedem

**Taqsima B: Novelli**

1. Ġużè Bonnici - Ġenn
2. Trevor Żahra - Il-Ħrafa ta' www.kullkulur.com
3. Joe Friggieri - Qsari tal-Fuħħar
4. Walid Nabhan - Il-Mutu
5. Rita Saliba - Farrett
6. Pierre J. Meilak - Il-Mejda tal-Mogħdija

**Taqsima Ċ: Siltiet mir-Rumanzi**

1. Tinsiex, Publius, Tinsiex - Kapitlu 5
2. Nazju Ellul - Kapitlu 9
3. Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka - Kapitlu 1
4. L-Ibleh - Kapitlu 20 (minn paġna 20 sa paġna 25)
5. Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ - Kapitlu 14
6. Magna Mater - Kapitlu 2

**Taqsima D: Poeżiji**

1. Rużar Briffa - Mill-Ġdid Poeta
2. Ġorġ Pisani - Għar Dalam
3. Anton Buttigieg - Lilia Agri
4. Karmenu Vassallo - Ħbiebi
5. Victor Fenech - F'Altamira Żewġ Barrin
6. Immanuel Mifsud - Il-Ktieb

7. Clare Azzopardi - Din Gżira Niexfa
8. Simone Galea - Lezzjoni
9. Maria Grech Ganado - Ħuta
10. Achille Mizzi - Solitaire
11. Marjanu Vella - Ħitan tas-Sejjieħ
12. Lillian Sciberras - Bħal Minutiera

**Ir-Raba' Appendiċi – Il-Ġeneri tal-Kitba**

**Struzzjonijiet/Direzzjonijiet**

- X'inhuma struzzjonijiet?

L-istruzzjonijiet jispjegaw lil xi ħadd kif jagħmel xi ħaġa.

- X'inhuma direzzjonijiet?

Id-direzzjonijiet jispjegaw lil xi ħadd kif għandu jasal f'post partikolari.

- Struzzjonijiet/direzzjonijiet għandhom kollhom titlu u għandhom jinkitbu fit-tieni persuna (int/intom) fl-imperfett u fl-imperattiv.
- Jistgħu jinkitbu f'punti, kif ukoll f'paragrafi; jekk ħa jinkitbu f'punti, importanti li struzzjoni ġdida tinkiteb f'linja ġdida u li jsiru f'sekwenza u b'mod kronoloġiku.
- Is-sentenzi għandhom ikunu diretti u kemm jista' jkun konċiżi, anke bl-użu ta' kliem għaqqiedi.
- Il-vokabularju użat għandu jirrifletti l-udjenza li se tużah.

**Intervista**

- X'inhi intervista?

L-intervista tinkiteb f'format ta' mistoqsija u tweġiba. L-għan tal-intervista huwa li tipprovdi tagħrif lill-qarrej dwar is-suġġett/sitwazzjoni/personaġġ li fuqu tkun l-intervista. Barra minn hekk, il-kwalità tal-intervista titkejjel b'kemm jirnexxilha tindirizza l-informazzjoni li jixtieq jikseb il-qarrej/semmiegħ.

- L-intervistatur se jkun qed jidher bħala **M** (għal mistoqsija) u min qed jiġi intervistat se jkun qed jidher taħt **T** (għal tweġiba). Wara l-ittri għandhom isiru ż-żewġ punti.
- Min se jintervista għandu jkun infurmat fuq dak li ħa jsaqsi u t-ton użat waqt l-intervista jrid ikun wieħed formali.
- Trid ssir introduzzjoni mill-intervistatur dwar persuna/sitwazzjoni/suġġett qabel jidħol għall-mistoqsijiet u għandu jkun hemm taħlita ta' mistoqsijiet magħluqa u miftuħa li jorbtu mal-għan tal-intervista. Għall-mistoqsijiet magħluqa għandha tintalab raġuni.
- L-intervistatur għandu jsaqsi l-mistoqsijiet b'ordni loġika u t-tweġibiet kollha li tagħti l-persuna intervistata jridu jkunu diretti.
- L-intervistatur jista' jagħti reazzjoni għal dak li ġie mwieġeb fil-parti tal-mistoqsija li jmiss.
- L-intervista tispiċċa b'konklużjoni biex l-intervistatur juri l-għeluq tagħha.

**Djalogu**

- X'inhu djalogu?

Djalogu huwa diskussjoni b'mod dirett bejn tnejn min-nies jew aktar.

- Importanti li d-djalogu jinbeda b'introduzzjoni. Dan għaliex tgħin lill-qarrej jifhem aħjar il-kuntest li fih qed isir dan il-ġeneru.
- Ikteb l-isem ta' wieħed mill-karattri li jkun se jibda jitkellem u wara ismu agħmel żewġ punti (:). Wara ż-żewġ punti ibda ikteb id-diskors dirett li se jgħid il-kelliem. Qis li meta taqleb għal kelliem ġdid, tibda linja ġdida, u rrepeti l-istess proċess.
- Jekk id-djalogu jkun parti minn kitba fit-tul, dan irid isir bl-użu tal-virgoletti u sinjali oħra tal-punteġġjatura li jkun hemm bżonn f'diskors dirett.
- Id-djalogu jispiċċa b'konklużjoni biex jintwera li l-konverżazzjoni ntemmet.

**Inventarju**

- X'inhu l-inventarju?

L-inventarju huwa rendikont ta' oġġetti mhux konsumibbli f'post partikolari.

- L-inventarju jippreżenta informazzjoni ċara u konċiża u għandu jinkiteb f'tabella/lista preċiża.
- L-inventarju jista' jkun kategorizzat f'taqsimiet differenti.
- L-oġġett għandu jkun innumerat, jinkiteb fis-singular u ħdejh tinkiteb il-kwantità tiegħu. In-numru tal-oġġett (il-kodiċi) irid jiddistingwi oġġetti differenti u varjetajiet differenti tal-istess oġġett. Eż. siġġu tal-istudent u siġġu tal-għalliem.

**Proċess**

- X'inhu proċess?

Proċess huwa sensiela ta' azzjonijiet jew passi li jridu jittieħdu fuq medda ta' żmien sabiex xi ħaġa tkun kompluta.

- Il-proċess irid ikun ċar u jagħti d-dettalji meħtieġa mingħajr tul żejjed.
- Il-proċess jista' jkun miktub f'lista jew f'sensiela ta' paragrafi u l-importanti li kollox jinkiteb f'sekwenza kronoloġika.
- Il-proċess irid juri eżatt il-punt tat-tluq u l-punt fejn wieħed irid jasal.
- Il-prodott finali jkun ir-riżultat ta' ħafna fażijiet marbuta flimkien, fejn kull fażi hija dipendenti fuq oħra.
- Dan il-ġeneru jista' jinkiteb kemm fl-imperfett, fil-perfett kif ukoll fil-futur. L-importanti li wieħed ikun konsistenti fl-użu tat-temp tul il-proċess kollu.

**Taħdita għal Okkażjoni**

- X'inhi taħdita formali?

Diskors ippreparat u miktub minn qabel li jittratta suġġett partikolari. Ġeneralment dan jinqara minn persuna waħda.

- Tinkiteb b'Malti mexxej b'tali mod li l-persuna qiegħda titkellem mal-udjenza.
- Wieħed irid iżomm f'moħħu t-tul ta' ħin stipulat u ġeneralment taħdita tkun iffukata fuq suġġett wieħed partikolari.
- L-introduzzjoni għandha tinkludi tislima, filwaqt li l-konklużjoni tinkludi ringrazzjament u dan il-ġeneru jista' jinqasam f'paragrafi skont il-ħtieġa.

**Editorjal**

- X'inhu editorjal?

L-editorjal jinkiteb fuq suġġett partikolari li fih jingħataw opinjonijiet, riflessjonijiet jew punti kritiċi fuqu. Dan jinkiteb minn editur ta' gazzetta, rivista jew pubblikazzjoni oħra. L-għan tal-editur huwa li jgħarraf u jikkonvinċi lill-qarrej jaqbel ma' dak li hu jkun qed jargumenta dwaru.

- L-editorjal irid ikollu titlu konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett.
- Editorjal kredibbli jkun ibbażat fuq riċerka u fatti.
- Fl-editorjal għandu jkun hemm l-opinjoni editorjali.
- L-editorjal jirrifletti fuq il-preżent u jista' jkun hemm referenzi għall-passat. Għalhekk għandu jinkiteb fl-imperfett u jkun maqsum f'paragrafi;
- Fuq in-naħa t'isfel tal-editorjal fuq ix-xellug għandu jinkiteb **L-Editur**.

**Riċetta**

- X'inhi riċetta?

Ir-riċetta tinkorpora fiha żewġ taqsimiet; il-lista tal-ingredjenti kif ukoll il-metodu li għandek issegwi biex tipprepara u ssajjar xi ikla partikolari.

- Riċetta dejjem għandha jkollha titlu li jindika l-ikel li se jiġi preparat.
- Għal kull taqsima jrid jinkiteb is-sottotitlu, jiġifieri l-ingredjenti u l-metodu.
- L-ingredjenti jridu jingħataw b'ammonti eżatti li se jintużaw. Idealment dawn għandhom jitpoġġew fl-ordni li se jiġu użati fil-metodu.
- Wara jinkiteb il-metodu, fejn tingħata l-informazzjoni kif għandu jiġi preparat u msajjar l-ikel.
- Il-metodu għandu jinkiteb fl-imperattiv, jiġifieri fit-tieni persuna singular (int).

**Rapport**

- X'inhu rapport?

Ir-rapport jagħti informazzjoni speċifika fuq xi ħaġa li ġrat.

- It-titlu jrid ikun konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett.
- Taħt it-titlu fuq in-naħa tax-xellug għandhom jinkitbu l-post u d-data sħiħa ta' dakinhar.
- Ir-rapport għandu jinkiteb fit-tielet persuna singular/plural fil-perfett jew fil-forma passiva u għandu jkun maqsum f'paragrafi.
- Min qed jirrapporta qatt ma għandu jsemmi l-ħsibijiet jew l-opinjonijiet tiegħu.
- Fl-aħħar tar-rapport fuq in-naħa tax-xellug għandu jitniżżel l-isem fittizju mogħti ta' min qed jirrapporta.

**Reċensjoni**

- X'inhi reċensjoni?

Reċensjoni hija evalwazzjoni ta' ktieb jew film b'kummenti analitiċi dwar il-prodott li tkun qrajt jew rajt.

- Irid jinkiteb fl-ewwel persuna fl-imperfett.
- Jingħata titlu bl-isem tal-ktieb/film u sottotitlu konċiż li jqanqal kurżità għar-reċensjoni.
- Tinkiteb introduzzjoni ġenerali dwar it-titlu u l-ġeneru tal-ktieb/film u jitniżżel għal liema udjenza huwa mmirat il-ktieb/film;
- Jingħad min hu/huma:

| | |
|---|---|
| l-awtur tal-ktieb, il-karattri prinċipali u meta ħareġ il-ktieb | id-direttur tal-film, l-attur/attriċi/atturi prinċipali u meta ħareġ il-film |

- Jinkiteb sommarju tal-ktieb/film imma ma tinkixifx l-istorja kollha.
- Jingħataw ir-reazzjonijiet u l-opinjonijiet dwar il-ktieb/film (tista' tinkludi kummenti fuq il-karattri, l-ambjent tal-istorja, il-lessiku/reġistru użat u x'tip ta' mużika tintuża).
- Bħala għeluq tinkiteb il-perċezzjoni dwar il-ktieb/film u lil min jiġi ssuġġerit.

**Artiklu Argumentattiv**

- X'inhu artiklu argumentattiv?

Artiklu argumentattiv huwa kitba bbażata fuq fatti u riċerka li tinstiga diskussjoni dwar suġġett partikolari bl-għan li tipperswadi lill-qarrej li dak li qed jingħad huwa minnu. Dan jinkiteb minn artikolista f'gazzetta jew rivista.

- It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett.
- Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista u l-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali.
- It-ton irid ikun kalm, formali, raġunat u persważiv.

- L-iżvilupp jippreżenta l-argumenti b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' argumenti opposti.
- L-artiklu jinqasam f'paragrafi u għandu jinkiteb fit-tielet persuna fl-imperfett.
- Il-konklużjoni għandha tagħti l-opinjoni tiegħek dwar is-suġġett.

**Artiklu ta' Opinjoni**

- X'inhu artiklu ta' opinjoni?

Artiklu ta' opinjoni huwa kitba bbażata fuq l-opinjonijiet personali dwar suġġett partikolari bl-għan li jagħti vuċi lil kull min jaqbel miegħu. Dan jinkiteb minn artikolista f'gazzetta jew rivista.

- It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett.
- Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista.
- L-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali u t-ton irid jittrasmetti l-entużjażmu tal-artikolista.
- L-iżvilupp jippreżenta l-opinjonijiet b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' ħsibijiet opposti.
- L-artiklu ta' opinjoni jinqasam f'paragrafi u għandu jinkiteb fit-tielet persuna fl-imperfett.
- Il-konklużjoni trid issaħħaħ l-opinjoni ewlenija tal-artikolista.

**Stedina**

- X'inhi stedina?

Stedina hija talba indirizzata lil xi ħadd biex jattendi għal xi okkażjoni jew biex jipparteċipa f'attività.

- Importanti li tinkludi punti kruċjali għall-istedina bħal min qed jistieden, min hu l-mistieden, x'inhi l-okkażjoni, il-post u d-data ta' din l-okkażjoni.
- Kull stedina tista' taddotta format ta' ġeneri differenti.
- Jistgħu jintużaw stil u ton formali jew informali, skont xi stedina se tinkiteb.

**Lista b'vantaġġi u żvantaġġi**

- X'inhi lista b'vantaġġi u żvantaġġi?

Din tinkiteb meta tkun trid issir analiżi u evalwazzjoni ta' suġġett jew sitwazzjoni. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi jinkitbu f'lista biex ikunu aktar organizzati u ċari.

- Tista' l-ewwel tinkiteb il-lista ta' vantaġġi u taħtha l-lista ta' żvantaġġi jew viċe versa.
- Tista' tinkiteb f'żewġ kolonni: kolonna għall-vantaġġi u oħra għall-iżvantaġġi. Għal kull vantaġġ imsemmi, jista' jkun hemm xi żvantaġġ relatat. B'hekk tinkixef l-istampa kollha.
- Għandhom jintużaw in-numri jew bullets għal kull punt imsemmi.

**Menù**

- X'inhu menù?

Menù huwa lista ta' ikel u xorb differenti li joffri restorant jew ħanut tal-ikel. Ġeneralment ikollu stampa, illustrazzjoni jew kulur biex jiġbdu l-għajn ta' dak li jkun. Permezz tiegħu l-klijent ikun jaf fiex jikkonsisti l-platt, l-ingredjenti li fih, kif ukoll il-prezz tiegħu.

- Fuq nett għandu jinkiteb l-isem tar-restorant.
- Taħt l-isem ta' kull platt jinkiteb fiex jikkonsisti (x'tip ta' ikel hu) u l-ingredjenti użati fih.
- Il-prezz għandu jinkiteb imma m'għandux jingħata enfasi.
- Menù jista' jkun fih taqsimiet differenti.
- Il-menù jrid ikollu varjetà, jinftiehem kollu kemm hu, u li jiftaħlek l-aptit.

**Slowgan**

- X'inhu slowgan?

Slowgan huwa frażi qasira użata bil-għan li tolqot lill-qarrej. Dan jinkiteb biex jgħaddi messaġġ dwar il-prodott, is-servizz jew il-kawża li qed jirrappreżenta.

- Frażi qasira, diretta u li tagħmel sens.
- F'każ li mal-frażi jkun hemm stampa, ara li jkunu jaqblu.
- Ikun effettiv biex jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej.

**Nota**

- X'inhi nota?

Nota hi kitba qasira li tista' tkun miktuba f'forma ta' messaġġ jew punti biex twassal jew iżżomm informazzjoni partikolari.

- Irid ikun hemm għażla jekk hux se tinkiteb b'mod formali jew informali. Dejjem skont il-mistoqsija.
- In-nota trid tkun diretta u tista' tieħu format ta' paragrafu qasir jew punti taħt xulxin.
- Fl-aħħar tan-nota importanti li jinkiteb l-isem fittizju mogħti ta' min qed jikteb biex il-qarrej ikun jaf min kiteb in-nota. Jekk in-nota ser tiġi miktuba b'mod informali m'hemmx għalfejn jinkiteb il-kunjom ukoll.

**Taqbila**

- X'inhi taqbila?

Taqbila trid tkun qisha forma ta' poeżija u jrid ikollha rima. Rima tista' tkun fl-aħħar tal-vers jew ġewwa l-vers basta jkun hemm ritmu meta tinqara. Taqbila rari tkun fuq suġġett serju.

Ħafna mit-taqbiliet tradizzjonali Maltin huma f'forma ta' għanja li meta jinqraw ikollhom ritmu mexxej.

- Tista' tkun magħmula minn diversi strofi jew minn strofa waħda biss.
- Importanti li jkollha rima u t-taqbila trid tinbena fuq suġġett partikolari.
- Għandu jingħata titlu konċiż lil kull taqbila.

**Rakkont Fattwali**

- X'inhu rakkont fattwali?

Kitba fattwali tirrakkonta ġrajja li ġrat tassew u tagħti xi tip ta' informazzjoni reali. L-istil irid ikun ta' xeħta narrattiva u deskrittiva.

- Rakkont għandu jkun maqsum f'paragrafi.
- L-introduzzjoni trid tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej filwaqt li l-konklużjoni trid tagħlaq l-istorja.
- Il-karattri, l-ambjentazzjoni (il-post, iż-żmien u s-soċjetà) u s-sitwazzjonijiet li jissemmew iridu jkunu reali u veritiera, sabiex jiġu deskritti bl-aħjar mod possibbli.
- Irid ikun hemm żvilupp kronoloġiku; sensiela ta' ġrajjiet wara xulxin u kull waħda twassal għall-oħra, biex ikun hemm korrettezza mal-fatti.
- Jinkiteb fl-ewwel jew fit-tielet persuna fil-perfett.

**Rakkont Fittizju**

- X’inhu rakkont fittizju?

Kitba fittizja hija mżewqa bl-immaġinazzjoni, fejn il-kittieb se jkun aktar liberu u kreattiv.

- Rakkont għandu jkun maqsum f’paragrafi.
- L-introduzzjoni trid tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej filwaqt li l-konklużjoni trid tagħlaq l-istorja.
- Id-deskrizzjonijiet ħajjin tal-karattri, tal-ambjentazzjoni (il-post, iż-żmien u s-soċjetà) u s-sitwazzjonijiet iridu jinsiltu mid-dinja immaġinattiva.
- Irid ikun hemm nisġa/plott li t/jagħmel sens.
- Għalkemm il-kittieb jista’ jkun kreattiv, ma jridx jitlef lill-qarrej fir-rakkont imma għandu jżommu interessat u fuq ix-xwiek.
- Jinkiteb fl-ewwel jew fit-tielet persuna fl-imperfett jew fil-perfett.

**Kitba ta’ djarju**

- X’inhi kitba ta’ djarju?

Djarju hija kitba personali u riflessiva fejn tikteb il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet dwar ħajtek.

- Importanti li fuq ix-xellug, qabel il-kitba nnifisha, jinkitbu d-data tal-ġurnata kif ukoll il-ħin.
- It-tislima trid tkun hekk: **Għażiż Djarju,**;
- Il-kitba ta’ djarju għandha tkun maqsuma f’paragrafi u l-kontenut jista’ jkun reali jew fittizju.
- Il-kitba tal-ġurnata tingħalaq b’tislija fuq ix-xellug u d-djarju jrid jinkiteb fl-ewwel persuna fl-imperfett jew fil-perfett.

**Avviż**

- X’inhu avviż?

Avviż jgħaddi tagħrif ġdid b’mod ċar u dirett.

- Jingħata titlu konċiż b’rabta mat-tagħrif mogħti.
- L-informazzjoni mogħtija trid tinftiehem faċilment u tkun relevanti mat-titlu.
- Tingħata attenzjoni lil min se jkun indirizzat l-avviż, speċjalment fejn jidħol il-lingwaġġ użat u jinkiteb fit-tielet persuna singular jew plural bit-temp futur.

**Reklam**

- X'inhu reklam?

Reklam jagħti tagħrif konċiż li jħajjar lin-nies tixtri xi prodott jew biex tuża xi servizzi.

- Jinkiteb titlu qasir u jintuża format li jolqot l-għajn.
- Il-kontenut irid ikun ċar, konċiż u jippreżenta aspetti tajbin tal-prodott/servizz.
- Tingħata attenzjoni lill-vokabularju użat sabiex jiġbed l-interess tan-nies.
- Jekk hu possibbli, inkludi wkoll xi stampi jew illustrazzjonijiet u ġeneralment jinkiteb fit-tieni persuna singular jew plural fl-imperattiv.

**Curriculum Vitae (CV)**

- X'inhu CV?
  Il-ħolqa: https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv

CV jiġbor informazzjoni korretta dwar il-persuna, l-isfond edukattiv, l-esperjenzi ta' xogħol, il-ħiliet u l-abbiltajiet li wieħed għandu u xi kisbiet oħra.

- Tintuża lingwa ċara u sempliċi biex tinqara faċilment.
- Is-CV jikkonsisti f'dawn it-taqsimiet:
  - Informazzjoni personali: Isem u kunjom, indirizz, numru tat-telefown u tal-mowbajl, indirizz elettroniku, data tat-twelid u nazzjonalità.
  - Xogħol/pożizzjoni: Hawnhekk irid jissemma x-xogħol li qed japplika għalih il-kandidat.
  - Esperjenzi ta' xogħol: Jinkitbu x-xogħlijiet kollha li kienu jsiru fi snin preċedenti inkluż id-dati. Trid tibda bl-aktar xogħol riċenti. Importanti li jitniżżlu xi ħiliet li nkisbu minnhom.
  - Edukazzjoni u Taħriġ: Jissemmew il-kwalifiki kollha inkluż id-dati, u jinkitbu l-ħiliet li nkisbu minnhom. Trid tibda bl-aktar kwalifika riċenti. Fil-ġenb jista' jitniżżel ukoll il-livell tal-QMK.
  - Ħiliet Personali: Titniżżel il-lingwa omm u lingwi oħra studjati, ħiliet fil-komunikazzjoni, ħiliet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol u ħiliet oħra.
- Irid jinkiteb fl-ewwel persuna u jintuża t-temp addattat skont it-taqsima.

**Applikazzjoni**

- X'inhi applikazzjoni?

Hija kitba ta' ittra biex titressaq talba formali lil istituzzjoni, kumpanija, awtorità jew organizzazzjoni. Din tista' tieħu formati differenti bħal ittra formali, formola jew ittra elettronika.

- Jekk se tintuża f'format ta' ittra formali, fuq fin-naħa tax-xellug, irid ikun hemm żewġ indirizzi: dak ta' min qiegħed jikteb u dak ta' min se jirċievi l-ittra, kif ukoll id-data.

- Jinkiteb lil min se tiġi indirizzata l-ittra u wara, fl-ewwel paragrafu jitniżżel fejn intwera l-avviż u r-raġuni għaliex qed tinkiteb l-ittra.
- Fit-tieni paragrafu, iridu jissemmew il-ħiliet ta' min qed jikteb. Jirreferi għall-edukazzjoni tiegħu, l-esperjenzi ta' xogħol u xi kwalitajiet personali.
- Fit-tielet paragrafu, jissemma li jixtieq jiltaqa' b'ħerqa biex joffri aktar tagħrif meħtieġ.
- Jingħad ukoll x'qed jinhemeż mal-ittra.

**Formola**

- X'inhi formola?

Formola hija dokument li jkollu spazju/i provdut/i biex wieħed jikteb jew jagħżel ir-risposta/i li jkun qed jintalab jagħti.

- Tinkteb b'mod ċar u li tingħaraf u tingħata l-informazzjoni eżatta.
- Jinkiteb biss dak li qed jiġi mitlub.

**Kepxin**

- X'inhi kepxin?

Kepxin hija sentenza qasira jew frażi li tinkiteb taħt stampa, ritratt, tpinġija jew grafika. Il-kepxin tagħti aktar informazzjoni li tikkumplimenta dak li jkun qed jidher.

- Trid tkun qasira iżda dettaljata.
- Is-sentenza jew frażi trid tkun fattwali li tiddeskrivi l-immaġni ta' fuqha, u mhux neċessarjament tinkludi opinjoni.

**Awtobijografija**

- X'inhi awtobijografija?

Fl-awtobijografija, il-kittieb jikteb dwaru u l-iżvilupp tiegħu f'esperjenzi li għarrab f'ħajtu.

- Tinkiteb fl-ewwel persuna u jissemma tagħrif fuq il-ħajja tal-kittieb.
- Jissemmew aspetti speċjali u interessanti dwaru.
- Jintużaw aġġettivi biex jiddeskrivu aħjar lill-kittieb.
- Isiru referenzi għal xi suċċessi, esperjenzi u sfidi speċifiċi li kellu f'ħajtu.

**Bijografija**

- X'inhi bijografija?

Il-bijografija tinvolvi numru ta' fatti dwar il-ħajja ta' persuna.

- Tinkiteb fit-tielet persuna.
- Jinkitbu fatti fuq il-ħajja tal-persuna.
- Jissemmew aspetti speċjali u interessanti dwarha.
- Jingħad x'inhu l-effett li jħalli fuq min qed jikteb il-bijografija u/jew fuq is-soċjetà.
- Jintużaw aġġettivi biex jiddeskrivi aħjar lil din il-persuna.
- Isiru referenzi għal xi suċċessi, esperjenzi u sfidi speċifiċi li kellha f'ħajjitha.

**Ittra Formali**

- X'inhi ittra formali?

L-ittra formali tinkiteb lil xi ħadd li m'għandekx kunfidenza miegħu jew f'sitwazzjoni li hi formali.

- F'ittra formali jrid jkun hemm żewġ indirizzi fuq ix-xellug: dak ta' min qiegħed jikteb u dak ta' min se jirċievi l-ittra u tinkiteb id-data taħt l-indirizzi.
- Fit-tislima ma jitniżżilx l-ewwel isem; minflok niktbu Għażiż/a u l-kunjom jew il-kariga ta' min se jirċievi l-ittra.
- L-ittra trid tinkiteb f'paragrafi.
- Fl-aħħar ikun hemm it-tislija bil-firma taħtha, u l-isem u l-kunjom ta' min qed jikteb taħt il-firma.

**Ittra Informali**

- X'inhi ittra informali?

L-ittra informali tinkiteb lil xi ħadd li għandek kunfidenza miegħu, ngħidu aħna membru tal-familja jew ħabib.

- Jinkiteb l-indirizz ta' min qiegħed jikteb fuq ix-xellug u tinkiteb id-data taħtha.
- Fit-tislima niktbu Għażiż/a u jitniżżel l-ewwel isem.
- L-ittra trid tinkiteb f'paragrafi u fl-aħħar ikun hemm it-tislija u l-isem u ta' min qed jikteb.

**Ittra Elettronika**

- X’inhi ittra elettronika?

L-ittra elettronika tista’ tkun kemm formali, kif ukoll informali. Dan jiddependi mill-iskop tal-ittra u lil min se tintbagħat.

- Tinkiteb l-informazzjoni t’hawn taħt;

| |
|---|
| **Lil**: L-indirizz elettroniku ta’ min se jirċievi l-ittra<br>**Mingħand**: L-indirizz elettroniku ta’ min qed jikteb<br>**Data**: Eż. Id-19 ta’ Mejju 2021<br>**Suġġett**: Is-suġġett li jagħti idea dwar xiex inhi l-ittra<br>……………………………………………………………………………………………………<br>……………………………………………………………………………………………………<br>…………………………………………………………………………………………………… |

- Tinkiteb it-tislima skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali).
- L-ittra elettronika trid tinqasam f’paragrafi u t-tislija ssir skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali).

**Taqsira**

- X’inhi taqsira?

It-taqsira hija ġabra ta’ punti ewlenin minn silta twila. Ġeneralment taqsira tkun terz tat-tul tat-test oriġinali.

- Tinqara s-silta sewwa.
- Jiġu mmarkati l-punti ewlenin u jinkiteb il-ġist tagħhom.
- Dak li qed jinkiteb jimxi mas-sekwenza u l-iskop tat-test oriġinali.
- Qatt m’għandhom jinkitbu opinjonijiet jew kummenti personali.

**Il-Ħames Appendiċi: Il-Metalingwa**

Din hija linja gwida tal-metalingwa marbuta ma’ kisba numru 10, li għandu jkopri għalliem u jħaddem student matul it-tliet snin tas-sekondarja. Ħafna minn dawn l-aspetti grammatikali jkunu diġà koperti fis-snin tal-primarja u tal-medja, u għalhekk tajjeb li jsir tħaddim aktar effettiv u profond tagħhom. Huwa importanti għal kull kelliem Malti li jħaddem tajjeb u jaħkem sewwa dan il-pilastru ewlieni fil-lingwa.

| Il-Morfoloġija | Is-Sintassi | Is-Semantika |
|---|---|---|
| L-affissi | Id-diskors dirett | Id-diskors figurattiv/metaforiku |
| L-aġġettivi | Id-diskors indirett | Il-klassifikazzjoni |
| L-alfabett | Is-sentenza attiva | L-omofoni |
| L-artiklu | Is-sentenza komposta | L-omografi |
| L-assimilazzjoni | Is-sentenza kumplessa | Is-sinonimi |
| Il-forom tal-verb | Is-sentenza passiva | Tifsir differenti ta’ kliem kompost |
| Il-ġens | Is-sentenza sempliċi | Użu ta’ idjomi u qwiel popolari |
| L-għadd | Is-sentenza subordinata | |
| Il-konsonanti | | |
| In-negattiv tal-verb | | |
| Il-partiċelli | | |
| Il-partiċipju attiv u passiv | | |
| Il-possessiv | | |
| Il-pronomi | | |
| It-tempijiet komposti | | |
| It-tempijiet tal-verb | | |
| It-tipi ta’ nomi | | |
| Il-verbi awżiljarji | | |
| Il-vokali | | |
| Iz-zokk morfemiku | | |